**Werrej**

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

L-Ewwel Parti

L-Ewwel Taqsima - L-Isfond

It-Tieni Taqsima - Il-Qafas Statistiku

It-Tielet Taqsima - L-Edukazzjoni dwar il-Bżonnijiet Speċjali fl-Ewropa

Ir-Raba' Taqsima - L-Aktar Punti Importanti mis-Sottomissjonijet

It-Tieni Parti

Il-Ħames Taqsima - L-Evalwazzjoni tal-Provedimenti ta' Sapport fit-Tagħlim

It-Tielet Parti

Is-Sitt Taqsima - Il-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida, Programm Parallel

Is-Seba' Taqsima - L-Iskejjel Speċjali

It-Tmien Taqsima - Ir-Reviżjoni tal-Qafas Legali

Id-Disa' Taqsima - Il-Kisba fuq id-Deżert tal-Post tax-Xogħol

**Annessi (f'CD Ipprovduta mar-Rapport)**

| | |
|---|---|
| Sottomissjoni 1 | Ko-ordinatur dwar il-Bżonnijiet Speċjali |
| Sottomissjoni 2 | Ġenituri ta' żewġt itfal bl-Awtiżmu |
| Sottomissjoni 3 | Ġenituri ta' tifel li għandu *Cerebral Palsy* |
| Sottomissjoni 4 | Student bid-*Dyslexia* |
| Sottomissjoni 5 | Ġenituri ta' tfal bid-*Dyslexia* |
| Sottomissjoni 6 | Omm ta' tifel bid-*Dyslexia* |
| Sottomissjoni 7 | Ġenitur ta' tifel b'sintomi ta' l-Awtiżmu |
| Sottomissjoni 8 | Dr. Marie Alexander |
| Sottomissjoni 9 | Is-Sinj Mervyn Vella |
| Sottomissjoni 10 | Bro. Martin Borg, Kulleġġ De La Salle, Kottonera |
| Sottomissjoni 11 | Alternattiva Demokratika |
| Sottomissjoni 12 | Universita' ta' Malta |
| Sottomissjoni 13 | Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) |
| Sottomissjoni 14 | MCAST (sessjoni ta' qsim ta' ideat) |
| Sottomissjoni 15 | Skola Primarja C, San Ġorġ, Qormi |
| Sottomissjoni 16 | Kulleġġ San Albert, Valletta |
| Sottomissjoni 17 | G.F. Abela Junior College, Msida |
| Sottomissjoni 18 | Skola Sekondarja Ogħla, G. Curmi, Naxxar |
| Sottomissjoni 19 | Is-Sinj. Maryanne Debono, membru tal-Kummissjoni Nazzjonali Familja |
| Sottomissjoni 20 | Is-Sur Lawrence Dalli, President, Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilita' |
| Sottomissjoni 21 | Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi |
| Sottomissjoni 22 | Għaqda Nazzjonali Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilita' |
| Sottomissjoni 23 | Fr. Anthony Cilia, Kulleġġ San Alwiġi |
| Sottomissjoni 24 | Assoċjazzjoni Skejjel Privati |
| Sottomissjoni 25 | Ċentru għar-Riabilitazzjoni tal-Fiżikament Ħandikappati |
| Sottomissjoni 26 | Dr. Paul Bartolo u t-Tim tal-Proġett Skejjel Inklużivi |
| Sottomissjoni 27 | Taqsima Riċerka u Żvilupp, ETC |
| Sottomissjoni 28 | Moviment Favur id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' |
| Sottomissjoni 29 | Aġenzija SAPPORT |
| Sottomissjoni 30 | Il-Fondazzjoni Eden |
| Sottomissjoni 31 | Ir-Razzett tal-Ħbiberija |
| Sottomissjoni 32 | Kunsill Lokali, Ħamrun |
| Sottomissjoni 33 | *Gozo Association for the Deaf* |
| Sottomissjoni 34 | Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ |
| Sottomissjoni 35 | *Down Syndrome Association* |
| Sottomissjoni 36 | *ADHD Family Support Group* |
| Sottomissjoni 37 | APPOĠĠ |
| Sottomissjoni 38 | Kunsill Lokali, Rabat |
| Sottomissjoni 39 | Għalliem, Servizzi ta' Interventi Bikrija |
| Sottomissjoni 40 | Għalliem Irtirat |
| Sottomissjoni 41 | Terapista Professjonali |
| Sottomissjoni 42 | Ġenitur ta' Tifel b'Nuqqas Sever ta' Smigħ |

| | |
|---|---|
| Sottomissjoni 43 | Membru ta' l-*iSpecial Olympics*, Malta |
| Sottomissjoni 44 | *Facilitator* |
| Sottomissjoni 45 | Ġenitur ta' tifel b'diżabilita' severa |
| Sottomissjoni 46 | Ġenituri ta' tifel bi problemi ta' mobilita' |
| Sottomissjoni 47 | Ġenituri ta' tifel bl-Awtiżmu |
| Sottomissjoni 48 | Professur Joseph M. Falzon |
| Sottomissjoni 49 | Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali |
| Sottomissjoni 50 | Dr. Paul Bartolo (f'isem il-Grupp ta' Ħidma Kurrikulu Minimu Nazzjonali) |
| Sottomissjoni 51 | Dr. Paul Bartolo (f'isem il-Grupp ta' Ħidma Kurrikulu Minimu Nazzjonali) |
| Sottomissjoni 52 | Dr. Paul Bartolo, Universita' ta' Malta |
| Sottomissjoni 53 | Grupp Iffukat dwar l-Edukazzjoni Inklużiva |
| Sottomissjoni 54 | Dr. Paul Bartolo, Universita' ta' Malta |
| Sottomissjoni 55 | Dr. Paul Bartolo, Universita' ta' Malta |
| Sottomissjoni 56 | Dr. Paul Bartolo, Universita' ta' Malta |
| Sottomissjoni 57 | Ġenitur ta' tifel bid-*Dyslexia* |
| Sottomissjoni 58 | Student bid-*Dyslexia* |
| Sottomissjoni 59 | Missier ta' tifel bis-*Cerebral Palsy* |
| Sottomissjoni 60 | Ġenituri tal-Kunsill ta' l-Iskola San Miguel |
| Sottomissjoni 61 | Missier ta' tifla ta' 8 snin bis-*Cerebral Palsy* |
| Sottomissjoni 62 | Il-Korporazzjoni ta' Impjieg u t-Taħriġ (ETC) (rapport) |
| Sottomissjoni 63 | Omm ta' tifel bid-*Dyslexia* |
| Sottomissjoni 64 | Omm ta' tifel b'diżabilita' fiżika |
| Sottomissjoni 65 | Is-Sinj. Myriam Aquilina, Assistent Direttur (Edukazzjoni Inklużiva) |
| Sottomissjoni 66 | L-Assoċjazzjoni Maltija tas-*Social Workers* |

**Sommarju Eżekuttiv**

1. L-Ewwel Parti tar-rapport, mill-Ewwel sar-Raba' Taqsima, tagħti l-isfond u l-evoluzzjoni ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali f'Malta.
2. It-Tieni Taqsima tagħti qafas statistiku. Tinkludi t-total u d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni ta' l-iskejjel ta' l-istat, tal-Knisja u dawk indipendenti, kif kienet fil-31 ta' Jannar 2005, li minnhom 2.57 % kienu studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali (BEI). Dan il-qafas jinkudi wkoll dettalji tas-sapport għat-tagħlim li jingħata lil dawn l-istudenti u l-ispiża annwali, imqabbla ma' l-ispiża totali pubblika, mal-Prodott Gross Domestiku (fi prezzijiet tas-suq).
3. It-Tielet Taqsima tagħti perspettiva Ewropea, meħuda minn rapport tematiku ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' l-Edukazzjoni dwar Bżonnijiet Speċjali.
4. Ir-Raba' Taqsima tagħti l-punti ewlenin tas-sottomissjonijiet li saru lill-Grupp ta' Ħidma (GĦ) minn dawk involuti, inklużi studenti, ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom, għalliema, dawk li jipprovdu sapport fit-tagħlim, u Għaqdiet Mhux Governattivi. (Dawn jinsabu fid-dettall fl-Anness tar-rapport).
5. It-Tieni Parti tar-rapport fiha l-Ħames Taqsima, li tevalwa s-sapport fit-tagħlim li jingħata, mill-assessment u l-intervent bikri, il-proċess ta' *statementing* għal tfal bi BEI u l-inklużjoni fl-iskejjel regolari. (L-Iskejjel Speċjali huma evalwati fis-Seba' Taqsima). Il-GĦ ikkonkluda li:
   - l-objettivi tal-*policy* ta' l-edukazzjoni inklużiva ma kinux implimentati b'mod effettiv permezz ta' provediment sistematiku ta' firxa ta' sapport li jissoddisfa b'mod sensibbli l-firxa ta' bżonnijiet bażiċi ta' tfal b'diżabilita' fil-gżejjer Maltin;
   - l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ftit mekkaniżmi ddisinjati biex jippromovu l-edukazzjoni inklużiva ma laħqux ma' l-estensjoni annwali dejjem tikber mill-ewwel snin tat-tfulija għal-livell post-sekondarju;
   - in-nefqa sostanzjali u dejjem tikber allokata biex jintlaħqu l-objettivi tal-*policy* ta' edukazzjoni inklużiva mhix tagħti valur xieraq għall-flus minfuqa billi jkun hemm struttura u operat sod u effettiv għall-*policy* ta' edukazzjoni inklużiva li hi essenzjali biex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet

leġittimi ta' l-istudenti b'diżabilita' fit-tagħlim, il-ġenituri u dawk li jieħdu ħsiebhom, u s-soċjeta' ġenerali.

6. It-Tielet Parti tar-Rapport, li tikkonsisti f'Taqsimiet minn Sitta sa Disgħa, fiha r-Rakkomandazzjonijiet tal-GĦ.
7. Fis-Sitt Taqsima, il-GĦ jirrakkomanda li jkun hemm Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida, mifrux fuq bejn seba' u għaxar snin, ibbażat fuq bidla mill-aspettattiva li s-sapport fit-tagħlim irid jingħata fuq bażi ta' waħda-għal-waħda jew fuq bażi xxerjata u li jkun jinkludi li:
    - l-iskrining mat-twelid, assessment u interventi bikrija għandhom jissaħħu b'riżorsi speċjalizzati xierqa u jinkludi l-preparazzjoni ta' Pjan Edukattiv Individwali fil-programm ta' qabel l-iskola;
    - il-proċess ta' *statementing* tat-tfal li huma rrapportati li għandhom diżabilita' għandu jsir minn tim multi-dixxiplinarju kemm jista' jkun fl-ambjent ta' l-iskola;
    - is-servizzi pprovduti lil student bi BEI għandhom il-ħin kollu jippromovu li wieħed jiddependi minnu nnifsu u jiskartaw il-perikli ta' kultura ta' dipendenza, u li jkunu parti minn *policy* ta' l-iskola li timmassimizza s-sapport lil, u l-kontribut ta', kull student, biex hekk ikun hemm *policy* koerenti u li tissapportja wieħed lil ieħor u li din tkun il-mutur biex ikun hemm inklużjoni totali; dawn l-objettivi għandhom ikunu l-bażi tal-proċess sħiħ ta' l-inklużjoni, mill-proċess ta' l-i*statementing* 'il quddiem;
    - l-għalliema studenti u l-għalliema diġa' fis-servizz għandu jkollhom taħriġ dwar kif tipprepara Programm Edukattiv Individwalizzat (PEI) u kif jassumu r-responsabilita' għall-implimentazzjoni tagħhom;
    - l-għalliema tal-klassi għandhom ikunu ggwidati u assistiti fl-approwċ tagħhom lejn l-edukazzjoni inklużiva minn grupp ġdid ta' speċjalisti, li jkun kompost minn INCOs, għalliema speċjalizzati miċ-ċentri ta' riżorsi għall-edukazzjoni speċjali (li għandhom jitwaqqfu mir-ristrutturar ta' l-iskejjel speċjali, kif irrakkomandat mill-Grupp fis-Seba' Taqsima);
    - għalliema speċjalizzati għandhom ikunu gradwati fl-edukazzjoni, bi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni f'oqsma speċifikati mid-Diviżjoni ta' l-

Edukazzjoni (DE) (nuqqas ta' dawl, nuqqas ta' smigħ, diffikultajiet severi ta' mġiba u ta' komunikazzjoni) skond analiżi tal-bżonnijiet eżistenti u dawk futuri kkalkulati; il-koordinaturi dwar il-BEI (INCOs) ikunu parti mill-grupp ta' għalliema speċjalizzati li jrid jinbena;

- ir-rwol ta' għalliema speċjalizzati jkun li jipprovdu sapport lill-għalliema tal-klassi, u lill-istudenti bi BEI;
- ċerti gruppi ta' studenti b'diżabilita', bħal dawk li għandhom nuqqas ta' dawl jew ta' smigħ, għandhom ikunu ssapportjati minn għalliema speċjalizzati, u minn servizzi pprovduti miċ-ċentri ta' riżorsi;
- assistent ta' sapport fit-tagħlim (AST) imħarrġa għandha tingħata lill-klassi kollha, biex tassisti lill-għalliem tal-klassi fejn, minkejja l-bidla rrakkomandata f'dan ir-rapport minn sapport estensiv, sapport kontinwu u ddedikat lill-klassi jkun ċar li hu meħtieġ mill-istudent bi bżonnijiet kbar ta' sapport fit-tagħlim;
- AST imħarrġa (bħalissa msejħa *facilitators*) għandhom ikunu kkwalifikati fil-livell ta' diploma; il-kors tad-diploma għandu jinkludi suġġetti bażiċi komuni lill-istudenti kollha fl-ewwel sena, u speċjalizzazzjoni skond id-diżabilita' fit-tieni sena; dawk li jsegwu dan il-kors iridu jsegwu żewġ oqsma differenti, biex hekk ikun hemm aktar mobilita' meta jiġu biex jingħataw ix-xogħol;
- kura personali meħtieġa minn xi studenti b'diżabilita' għandha tiġi pprovduta minn assistenti personali, li ma jkunux parti mill-istaff tal-għalliema jew AST, u li jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom fi skola waħda jew aktar. Dawn l-assistenti għandhom jingħataw taħriġ bażiku fil-kura personali u jkun mistenni minnhom li jieħdu ħsieb il-bżonnijiet personali ta' dawk l-istudenti li għandhom bżonn biss sapport fil-kura personali; dawk l-istudenti li għandhom diżabilitajiet oħra li minħabba fihom hemm bżonn ta' sapport, kif ukoll li għandhom bżonn ta' kura personali, għandhom jingħataw din il-kura mill-AST tal-klassi.

7.1 Il-GĦ jirrakkomanda li l-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida għandu wkoll:

- ikollu miri ċari dwar (a) it-taħriġ ta' l-istudenti għalliema li qed isegwu l-kors tal-B.Ed biex ikollhom provedimenti aktar b'saħħithom u aktar sostennibbli dwar is-sapport ta' studenti bi BEI u riflessjoni ta' l-iżviluppi filosofiċi, etiċi u operattivi ta' mudelli f'pajjiżi fejn hemm prattiċi tajba; (b) jiżdied il-grupp ta' għalliema speċjalizzati biex jipprovdu sapport lill-studenti bi BEI, permezz ta' taħriġ; u (ċ) jingħata taħriġ waqt ix-xogħol (*in-service*) lill-għalliema, assistenti kapijiet u kapjiet ta' skejjel li ma kellhom l-ebda taħriġ formali dwar it-teknika kif tagħmel PEI;
- timmobilizza r-riżorsi ta' l-iskola biex tespandi l-fokus dwar il-provedimenti għal studenti bi BEI, lil hinn mill-ko-ordinament li jingħata mill-INCOs; per eżempju, l-iskejjel għandu jkollhom, kif inhi l-prattika fl-Iżlanda, tim li jissapportja u jiggwida lill-għalliema li fil-klassi tagħhom ikollhom studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim, fl-imġiba jew fil-komunikazzjoni;
- isir qafas definit ta' żmien biex jitwaqqaf Ċentru Nazzjonali ta' Sapport li jiffunzjona sew.

7.2 Il-GĦ jirrakkomanda li flimkien mal-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida għandu jkun hemm Programm Parallel ta' Azzjoni mid-DE, mifrux fuq erba' snin, biex id-Diviżjoni tkun aktar viċina tal-bżonnijiet ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali. Bħala parti minn dan il-Programm, id-Diviżjoni għandha:

- tirristruttura d-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti u r-Relazzjonijiet Internazzjonali biex iħaddan fih biss l-edukazzjoni inklużiva u speċjali, kif ukoll servizzi oħra ta' sapport lill-istudenti; dan id-Dipartiment ikollu wkoll Taqsima dwar l-illitteriżmu;
- toffri, f'qafas ta' żmien ċar, taħriġ lill-kapijiet ta' l-iskejjel u l-għalliema li ma għandhomx il-ħiliet bażiċi biex jipprovdu sapport fit-tagħlim lill-istudenti bi BEI u li ma jistgħux jiggwidaw b'mod effettiv assistenti tat-tagħlim ġodda;
- tara li jkun hemm kors obbligatorju fil-livell ta' ċertifikat biex jgħolli l-livell ta' l-AST li m'għandhomx id-Diploma, strutturat b'mod li jieħu konsiderazzjoni ta' l-esperjenza miksuba u n-nuqqasijiet u ineffiċjenzi li

hemm; il-kors għandu jiġi akkreditat għall-finijiet ta' kors li jwassal għal Diploma;

- tagħti benefiċċju finanzjarju ta' darba fi tmiem il-kors lil dawk li jtemmu dan il-kors b'suċċess; filwaqt li għandha tirrikonsidra l-kuntratt tax-xogħol ta' dawk li jirrifjutaw li jagħmlu dan il-kors;
- tara li l-programmi ta' żvilupp professjonali li jsiru għall-għalliema wara l-ħin ta' l-iskola jiġu estiżi biex jinkludu lill-AST;
- tindirizza l-probabilita' kbira li jkun hemm nuqqas ta' tqabbil bejn il-bżonnijiet speċjali ta' l-istudent u s-sapport fit-tagħlim ipprovdut;
- tiżviluppa sistema biex, meta l-AST fi klassi ta' student *statemented* li jkollu bżonn sapport il-ħin kollu tkun assenti, l-istudent jattendi ċ-Ċentru ta' Riżorsi li normalment jipprovdilu sapport mill-bogħod;
- tintroduċi deskrizzjoni ta' xogħol aktar ċara marbuta mal-funzjonijiet meħtieġa mill-*facilitators* u staff ieħor li jipprovdi sapport;
- tgħolli immedjatment il-kwalifiċi minimi għar-reklutaġġ ġdid ta' staff li jipprovdi sapport;
- fis-sejħiet għall-applikazzjoni ta' AST, tagħmel differenza bejn kategoriji differenti ta' bżonnijiet, kif ukoll bejn dawk li se jaħdmu fil-livell primarju u dak sekondarju;
- tassigura li qabel jibdew ix-xogħol, AST ġodda jkollhom kors introduttorju obbligatorju u, fejn hu possibbli, esperjenza ta' xogħol ma' AST oħra;
- tara li l-PEI verament qed jitfasslu minn tim ta' persuni li jaħdmu ma' l-istudent; il-PEI għandu jkunu immoniterjat u aġġornat fuq bażi regolari, u servizzi ta' sapport għandhom jevolvu skond kif deċiż u maqbul fil-PEI;
- tara li jkun hemm pjan ta' tranżizzjoni għal studenti bi BEI, biex ikun hemm progress bla skossi minn livell għall-ieħor - jiġifieri mid-dar għall-kindergarten, għall-primarja, is-sekondarja u post-sekondarja, imbagħad għad-dinja ta' l-adulti.

- timmoniterja u tevalwa b’mod kontinwu, iffukat u kritiku l-proċess ta’ l-implimentazzjoni tal-*policy* ta’ l-edukazzjoni inkluživa u speċjali.

7.3 Għandha tingħata konsiderazzjoni biex ikun hemm fondi mill-Istat għas-servizzi individwali ta’ sapport lill-iskejjel Indipendneti fuq l-istess bażi li tingħata lill-iskejjel tal-Knisja. Minbarra l-ġustifikazzjoni fuq bażi ta’ ġustizzja soċjali, l-ispiża marġinali fuq il-fondi pubbliċi hi waħda insinifikanti;

7.4 Wara li jikkonsidra x’qed jiġi pprovdut fis-settur ta’ l-istat, it-talbiet mill-NGOs li jikkompetu ma’ xulxin, għall-assistenza u d-dritt tal-ġenituri li sa fejn hu possibbli, ikunu liberi li jagħżlu, il-Gvern għandu jiddetermina kif jgħin l-aħjar lill-ġenituri li jagħżlu programmi differenti biex jibbenefikaw b’mod ekwu minn din l-assistenza pubblika;

7.5 Il-Grupp jenfasizza li l-provedimenti ta’ l-istat għandhom ikunu ta’ l-ogħla kwalita’ biex hekk dawk li ma jistgħux iħallsu għall-provedimenti privati jkollhom aċċess għall-ogħla kwalita’ ta’ provediment edukattiv possibbli.

8. Fit-Tmien Taqsima hemm studju dwar il-qagħda ta’ l-iskejjel speċjali. Il-GĦ jirrakkomanda li l-iskejjel speċjali għandhom isiru ċentri ta’ riżorsi bi rwoli differenti biex ikunu jistgħu:
   - jaqdu l-bżonnijiet individwali ta’ studenti bi BEI li, minħabba l-grad jew in-natura ta’ diżabilita’ jibbenefikaw aktar minn edukazzjoni speċjali, waqt li xorta jkollhom pjan imfassal għall-inklużjoni fil-PEI tagħhom;
   - jirċievu żjajjar ipprogrammati minn studenti bi BEI li jattendu skejjel regolari li jistgħu jibbeneffikaw billi jużaw ir-riżorsi f’dawn iċ-ċentri;
   - iservu lill-iskejjel regolari permezzz tar-riżorsi tagħhom, u
   - joffru taħriġ lill-għalliema regolari, *facilitators* u AST oħra.

8.1 Id-deskrizzjoni tax-xogħol tar-riżorsi umani li jaħdmu fl-edukazzjoni speċjali għandha tkun skond is-settur u tikkorrispondi aktar lejn normi li hemm fl-Unjoni Ewropea, per eżempju rigward kemm jistgħu jerfgħu; l-

istruttura maniġerjali u l-livell ta' riżorsi għall-manutenzjoni allokati lil dan is-settur irid jiġi rivedut b'mod kritiku.

8.2 Id-DE għandha tagħżel numru ta' skejjel regolari primarji u sekondarji biex ikollhom taqsima li tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' studenti li għandhom nuqqas sever ta' smigħ. Dawn it-taqsimiet għandhom jipprovdu lill-istudenti sapport individwalizzat, waqt li jkollhom aċċess massimu għall-klassijiet regolari u għal provedimenti oħra ta' l-iskola.

8.3 Għandu jkun hemm Taqsima għat-Trasport waħda fi ħdan id-DE biex tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' l-istudenti kollha, b'personnel imħarreġ sew. Għandha tingħata konsiderazzjoni biex jiġi estiż, permezzz ta' fondi pubbliċi, it-trasport ta' studenti b'diżabilita' għall-iskejjel li mhumiex ta' l-istat.

8.4 Xi ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom huma lesti li flimkien joħorġu l-kapital meħtieġ biex jiżviluppaw djar għal numru żgħir ta' persuni, imma ma jistgħux jipprovdu l-fondi għall-ispiża kapitali. Il-Grupp iħoss li l-mudell ta' sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat, bħal ma qed jiġri fis-settur ta' ċittadini anzjani fi djar ta' l-anzjani privati, jista' jiġi addottat għal din il-proposta. Dan jista' jsir permezz ta' Sħubija bejn l-Istat u l-Ġenituri.

8.5 Il-fenominu li hemm tendenza li qed jiżdied in-numru ta' studenti bid-*dyslexia* jirrikjedi analiżi speċifika, kemm fir-rigward ta' kemm hi kbira din it-tendenza kif ukoll kif qed tiġi, jew mhix tiġi, indirizzata.

9. Il-Grupp irrakkomanda għadd ta' emendi għall-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-Att dwar l-Edukazzjoni ta' l-1988 biex ikunu aġġornati skond l-evoluzzjoni ta' l-edukazzjoni inklużiva. Jirrakkomanda wkoll it-twaqqif ta' Kumitat Permanenti ta' Kamra tar-Rappreżentanti dwar l-Oqsma tad-Diżabilita' u li jkun immexxi mill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, biex jirrifletti u jikkonferma l-karattru u l-objettivi nazzjonali inklużivi.

10. Il-GĦ jikkummenta li l-istudenti b’diżabilita’ qed isibuha diffiċli ħafna li jsibu xogħol. Ir-rekwiżiti legali għandhom ikunu infurzati. Is-settur pubbliku għandu jagħti l-eżempju billi jestendi opportunitajiet lill-persuni b’diżabilita’ li għandhom ir-rekwiżiti bażiċi biex jimlew dawn il-postijiet ta’ xogħol.

## Introduzzjoni

Fit-2 ta' Diċembru 2004, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, Dr Louis Galea, B.A., LL.D., MP, ħatar Grupp ta' Ħidma (GĦ) biex jirrevedi l-edukazzjoni inklużiva u speċjali, b'dawn it-termini ta' riferenza:

1. B'mod ġenerali jirrapporta fuq is-sitwazzjoni ta' l-edukazzjoni inklużiva fil-klassijiet tal-kindergarten, primarja, sekondarja, post-sekondarja u skejjel speċjali f'Malta u Għawdex.
2. Biex jassessja l-*policy* u l-prattika rigward l-edukazzjoni inklużiva b'attenzjoni speċjali lil
   a. ir-rwol u l-funzjonijiet ta' l-uffiċjali rispettivi, personnel u strutturi u
   b. l-għoti ta' servizzi fil-livelli differenti, b'mod partikulari s-servizz mogħti preżentament mill-*facilitators*.
3. Biex jirrapporta fuq is-sitwazzjoni ta' l-iskejjel speċjali f'Malta u f'Għawdex u jirrakkomanda r-rwol u l-funzjonijiet ta' dawn l-iskejjel fis-sistema edukattiva ta' llum għal tfal u studenti bi bżonnijiet speċjali fid-dawl tal-Kurrikulu Minimu u l-*Policy* dwar l-Edukazzjoni Inklużiva.
4. Biex jirrapporta fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji ddedikati lil dan il-qasam dwar l-użu effettiv tagħhom u l-valur tal-flus li qed jintefqu, u biex jagħti pariri dwar is-sostenibilita' finanzjarja tal-provedimenti ta' bħalissa kemm fl-iskejjel regolari kif ukoll f'dawk speċjali, u biex jirrakkomanda dwar ir-riżorsi meħtieġa u kif l-ispiża tal-provedimenti tas-servizzi f'dan il-qasam tista' ssir aktar effettiva.

Il-GĦ ġie mistieden jissottometti r-rakkomandazzjonijiet li jħoss li huma meħtieġa biex ikun hemm progress sostenibbli fil-qasam ta' l-edukazzjoni inklużiva, inkluż providementi leġislattivi meħtieġa.

Fil-kors tal-ħidma tiegħu, il-GĦ kellu jikkonsulta mal-partijiet kollha interessati f'dan il-qasam, inklużi persuni b'diżabilita', il-familji tagħhom, edukaturi, professjonisti u għaqdiet mhux governativi (NGOs).

Il-Grupp ġie mħeġġeġ jippreżenta r-rapport tiegħu sa l-aħħar ta' Ġunju 2005.

Il-GĦ kien kompost minn ħames membri: Lino Spiteri M.A. (Oxon), ċermen, u George Borg M.Ed (SEN)(Aberdeen), B.A.Educ, Dip.Ed (SEN), Anne-Marie Callus M.Ed (Wales), B.Ed.(Hons), Joseph Cauchi M.Ed., B.A.(Hons), Dip.Ed.Mgr & Adm., Dip.P.G.C.E., Micheline Sciberras M.A.(Durham), B.Ed.(Hons)., Dip.Y.S.

Il-Grupp beda din il-ħidma billi l-ewwel nett talab il-veduti ta' dawk kollha involuti, inklużi studenti, ġenituri, amministraturi ta' l-iskejjel, l-Universita' ta' Malta, il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), għalliema u assistenti fit-tagħlim fl-iskejjel primarji, sekondarji, sekondarja għolja u skejjel

speċjali, il-Malta Union of Teachers (MUT), għaqdiet mhux governattivi (NGOs), kif ukoll tal-pubbliku ġenerali.

Il-Grupp iltaqa' direttament ma' sezzjoni rappreżentattiva tas-sistema trepied edukattiva, li tinkludi, istituzzjonijiet ta' l-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, studenti bi BEI u ġenituri. Dan sar permezz ta' konsultazzjoni pubblika.

Il-Grupp iltaqa' ma' uffiċjali għolja tad-DE u rappreżentanti ta' taqsimiet varji li jipprovdu servizzi edukattivi, bħal ma huma ċ-*Child Development Advisory Unit* (CDAU), l-*iSpecific Learning Difficulties Unit* (SpLD), l-*iStatementing Moderating Panel* u l-*iStatementing Appeals Board*, il-Bord tal-MATSEC, il-MATSEC *Review Working Group*, u l-Kumitat dwar il-Bżonnijiet Speċjali ta' l-Universita'.

Il-GĦ iddiskuta wkoll is-sitwazzjoni ma' Dr Alfred Sant M.Sc., M.B.A. (Harvard), MP, Kap ta' l-Oppożizzjoni, kif ukoll ma' Dr Harry Vassallo LL.D, Ċermen ta' l-Alternattiva Demokratika.

Sottomissjonijiet bil-miktub lill-Grupp ġew riprodotti b'mod estensiv, b'rispett mistħoqq lill-privatezza fejn meħtieġ, fl-Anness ta' dan ir-Rapport. Il-punti prinċipali li saru mill-istudenti u l-ġenituri waqt laqgħa konsultattiva mal-Grupp huma inklużi wkoll. L-Anness jistħoqqlu attenzjoni partikulari minn min jixtieq li jibbenefika minn stampa aktar iddettaljata tas-settur milli jkollu mill-osservazzjonijiet tal-GĦ.

Il-Grupp fittex u sab l-għajnuna ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO), ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (OPM), tal-Ministeru tal-Finanzi u tad-DE biex jiġbor data rigward, fost l-oħrajn, il-popolazzjoni ta' l-iskejjel, in-numru ta' persuni bi BEI u l-finanzjament ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali.

## L-Ewwel Parti

### *L-Ewwel Taqsima - L-Isfond*

Bħal ħafna pajjiżi oħra, Malta tirrikonoxxi li l-edukazzjoni inklużiva hi *issue* dwar id-drittijiet umani.

Artiklu 23 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar it-Tfal (1989) jiddikjara li d-dritt ta' tfal b'diżabilita' li jgawdu minn ħajja sħiħa u deċenti f'kundizzjonijiet li jassiguraw id-dinjita' u jippromovu l-ħiliet biex ikunu jistgħu jiddependu fuqhom infushom, u li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva tat-tfal fil-komunita'. Il-Konvenzjoni tirrikkonoxxi d-dritt ta' tfal b'diżabilita' għal kura speċjali, edukazzjoni, kura medika, taħriġ, riabilitazzjoni, preparazzjoni għall-impjieg u opportunitajiet rikreattivi. Dawn kollha jridu jitfasslu f'manjiera li tippermetti li t-tifel jirnexxilu jilħaq:

> "l-integrazzjoni soċjali l-aktar possibbli u l-iżvilupp individwali, inkluż il-kultura tiegħu jew tagħha u l-iżvilupp spiritwali". [1]

Fl-1993, l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda addottat "Ir-Regoli Standard dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilita'". Dawn jiddefinixxu l-bżonn li l-provedimenti edukattivi għall-persuni b'diżabilita' jkunu fl-iskejjel regolari. Ir-Regoli jiddikjaraw li l-Istati għandhom:

> "jagħrfu l-prinċipju ta' opportunitajiet edukattivi indaqs f'ambjent integrat fil-livelli primarji, sekondarji u terzjarji għal tfal, żgħażagħ u adulti b'diżabilita'. Huma għandhom jiżguraw li l-edukazzjoni ta' persuni b'diżabilita' tkun parti integrali mis-sistema edukattiva".[2]

Id-dokument jenfasizza li fejn is-sistema ġenerali ta' l-iskejjel ma tistax tilħaq il-bżonnijiet tat-tifel b'diżabilita', imbagħad irid ikun hemm provedimenti ta' edukazzjoni speċjali.

L-Istqarrija ta' Salamanka (1994), li tagħha Malta hi firmatarja, fost affarijiet oħra tiddefinixxi l-bidla fir-rwol ta' l-iskejjel speċjali. Dawn l-iskejjel għandhom ikunu bħala:

> "riżorsa ta' valur fl-iżvilupp ta' l-iskejjel inklużivi... Skejjel speċjali jistgħu wkoll iservu ta' ċentri ta' taħriġ u ta' riżorsi lill-istaff ta' l-iskejjel regolari... Skejjel jew Taqsimiet speċjali fi ħdan skejjel inklużivi jistgħu jkomplu jipprovdu l-aktar edukazzjoni adatta lil numru relattivament żgħir ta' studenti b'diżabilita' li ma jistgħux jiġu moqdija b'mod adekwat fil-klassijiet u l-iskejjel regolari." [3]

Bħala firmatarja tad-Dikjarazzjoni ta' Madrid (fil-Kungress Ewropew tal-Persuni b'Diżabilita', 2002) Malta ngħaqdet mal-bqija ta' l-Ewropa biex tipproklama li d-

diżabilita' hi *issue* ta' drittijiet umani. Id-Dikjarazzjoni ta' Madrid ittenni fi kliem ieħor id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani u tistqarr li:

> "Kull esseru uman hu liberu u ugwali fid-dinjita' u d-drittijiet. Biex jintlaħaq dan il-għan, il-komunitajiet kollha għandhom jiċċelebraw id-diversita' fi ħdan il-komunitajiet tagħhom u jfittxu li jassiguraw li l-persuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jgawdu l-firxa kollha tad-drittijiet umani: ċivili, politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali kif rikonoxxuti f'diversi Konvenzjonijiet Internazzjonali, it-Trattat ta' l-UE u d-diversi kostituzzjonijiet nazzjonali." [4]

**Il-Qafas Legali**

Wara li kien hemm l-introduzzjoni ta' l-edukazzjoni primarja obbligatorja għal kulħadd fl-1946, kien hemm progress kontinwu fis-sistema, inkluż fis-settur tal-BEI. L-Att dwar l-Edukazzjoni ta' l-1974 stipula li tfal ta' l-eta' obbligatorja biex imorru l-iskola "li għandhom xi ħandikap mentali, emozzjonali jew fiżiku" kellhom jiġu reġistrati u jattendu f'dawk l-iskejjel speċjali li l-Ministru ta' l-Edukazzjoni jista' jindika."

Fil-preżent il-qafas legali għall-edukazzjoni inklużiva u speċjali jinsab fil-Kostituzzjoni, l-Att dwar l-Edukazzjoni, 1988 u l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita'), 2000.

**Il-Ġrajjiet l-Aktar Importanti**

L-ewwel ġrajjiet importanti fl-edukazzjoni speċjali f'Malta seħħew mill-1951 'l hawn u jinkludu:

- taħriġ ta' kap ta' skola fl-Ingilterra fit-terapija tad-diskors, u ta' żewġ għalliema biex jgħallmu "tfal mhux normali".
- ftuħ ta' klassijiet għal tfal b'nuqqas ta' smigħ u provedimenti simili għal tfal b'nuqqas ta' dawl;
- ftuħ ta' diversi skejjel għal studenti b'diżabilita'; u
- l-introduzzjoni ta' servizz peripatetiku (għalliema speċjalizzati li jipprovdu servizzi għal perjodu speċifiku lill-istudenti fl-iskejjel).

F'Marzu 1989, intbagħtet ċirkulari lill-kapijiet ta' l-iskejjel primarji kollha ta' l-Istat dwar "L-Integrazzjoni ta' Tfal Ħandikappati". Din enfasizzat li:

- tfal ħandikappati u b'xi mod żvantaġġjati għandu jkollhom kull opportunita' li jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom biex huma jikbru u jkollhom ħajja sħiħa u sodisfaċenti l-aktar possibbli fi ħdan il-komunita';
- jekk it-tifel ħandikappat jista' jimmaniġġja tajjeb fl-iskola ordinarja, hu jew hi għandhom imorru hemmhekk; ...jekk it-tfal ħandikappati jridu jgħixu fil-komunita' normali, huma ma għandhomx ikunu segregati

għall-edukazzjoni tagħhom fi skejjel speċjali imma għandhom ikunu edukati flimkien ma' tfal oħra fl-iskejjel ordinarji;
- il-kwalita' u l-personalita' tal-għalliema fl-iskejjel ordinarji huma ta' importanza kbira minħabba li riedu jinstabu soluzzjonijiet għad-diffikultajiet li xi kultant jinqalgħu."

*Policy* dwar l-edukazzjoni inklużiva kienet introdotta fl-iskejjel ta' l-istat fl-1995, u konsegwenza ta' hekk, tfal b'diżabilita' bdew jattendu skejjel regolari f'numru dejjem akbar.

**Għarfien u Parteċipazzjoni**

Matul is-snin kien hemm interess dejjem jikber dwar l-edukazzjoni inklużiva, kif jidher fit-twaqqif ta' diversi NGOs u aġenziji ta' l-istat li kkontribwew biex tinbidel il-perspettiva tas-Soċjeta' u l-apprezzament ġdid tad-diżabilita'.

Is-soċjeta' Maltija saret dejjem aktar konxja li l-edukazzjoni inklużiva mhux biss hi *issue* ta' drittijiet umani imma tista' tkun ta' ġid għas-socjeta' kollha.

F'dawn l-aħħar snin kien hemm aktar żviluppi f'entitajiet tal-Gvern, Mhux tal-Gvern u privati fil-provediment ta' servizzi fis-settur ta' l-edukazzjoni inklużiva, b'enfasi fuq il-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni bejn dawk kollha involuti.

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD)**

Inizjattiva qawwija dwar l-edukazzjoni inklużiva dehret aktar evidenti permezzz ta' l-influwenza li kellha l-KNPD fejn jidħol it-teħid ta' deċiżjonijiet. Fid-dokument li kellu kunsens ġenerali, L-Edukazzjoni Speċjali f'Malta: Policy Nazzjonali, ippubblikat fl-1993, il-Kummissjoni ddikjarat li:

**Il-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklużiva**

L-oqsma tad-diżabilita' b'mod ġenerali mhumiex *issues* ta' politika partiġjana. Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklużiva, ippresedut mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, twaqqaf fl-1996 mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura, is-sur Evarist Bartolo. Wara li kien hemm bidla fil-gvern fl-1998, dan il-kumitat reġa' ġie appuntat mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Louis Galea. It-termini ta' referenza għal dan il-kumitat kienu jinkludu:

1. Jindirizza immedjatament u b'effett il-problema ta' studenti b'diżabilita' li ma kinux f'dak iż-żmien qed jattendu xi forma ta' skola minħabba d-diżabilita' tagħhom.
2. Jipprepara pjan nazzjonali ta' azzjoni dwar kif tiġi implimentata l-*policy* kif stabilita mid-dokument nazzjonali tal-KNPD. Jidentifika r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa għal dan il-pjan.

3. Jidentifika r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex dan il-pjan ikun implimentat u wkoll jidentifika t-taħriġ neċessarju għal personnel eżistenti u tal-futur biex din il-*policy* tkun tista' tiġi implimentata.
4. Jassigura li miżuri kollha possibbli jittieħdu biex il-provedimenti edukattivi għall-istudenti b'diżabilita' jgħinhom jersqu lejn id-dinja tax-xogħol skond il-bżonnijiet partikulari ta' l-individwu.

Matul is-snin il-Kumitat Ministerjali (magħmul mir-rappreżentanti ta' dawk kollha prinċipalment involuti) iddiskuta diversi *issues* u żviluppa numru ta' *policies*. Dawn kienu jinkludu t-twaqqif ta' l-*Istatementing Moderating Panel*, l-*Istatementing Appeals Board* u l-pubblikazzjoni tal-*Policy* dwar l-Edukazzjoni Inklużiva biex tagħti direzzjoni u timmoniterja progress. Il-Kumitat ma ġiex ri-appuntat wara l-aħħar elezzjoni ġenerali ta' l-2003, b'antiċipazzjoni għal reviżjoni wiesgħa ta' setturi.

## Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (KMN) ippubblikat fl-1999 enfasizza bħala waħda mill-prinċipji maġġuri l-*issue* ta' l-edukazzjoni inklużiva.

Il-KMN jenfasizza li l-edukazzjoni inklużiva hi bbażata fuq l-impenn tas-soċjeta' kollha li qed titgħallem, li taddotta u timplimenta stateġiji u *policies* edukattivi inklużivi, kif ukoll tirrispetta u tiċċelebra d-diversita' individwali. Din il-kultura ta' bidla tmur 'il hinn mis-settur edukattiv kif iddikjarat fi Prinċipju 8 li jgħid:

> "Is-soċjeta' għandha responsabilita' morali li tafferma d-diversita', jekk hi temmen fit-twessigħ tal-fruntieri demokratiċi, fil-kultivazzjoni tal-kultura parteċipattiva, fid-difiża tad-drittijiet bażiċi tat-tfal, bil-ġlieda kontinwa kontra dawk il-fatturi kollha li ma jħallux l-abilitajiet differenti tat-tfal jikbru biex jagħtu l-frott u fis-salvagwardja u t-tisħiħ tal-kisbiet ta' pajjiżna fl-oqsma soċjali u kulturali."

Wara l-pubblikazzjoni tal-KMN, twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Kurrikulu. Dan il-Kunsill waqqaf numru ta' Gruppi Iffukati, wieħed minnhom kien iddedikat għall-edukazzjoni inklużiva. F'Settembru 2002, dan il-grupp ippubblika dokument bl-isem "*Creating Inclusive Schools*". [5] Dan id-dokument jiddeskrivi l-istrateġiji u l-prattiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni prattika tal-KMN. Permezz ta' indikaturi, dan il-ktieb jipprovdi għodda ta' evalwazzjoni u aktar żvilupp.

## Il-*Policy* dwar l-Edukazzjoni Inklużiva

Il-*Policy* dwar l-Edukazzjoni Inklużiva ppubblikata fl-2002 mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni:

a) Tiddiskrivi l-funzjonijiet tal-PEI u tistipula sitwazzjonijiet fejn għandu jiġi addottat proċess informali għall-iżvilupp ta' dan il-programm u l-

alternattiva, meta hu neċessarju li jkun hemm proċess formali għall-i*statementing*;

b) Tirregola t-twaqqif, il-kompożizzjoni, il-funzjonijiet u l-proċeduri ta' l-*Istatementing Panel*.

c) Tirregola t-twaqqif, il-kompożizzjoni u l-funzjonijiet tal-Bord ta' l-Appelli.

**Il-Proċess ta' l-Inklużjoni**

Fl-1994 ftehim bejn l-MUT u l-Gvern jirreferi għal kemm għandha tkun kbira klassi meta jkun hemm student b'diżabilita':

> " In-numru massimu ta' studenti fi klassi għandu jkun kif ġej:
> Primarja*, Sekondarja u Junior Lycuem, Forms I u II - 30
> ( *sakemm meta fil-klassijiet li għandhom studenti bi bżonnijiet speċjali in-numru ta' studenti ma għandux ikun aktar minn 26.)"

Dan il-provediment sar meta sapport fit-tagħlim addizzjonali lill-għalliem tal-klassi kien għadu ma ġiex introdott. Bl-implimentazzjoni tal-*policy* ta' l-edukazzjoni inklużiva fuq skala akbar, ġie deċiż li jibda jiġi pprovdut sapport fit-tagħlim fil-klassijiet ta' l-iskejjel regolari, b'żieda mal-għalliem tal-klassi. Dan is-sapport fit-tagħlim fil-klassi kien maħsub għal studenti li jkunu *statemented* li għandhom BEI li ma setgħux jiġu milħuqa mir-riżorsi regolari ta' l-iskola.

L-i*statement* hu ġġenerat mill-*Istatementing Moderating Panel*. Dan isir wara li ssir talba għall-assessment tal-bżonnijiet ta' l-istudent mill-ġenituri. Il-kap ta' l-iskola u l-għalliema huma mistiedna jipparteċipaw f'dan l-assessment. Id-deċiżjoni tal-*Panel* tista' tiġi kkontestata permezz ta' l-*Istatementing Appeals Board*.

Id-DE tipprovdi s-sapprt billi talloka AST lill-klassi. Fil-prattika sapport fil-klassi jingħata jew fuq bażi ta' waħda-għal-waħda ( assistent wieħed ma' student wieħed bi BEI), jew fuq bażi xxerjata  (assistent  wieħed ma' numru żgħir ta' studenti bi BEI) skond il-bżonnijiet partikulari ta' l-istudent. L-assistent hu mistenni li jissapportja lit-tfal kollha tal-klassi, imma li jagħti attenzjoni partikulari lill-bżonnijiet ta' l-istudent/i li jkun/u *statemented*.

Bil-bidu ma kienx hemm AST mħarrġa. Sapport kien jingħata minn assistenti li kellhom kwalifiċi akkademiċi bażiċi, relatati la mat-tagħlim u lanqas ma' studenti bi BEI. Parallel ma' dan, kors għall-*facilitators* li jwassal għal diploma ġie organizzat mill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni. Għalih attendew 34 persuna. In-numru ta' studenti *statemented* kiber b'mod ħafna aktar milli mistenni, u mijiet ta' "*supply kindergarten assistants*" ġew reklutati biex tiġi sodisfatta din id-domanda. Żewġ korsijiet oħra ta' diploma *part-time* ġew organizzati. Ir-raba' kors beda mill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni f'Ottubru 2004, u għalih applikaw 300 għall-mitt post li kien hemm.

Kors *part-time* ta' wara l-gradwazzjoni li jwassal għal kwalifika ta' Ko-ordinatur fl-Edukazzjoni Inklużiva (INCOs) beda mill-Fakulta' fl-2004/5 fuq talba tad-DE.

**L-iskejjel tal-Knisja u Indipendenti**

L-iskejjel tal-Knisja u indipendenti żammew il-pass, minn aktar u minn anqas, ma' l-iżviluppi fis-settur statali, u barra minn Malta. L-edukazzjoni inklużiva saret ukoll parti integrali mill-istruttura ta' dawn iż-żewġ saqajn tat-trepied tas-sistema edukattiva Maltija. Fil-każ ta' l-iskejjel tal-Knisja, assistenti fit-tagħlim ġew allokati fil-klassi fuq l-istess mudell ta' l-iskejjel ta' l-Istat, għalkemm kienu reklutati bi proċedura differenti u mħallsa mill-istat skond il-ftehim bejn is-Santa Sede u l-istat ta' Malta dwar l-Iskejjel tal-Knisja ta' l-1991.

---

[1] Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989), Artiklu 21

[2] Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda (1993), Ir-Regoli Standard dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilita'

[3] Stqarrija ta' Salamanka (1994; p.12, para.9)

[4] Dikjarazzjoni ta' Madrid (2002), Kungress Ewropew tal-Persuni b'Diżabilita' (p.1, Artiklu 1).

[5] Kunsill tal-Kurrikulu Nazzjonali (2002), *Creating Inclusive Schoolsl, Guidelines for the Implementation of the National Minimum Curriculum Policy on Inclusive Education*.

### *It-Tieni Taqsima - Il-Qafas Finanzjarju u Statistiku*

Il-GĦ fittex li jibni qafas finanzjarju u statistiku għad-deliberazzjonijiet tiegħu billi jipproduċi tabelli f'din it-Taqsima minn data mitluba minnu mid-DE, il-Ministeru tal-Finanzi u l-NSO.

Tabella 1 toffri ritratt ta' l-iskejjel li jipprovdu l-edukazzjoni sal-livell sekondarju għoli fit-trepied magħmul mill-iskejjel ta' l-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, u fl-iskejjel speċjali ta' l-istat. It-tabella taqsam il-popolazzjoni f'dawn l-iskejjel fil-livelli varji, kif kienu fil-31 ta' Jannar 2005.

***Tabella 1:*** **L-Istituzzjonijiet Edukattivi u l-popolazzjoni ta' l-iskejjel, Malta & Għawdex (1/01/05)**

| Istituzzjonijiet | Kinder | Primarja | Sekondarja | Sek. Għolja | Skejjel Speċjali | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Malta:* | | | | | | |
| Stat | 55 | 65 | 30 | 1 | 5 | 156 |
| Knisja | 28 | 22 | 21 | 21 | 0 | 92 |
| Indipendenti | 29 | 15 | 9 | 2 | 0 | 55 |
| *Sub-total, Malta* | *112* | *102* | *60* | *24* | 5 | *303* |
| *Għawdex* | | | | | | |
| Stat | 11 | 11 | 2 | 1 | 1 | 26 |
| Knisja | 6 | 4 | 1 | 0 | | 11 |
| Indipendenti | 0 | 0 | 0 | 0 | | 0 |
| *Sub-total, Għawdex* | *17* | *15* | *3* | *1* | 1 | *37* |
| ***Total, Malta & Għawdex*** | ***129*** | ***117*** | ***63*** | ***25*** | **6** | ***340*** |
| **Il-Popolazzjoni ta' l-Iskejjel** | | | | | | |
| ***Malta:*** | | | | | | |
| Stat | 4,366 | 16,867 | 16,414 | 1,800 | 267 | 39,714 |
| Knisja | 1,158 | 6,682 | 7,196 | 648 | 0 | 15,684 |
| Indipendenti | 1,749 | 4,036 | 2,410 | 126 | 0 | 8,321 |
| *Sub-total, Malta* | *7,273* | *27,585* | *26,020* | *2,574* | 267 | *63,719* |
| *Għawdex* | | | | | | |
| Stat | 222 | 1,651 | 1,864 | 567 | 19 | 4,323 |
| Knisja | 276 | 673 | 350 | 0 | 0 | 1,299 |
| Indipendenti | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| *Sub-total, Għawdex* | *498* | *2,324* | *2,214* | *567* | 19 | *5,622* |
| ***Total, Malta & Għawdex*** | ***7,771*** | ***29,909*** | ***28,234*** | ***3,141*** | **286** | ***69,341*** |

*Sors:DE, mibnija*

F'dik id-data kien hemm b'kollox 340 skola fi tliet setturi: 302 skola f'Malta (89% tat-total) u 37 (11%) f'Għawdex. Is-settur statali kien l-akbar, b'156 skola f'Malta,

li minnhom 5 kienu skejjel speċjali, u 25 f'Għawdex, inkluża taqsima speċjali ma' skola regolari. Ma hawn l-ebda skola speċjali fiż-żewġ setturi nazzjonali l-oħra.

Waqt li s-settur statali, kif mistenni, hu l-akbar, b' aktar minn nofs (182) l-iskejjel ta' Malta u Għawdex, iż-żewġ setturi l-oħra flimkien jiġu viċin wara. Minn dawn, is-settur tal-Knisja hu ferm akbar, b'103 skola f'Malta u Għawdex meta mqabbel mal-55 skola indipendenti, li kollha qegħdin f'Malta.

Il-popolazzjoni totali ta' l-iskjjel fil-31 ta' Jannar 2005 kienet ta' 69,341, li minnhom 63,719 (92%) jattendu fi skejjel f'Malta u 5,622 (8%) f'Għawdex. Għal darb'oħra, is-settur ta' l-Istat kien l-akbar billi jipprovdi edukazzjoni lil 44,037 student f'Malta u f'Għawdex, jew 63.5% tal-popolazzjoni totali ta' l-iskejjel. Is-settur tal-Knisja ġie t-tieni b'16,983 student, jew 24.5%. F'dik id-data, l-iskejjel Indipendenti kienu qed jedukaw 8,321 student f'Malta (f'Għawdex xejn), jew 12% tal-popolazzjoni totali ta' l-iskejjel. Ta' min jinnota li l-iskejjel indipendenti għandhom numru sostanzjali akbar mill-iskejjel tal-Knisja fil-livell ta' kindergarten. Dan il-fattur jsir aktar sinifikanti fil-kuntest tad-data li tidher f'Tabella 2.

***Tabella 2: Studenti bi BEI u fl-Iskejjel Speċjali mqabbla mal-Popolazzjoni ta' l-Iskejjel (31/01/0***

| **Il-Popolazzjoni ta' l-Iskejjel** | **Kinder** | **Primarja** | **Sekondarja** | **Sekondarja Għolja** | **Sub-Total Regolari** | **Skejjel Speċjali** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | 7,273 | 27,585 | 26,020 | 2,574 | 63,452 | 267 | 63,71 |
| Għawdex | 498 | 2,324 | 2,214 | 567 | 5,603 | 19 | *5,622* |
| **Total** | **7,771** | **29,909** | **28,234** | **3,141** | **69,055** | **286** | **69,34** |
| Li minnhom bi BEI u Studenti ta' l-Iskejjel Speċjali | Kinder | Primarja | Sekondarja | Sekondarja Għolja | Total ta' BEI fl-iskejjel Regolari | Skejjel Speċjali | Total & fl-Iskejje Speċja |
| *Malta* | | | | | | | |
| Stat | 56 | 679 | 247 | 3 | 985 | 267 | 1,252 |
| Knisja | 18 | 222 | 145 | 0 | 385 | 0 | 385 |
| Indipendenti | 0 | 4 | 5 | 0 | 9 | 0 | 9 |
| Sub-Total, Malta | 74 | 905 | 397 | 3 | 1,379 | 267 | 1,646 |
| *% tal-livell ta' Malta* | *1.02* | *3.28* | *1.53* | *0.12* | *2.17* | *100.00* | |
| *% tat-total tal-popolazzjoni ta' l-iskejjel f' Malta* | *0.12* | *1.42* | *0.62* | *0* | *2.16* | *0.42* | *2.58* |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Għawdex*<br>Stat<br>Knisja<br>Indipendenti | <br>2<br>1<br>0 | <br>79<br>13<br>0 | <br>21<br>4<br>0 | <br>0<br>0<br>0 | <br>102<br>18<br>0 | <br>19<br>0<br>0 | <br>121<br>18<br>0 |
| Sub-total, Għawdex | 3 | 92 | 25 | 0 | 120 | 19 | 139 |
| *% tal-livell ta' Għawdex* | *0.6* | *3.96* | *1.13* | *0* | *2.14* | *100* | |
| *% tat-total tal-Popolazzjoni ta' l-iskejjel f'Għawdex* | *0.05* | *1.64* | *0.44* | *0* | *2.13* | *0.34* | *2.47* |
| **Total, Malta & Għawdex** | **77** | **997** | **422** | **3** | **1,499** | **286** | **1,785** |
| *% ta' Malta & Għawdex* | *0.99* | *3.33* | *1.49* | *0.10* | *2.17* | *100.00* | *2.57* |
| *% tat-Total tal-Popolazzjoni ta' l-Iskejjel* | *0.11* | *1.44* | *0.61* | *0.00* | *2.16* | *0.41* | *2.57* |
| *BEI u fl-iskejjel speċjali*<br>*Studenti fis-setturi nazzjonali*<br>Stat | <br><br>58 | <br><br>758 | <br><br>268 | <br><br>3 | <br><br>1,087 | <br><br>286 | <br><br>1,373 |
| *% tal-Livell Nazzjonali* | *0.75* | *2.53* | *0.95* | *0.10* | *1.57* | *100.00* | *1.98* |
| Knisja | 19 | 235 | 149 | 0 | 403 | 0 | 403 |
| *% tal-Livell Nazzjonali* | *0.24* | *0.79* | *0.53* | *0.00* | *0.58* | *0.00* | *0.58* |
| Indipendenti | *0* | *4* | *5* | *0* | *9* | *0* | *9* |
| *% tal-Livell Nazzjonali* | *0* | *0* | *0* | *0* | *0* | *0* | *0.01* |
| **Total** | **77** | **997** | **422** | **3** | **1,499** | **286** | **1,785** |

Nota: BEI fl-iskejjel ta' l-Istat u tal-Knisja huma studenti *statemented* li għandhom *Facilitator jew* ieħor

Fl-iskejjel indipendenti huma studenti ssapportjati minn *facilitator* privat

*Sors: Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni,mibnija*

It-Tabella turi n-numru ta' studenti bi BEI fl-iskejjel regolari, skond kull level (kindergarten, primarja, eċċ) u skond il-popolazzjoni totali skolastika.

Fiż-żmien meta kien qed isir ir-rapport l-iskejjel indipendenti ma kellhom l-ebda student *statemented* fil-popolazzjoni skolastika tagħhom. Huma rrapportaw disa' studenti (f'żewġ skejjel) bi BEI. Dawn huma inklużi f'Tabella 2.

Xi skejjel indipendenti wkoll taw parir lill-Grupp li kellhom studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim li mhumiex eliġibbli biex jiġu *statemented* meta dan il-proċess jiġi estiż għal dan settur. L-iskejjel jipprovdu lil dawn l-istudenti b'tagħlim kumplimentarju.

Diversi edukaturi fis-settur ta' l-iskejjel indipendenti saħħew l-impenn tagħhom favur l-edukazzjoni inklużiva, u spjegaw li spiss tfal jiġu rreġistrati magħhom mat-twelied, jew ftit wara. Għalhekk huma taw parir lill-GĦ li huma qatt ma kellhom jirrifjutaw studenti li wara jinstab li jkunu żviluppaw xi diżabilita'.

Kif inhuma l-affarijiet, imma, l-inċidenza ta' tfal b'diżabilita' fl-iskejjel regolari hi evidenti b'mod qawwi fl-iskejjel ta' l-Istat. Fil-31 ta' Jannar 2005, minn total ta' 1,785 student bi BEI fl-iskejjel regolari u speċjali - 2.57% tal-popolazzjoni skolastika - 1,373 kienu fl-iskejjel Statali (1,087 fi skejjel regolari u 286 fi skejjel speċjali. Dawn l-istudenti jirrappreżentaw 1.98% tal-popolazzjoni skolastika totali.

403 student kienu fl-iskejjel tal-Knisja, jew 0.58% tal-popolazzjoni skolastika ld-disa' studenti li kienu qed jirċievu sapport fit-tagħlim fl-iskejjel indipendenti jagħmlu 0.01%.

Kien hemm biss 3 studenti li kienu fil-livell sekondarju għoli. Iċ-ċifra ta' 77 student fil-kindergarten li kienu *statemented* hi taħt il-medja ta' dawn l-aħħar snin. Jekk din iċ-ċifra hi bejn wieħed u ieħor indikattiva tax-xejra futura, jista' jkun hemm tnaqqis bil-mod ta' studenti bi BEI fil-livell primarju.

Waqt li l-indikatur annwali ta' tfal *statemented* fil-livell ta' kindergarten hemm bżonn li jiġi mmoniterjat tajjeb, ma jistax jintuża waħdu biex wieħed jagħmel previżjoni tal-popolazzjoni ta' studenti bi BEI fl-iskejjel regolari u fl-iskejjel speċjali minħabba li xi tfal jiġu riferuti biex ikunu *statemented* aktar tard fil-ħajja.

Sapport fit-tagħlim: studenti bi BEI li huma *statemented* huma pprovduti b'*facilitator, supply kindergarten assistant* u personnel ieħor li fil-preżent qed jipprovdu s-sapport fit-tagħlim lil tfal *statemented*. Minn issa 'l quddiem dawn se nirreferu għalihom bħala AST.
Sapport fit-tagħlim fl-iskejjel regolari ta' l-Istat: fl-aħħar ta' Jannar 2005 kellhom 858 *facilitator* u assistenti oħra għas-sapport fit-tagħlim. In-numri maqsumin f'kategoriji differenti jinsabu f'Tabella 3.

Tabella 3: L-Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim, Skejjel ta' l-Istat (31/01/05)

| **Skejjel** | **Facilitators** | **Kindergarten Assistants, Edukazzjoni Speċjali** | **Kindergarten Assistants** | **Part-time** | **Supply Kindergarten Assistants** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | | | | | | |
| Primarja | 183 | 49 | 25 | 2 | 315 | 574 |
| Sekondarja | | | | | | |
| Subien | 36 | 1 | 0 | 1 | 96 | 134 |
| Bniet | 25 | 1 | 0 | 0 | 41 | 67 |
| ***Total, Malta*** | ***244*** | ***51*** | ***25*** | ***3*** | ***452*** | ***775*** |
| Għawdex | | | | | | 0 |
| Primarja | 29 | 10 | 14 | 0 | 11 | 64 |
| Sekondarja: | | | | | | |
| Subien | 4 | 3 | | | 6 | 13 |
| Bniet | 3 | | 1 | | 2 | 6 |
| ***Total, Għawdex*** | ***36*** | ***13*** | ***15*** | ***0*** | ***19*** | ***83*** |
| ***Total*** | ***280*** | ***64*** | ***40*** | ***3*** | ***471*** | ***858*** |

*Sors: DE*

284 AST, li minnhom 74 huma *facilitators*, jag]tu s-servizz tag]hom fl-iskejjel tal-Knisja lil 403 tfal *statemented* li jattendu dawn l-iskejjel fil-bidu ta;-2005 kif jidher f'Tabella 4.

| Tabella 4: L-Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim, Skejjel tal-Knisja (31/01/05) | | | |
|---|---|---|---|
| **Skejjel** | ***Facilitators*** | ***Supply Kindergarten Assistants*** | **Total** |
| Malta | | | |
| Primarja | 23 | 142 | 165 |
| Sekondarja: | | | |
| Subien | 22 | 51 | 73 |
| Bniet | 29 | 8 | 37 |
| ***Total*, Malta** | **74** | **201** | **275** |
| Għawdex | | | |
| Primarja | --- | 7 | 7 |
| Sekondarja: | | | |
| Subien | --- | | |
| Bniet | --- | 2 | 2 |
| ***Total*, Għawdex** | **---** | **9** | **9** |
| ***Total*** | ***74*** | ***210*** | ***284*** |

*Sors: DE*

Skond l-informazzjoni li kellha d-DE fl-aħħar ta' Jannar 2005, kien hemm 9 AST fl-iskejjel indipendenti, tmienja minnhom jagħtu s-sapport tagħhom waħda-għal-waħda u l-ieħor fuq bażi xxerjata.

L-ewwel linja ta' Tabella 5, li turi l-ispiża relatata man-nefqa għal BEI fil-kuntest tan-nefqa kollha fl-iskejjel statali, turi li n-nefqa fuq il-pagi lil min jipprovdi sapport fit-tagħlim f'dawn l-iskejjel matul l-2005 hi stmata li tqum Lm1.34 miljun.

Tabella 5: Spiża relatata mal-BEI mqabbla ma' l-Ispiża Totali għall-Edukazzjoni, 2000 - 2005

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 *(P* |
|---|---|---|---|---|---|
| *Spiża Rikorrenti:* | | | | | |
| *Pagi* | | | | | |
| **Relatata mal-BEI (Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim)** | **1,344,632** | **1,821,746** | **1,690,053** | **2,449,635** | **3,394,57** |
| Mhux relatati mal-BEI | 33,636,621 | 40,015,679 | 40,738,593 | 41,226,623 | 41,722,5 |
| *Operat & Manutenzjoni* | | | | | |
| **Relatat mal-BEI (Trasport ta' l-Iskola, eċċ)** | **288,439** | **156,383** | **161,151** | **183,065** | **224,229** |
| Mhux relatat mal-BEI | 4,129,063 | 4,144,823 | 3,974,378 | 4,204,009 | 4,074,56 |
| *Spiża Straordinarja - mhux relatata mal-BEI* | 57,673 | 36,228 | 18,226 | 31,062 | 28,715 |
| Programmi & Inizjattivi, mhux relatati mal-BEI | 9,183,844 | 9,101,254 | 10,021,139 | 10,538,378 | 10,037,0 |
| *Kontribuzzjoni lill-entitajiet tal-Gvern - mhux relatati mal-BEI* | 8,793,582 | 12,039,960 | 13,543,000 | 14,377,451 | 16,288,0 |
| *Spiża Kapitali:* | | | | | |
| **Relatata mal-BEI (allokazzjoni lill-iskejjel speċjali eċċ)** | **148,553** | **99,302** | **23,831** | **35,516** | **39,526** |
| Mhux relatata mal-BEI (inkluża l-FTS) | 7,200,011 | 6,245,269 | 6,447,426 | 7,124,793 | 6,355,43 |
| *Spiża Totali għall-Edukazzjoni* | *64,782,418* | *73,660,644* | *76,617,797* | *80,170,532* | *82,164* |
| *Li minnha* | | | | | |
| **Spiża relatata mal-BEI** | **2,015,749** | **2,307,967** | **2,115,035** | **2,884,216** | **3,874,33** |
| **% ta' l-Ispiża Totali għall-Edukazzjoni** | **3.11** | **3.13** | **2.76** | **3.60** | **4.72** |
| Spiża Totali tal-Gvern | 648,389,000 | 695,253,000 | 743,668,000 | 781,623,000 | 837,465 |
| Li minnha: | | | | | |
| Spiża Totali għall-Edukazzjoni | | | | | |
| % tal-parti ta' l-ispiża | 9.99 | 10.59 | 10.30 | 10.26 | 9.81 |
| **Spiża relatata mal-BEI** | | | | | |
| **% tal-Parti ta' l-Ispiża** | **0.31** | **0.33** | **0.28** | **0.37** | **0.46** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nota: l-ispiża totali ta' l-Edukazzjoni teskludi Allokazzjoni lill-Fondazzjoni Eden | 234,125 | 230,536 | 240,000 | 216,000 | 216,000 |
| Kontribuzzjoni lill-Iskejjel tal-Knisja | 8,080,000 | 9,412,710 | 9,452,170 | 9,920,444 | 10,000,0 |
| Interessi u pagamenti ta' self u kontribuzzjoniiet lis-*Sinking Fund* | | | | | |

*Sors: Rapporti Finanzjarji, Estimi, DE, NSO, mibnija*

Din it-tabella turi wkoll spejjeż oħra relatati ma' BEI flimkien mal-pagi lil dawk li jipprovdu sapport fit-tagħlim. Dan jinkludi l-ispiża rikorrenti fuq it-trasport.

L-ispiża kapitali mill-voti ta' l-Edukazzjoni, partikularment l-allokkazzjoni mill-Fondazzjoni ta' l-Iskejjel t'Għada, mhix inkluża fit-total ta' l-ispiza relatata ma' BEI.

Kif tispjega n-nota li hemm ma' Tabella 5, l-allokazzjoni għall-iskejjel tal-Knisja, skond il-ftehim ta' l-1991 bejn is-Sante Sede u l-Gvern ta' Malta, mhix inkluża fit-totali tal-ispiża li l-istat jagħmel biex jipprovdi l-edukazzjoni. Din l-allokazzjoni tinkludi l-pagi mħallsa lill-AST li jaħdmu fl-iskejjel tal-Knisja u li, fil-bidu tas-sena 2005, kienu jammontaw għal 284.

In-nota tispjega wkoll li l-allokazzjoni annwali għall-Fondazzjoni Eden mhix inkluża lanqasfin-nefqa totali. Dawn iż-żewġ allokazzjonijiet jidhru fin-nota dwar l-ispiża f'Tabella 5, biex ikun hemm spjega aktar sħiħa.

B'kuntrast, l-ispiża totali ta' l-istat fuq l-edukazzjoni żdiedet b'madwar terz f'dan il-perjodu. Wieħed jista' jgħid li l-ispiża relatata mal-BEI kibret b'madwar 3 darbiet r-rata totali tal-ispiża fuq l-edukazzjoni.

L-aħħar parti ta' Tabella 5 tqabbel in-nefqa ta' l-Istat għall-provedimenti għal BEI ma' l-ispiża totali għall-edukazzjoni fl-iskejjel statali biex tkun tista' ssir analiżi komparattiva. Din turi, bħala riżultat tat-tkabbir mgħaġġel ta' l-ispiża relatata mal-BEI, li l-proporzjon tagħha mit-total tal-provediment ta' l-Istat kiber konsistenement minn 3.11% fis-sena 2000 għal stima ta' 4.86% fl-2005.

L-aħħar linji ta' Tabella 5 juru l-ispiża għall-edukazzjoni u dik relatata mal-BEI fil-kuntest ta' l-ispiża totali tal-Gvern (nett mill-interessi tas-self u l-pagamenti lura, u l-kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Fund*). Waqt li n-nefqa għall-edukazzjoni hi waħda stabbli, in-nefqa relatata mal-BEI qed tiżdied anke meta mqabbel mal-proporzjon tal-finanzjament totali tal-Gvern.

L-aħħar tabella f'dan il-qafas statistiku, Tabella 6, taddotta l-kejl l-aktar sinifikanti fl-infiq biex tiddetermina kemm mill-valur ta' l-attivita' domestika ekonomika annwali qed tmur f'settur jew sotto-settur partikulari.

It-tabella tqabbel in-nefqa fl-edukazzjoni mal-Prodott Gross Domestiku (GDP), fiż-żewġ każi wkoll bi prezzijiet kurrenti. Għall-2005, f'linja mal-previżjoni medja tal-Bank Ċentrali, ġie previst li l-GDP se jogħla b'4% fuq l-estimi proviżorji ta' l-2004.

It-Tabella turi li l-allokazzjoni ta' riżorsi għall-edukazzjoni iinkluživa u speċjali fl-iskejjel statali qed togħla. Waqt li l-proporzjon tal-GDP li qed imur għall-edukazzjoni totali (kif definit aktar qabel) baqa' bejn wieħed u ieħor stabbli, il-parti tal-GDP meħuda mill-ispiża relatata mal-BEI żdiedet sostanzjalment - minn 0.13% fl-2002 għal stima ta' 0.22% fl-2005.

Tabella 6: L-Ispiża ta' l-Edukazzjoni Mqabbla mal-GDP, 2000-2005

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 *(Prov.)* | 20 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Prodott Gross Domestiku (*GDP*, Lm ,000) *(fi prezzijiet kurrenti tas-suq)* | 1,558,233 | 1,630,373 | 1,685,627 | 1,712,165 | 1,854,300 | 1, |
| **Spiża Totali għall-Edukazzjoni** | **64,782,418** | **73,660,644** | **76,617,797** | **80,170,532** | **82,164,663** | **88** |
| *% tal-GDP* | *4.16* | *4.52* | *4.55* | *4.68* | *4.43* | *4.* |
| **Spiża relatata mal-BEI** | **2,015,749** | **2,307,967** | **2,115,035** | **2,884,216** | **3,874,331** | **4,** |
| ***% tal-GDP*** | ***0.13*** | ***0.14*** | ***0.13*** | ***0.17*** | ***0.21*** | ***0.*** |

Nota: GDP fi prezzijiet tas-suq ġie kklakulat li se jogħla b'4% għas-sena 2005

*Sors: Rapporti Finanzjarji, Estimi, DE, NSO, mibnija*

## *Taqsima Tlieta - L-Edukazzjoni dwar il-Bżonnijiet Speċjali fl-Ewropa - Sommarju Komparattiv*

Fl-2003, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' l-Edukazzjoni dwar Bżonnijiet Speċjali (li f'din it-taqsima u għall-bqija tar-rapport għandha titqies li tfisser BEI ) bil-kontribuzzjoni ta' EURYDICE, il-Qafas Informattiv dwar l-Edukazzjoni fl-Ewropa, ħareġ pubblikazzjoni tematika "*Special Needs in Europe*" bis-sapport tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali dwar l-Edukazzjoni u l-Kultura. Din li ġejja hi sinteżi minn dan id-dokument biex toffri tqabbil wiesa' ma' l-isfond Ewropew tas-sitwazzjoni Maltija u l-kontenut ta' dan ir-rapport mill-GĦ.

### L-Edukazzjoni dwar il-Bżonnijiet Speċjali fl-Ewropa: *Policies* u Prattiki Inklużivi

### Il-Karatteristiċi Komuni fil-*Policies* u l-Prattiki

It-tendenza komuni fl-Ewropa hi li tiġi żviluppata *policy* lejn l-inklużjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali (BES) fl-iskejjel regolari, l-għalliema jiġu ppvovduti bis-sapport bi gradi differenti f'termini ta' staff supplimentari, materjal, taħriġ waqt ix-xogħol u apparat. Dawn il-pajjiżi jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji skond il-*policy* tagħhom lejn l-inklużjoni ta' studenti bi BES:

- Approwċ f'linja waħda - jinkludi pajjiżi li żviluppaw *policy* u prattiki maħsuba lejn l-inklużjoni ta' kważi l-istudenti kollha fl-iskejjel regolari. Dan hu ssapportjat b'varjeta' wiesgħa ta' servizzi ffukati lejn l-iskejjel regolari. Dan l-approwċ jinstab fi Spanja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, l-Iżvezja, l-Iżlanda, in-Norveġja u Ċipru.
- Approwċ f'aktar minn linja waħda - jinkludi pajjiżi li għandhom approwċis differenti għall-inklużjoni. Huma joffru varjeta' ta' servizzi bejn l-iskejjel regolari u sistemi edukattivi għall-bżonnijiet speċjali. Id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Fillandja, ir-Renju Unit, il-Latvija, Liechtenstein, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja jappartjenu għal din il-kategorija.
- Approwċ f'żewġ linji - ibbażat fuq żewġ sistemi edukattivi distinti. Studenti bi BES bħala regola jitpoġġew fi skejjel speċjali jew klassijiet speċjali. Ġeneralment il-maġġoranza l-kbira ta' l-istudenti uffiċjalment irreġistrati li għandhom BES ma jsegwux il-kurrikulu regolari li jsegwu sħabhom bla diżabilita'. Dawn is-sistemi kienu, sa ftit ilu, jaqgħu taħt liġijiet differenti għall-edukazzjoni regolari u għal dik bi bżonnijiet speċjali. Fl-Iżvizzera u l-Belġju, l-edukazzjoni għall-bżonnijiet speċjali hi żviluppata ħafna. Fl-Iżvizzera teżisti leġiżlazzjoni differenti għall-iskejjel speċjali, klassijiet speċjali u servizzi fi klassijiet regolari.

  Il-Ġermanja u l-Olanda tpoġġew fis-sistema ta' l-approwċ f'żewġ linji imma qed jimxu lejn sistema ta' approwċ f'aktar minn linja waħda. L-

istadju ta' żvilupp tal-pajjiżi fir-rigward ta' l-inklużjoni tvarja ħafna. Fl-Iżvezja, id-Danimarka, l-Italja u n-Norveġja, *policies* ċari dwar l-inklużjoni ġew żviluppati u implimentati fi stadju bikri. Għażliet leġiżlattivi maġġuri saru snin ilu. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra, jidher li hemm tibdil leġiżlattiv estensiv:

- Sa mis-snin 80, xi pajjiżi ddefinixxu s-sistema għal BES bħala riżorsa għall-iskejjel regolari. Aktar pajjiżi qed jimxu fuq dan l-approwċ illum, bħala ma huma l-Ġermanja, il-Fillandja, il-Greċja, il-Portugall, l-Olanda u r-Repubblika Ċeka.
- L-għażla tal-ġenituri saret suġġett għal tibdil leġiżlattiv fl-Awstrija, l-Olanda, ir-Renju Unit u l-Litwanja.
- Id-diċentralizzazzjoni tar-responsabiltajiet biex jintlaħqu l-BES hu suġġett għal legiżlazzjoni fil-Fillandja (muniċpalitajiet), ir-Renju Unit, l-Olanda (gruppi ta' skejjel), ir-Repubblika Ċeka u l-Litwanja.
- Leġiżlazzjoni dwar il-BES fl-iskejjel sekondarji qed tiġi żviluppata jew ġiet żviluppata reċentement fl-Olanda, l-Awstrija u Spanja.

**Id-Definizzjoni ta' Bżonnijiet Speċjali/Diżabilita'**

Definizzjonijiet u kategoriji ta' BES u "ħandikap" ivarjaw. Xi pajjiżi jiddefinixxu tip wieħed jew tnejn ta' bżonnijiet speċjali (per eżempju, id-Danimarka). Oħrajn jaqsmu l-istudent bi bżonnijiet speċjali f'aktar minn 10 kategoriji (il-Polonja). Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jagħmlu distinzjoni bejn 6-10 tipi ta' bżonnijiet speċjali. Fil-Liechtenstein ma hemm l-ebda distinzjoni; it-tip ta' sapport biss hu definit.

Kważi fil-pajjiżi kollha, il-kunċett ta' BES hu fuq l-aġenda. Aktar nies qed ikunu konvinti li l-approwċ mediku tal-kunċett "ħandikap" għandu jkunu mibdul ma' approwċ aktar edukattiv: il-fokus ċentrali lejn il-konsegwenza tad-diżabilita' għall-edukazzjoni. Aktar pajjiżi qed jużaw l-assessment ta' tfal bi BES għall-implimentazzjoni ta' edukazzjoni xierqa. Dan isir l-aktar permezzz ta' PEI (jew pjanijiet).

L-għadd ta' studenti bi bżonnijiet speċjali jvarja konsiderevolment bejn il-pajjiżi. X'uħud jirreġistraw 1% ta' l-istudenti kollha li għanhom BES (per eżempju, il-Greċja), oħrajn jirreġistraw aktar minn 10% (l-Estonja, il-Fillandja, l-Iżlanda u d-Danimarka). Dawn il-kuntrasti fil-persentaġġi ta' studenti b'BES jirriflettu d-differenzi fil-liġijiet, il-proċeduri ta' assessment, l-arranġamenti u l-provedimenti ta' finanzjament, u ma jirriflettux id-differenzi fl-inċidenza tal-bżonnijiet speċjali bejn il-pajjiżi. Madwar 2% ta' l-istudenti totali fl-Ewropa jieħdu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel speċjali jew klassijiet speċjali (il-ħin kollu).

Xi pajjiżi (inklużi Ċipru, l-Iżlanda u l-Italja) għandhom inqas minn 1% ta' l-istudenti kollha fi skejjel u klassijiet segregati, oħrajn sa 6% (l-Iżvizzera). Il-pajjiżi fin-naħa ta' fuq tal-Punent ta' l-Ewropa aktarx li jpoġġu studenti f'sistemi speċjali, kuntrarju għal pajjiżi Ewropej tan-naħa t'isfel u l-pajjiżi Skandinavi.

Id-differenzi fis-sistemi edukattivi ta' studenti bi bżonnijiet speċjali jirriflettu aktar milli l-varjeta' fid-densita' tal-popolazzjoni biss. Xi pajjiżi għandhom storja twila tal-*policy* u l-prattika ta' inklużjoni; oħrajn bdew reċentement jiżviluppaw *policy* inklużiva.

**L-Iskejjel Speċjali**

It-trasformazzjoni ta' l-iskejjel u l-istituzzjonijiet speċjali f'ċentri ta' riżorsi hi xejra komuni fl-Ewropa. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jirrapportaw li qed jippjanaw li jiżviluppaw, u qed jiżviluppaw jew diġa' żviluppaw, xibka ta' ċentri ta' riżorsi f'pajjiżhom. Dawn iċ-ċentri jingħataw ismijiet differenti u anke jingħataw xogħlijiet differenti. Xi pajjiżi jsejħulhom ċentri ta' għerf, oħrajn ċentri ta' *expertise* jew ċentri ta' riżorsi. B'mod ġenerali, ix-xogħlijiet li jsiru minn dawn iċ-ċentri huma:

- Il-provediment ta' taħriġ u korsijiet għall-għalliema u professjonisti oħra;
- L-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' materjal u metodi;
- Is-sapport lill-iskejjel regolari u lill-ġenituri;
- L-għajnuna fuq perjodu qasir jew *part-time* lill-istudenti individwali;
- Is-sapport biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Xi ftit pajjiżi akkwistaw esperjenza miċ-ċentri ta' riżorsi (l-Awstrija, in-Norveġja, id-Danimarka, l-Iżvezja u l-Fillandja, per eżempju); pajjiżi oħrajn qed jimplimentaw sistema oħra (Ċipru, l-Olanda, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Portugall u r-Repubblika Ċeka). F'xi pajjiżi l-iskejjel speċjali huma obbligati li jikkooperaw ma' skejjel regolari fl-erja minn fejn jiġu t-tfal tagħhom (Spanja) jew l-iskejjel speċjali jipprovdu servizzi ambulanti jew servizzi oħra lill-iskejjel regolari (il-Belġju, l-Olanda, il-Greċja u r-Renju Unit).

Ir-rwol ta' l-iskejjel speċjali f'termini ta' inklużjoni hu relatat bil-qawwa mas-sistema edukattiva tal-pajjiż. F'pajjiżi fejn ma hemm kważi l-ebda skola speċjali, fin-Norveġja u l-Italja per eżempju, ir-rwol tagħhom hu strutturalment modest (fin-Norveġja, 20 skola ta' l-istat li qabel kienu skejjel speċjali, issa ġew definiti f'termini ta' ċentri ta' riżorsi reġjonali jew nazzjonali). F'Ċipru, il-Liġi dwar l-Edukazzjoni Speċjali ta' l-1999 talbet li l-iskejjel speċjali ġodda jridu jinbnew ġo skejjel regolari biex jiffaċilitaw il-kuntatti u n-netwerking u, fejn hu possibbli, jippromoviu l-inklużjoni.

**Temi oħra relatati mal-Provedimenti Speċjali u Inklużivi**

**Il-Programmi Edukattivi Individwali (PEI)**

Fehmiet reċenti dwar l-inklużjoni jenfasizzaw il-fatt li l-inkużjoni hi, l-ewwel ħaġa, *issue* dwar ir-riforma edukattiva u mhux *issue* ta' fejn se jmorru t-tfal. L-inklużjoni tibda mid-dritt ta' l-istudenti kollha li jsegwu edukazzjoni regolari. Xi pajjiżi,

fosthom l-Italja, esprimew dan b'mod ċar f'termini diretti u legali u huma bidlu l-approwċ edukattiv biex joffru aktar provedimenti fl-edukazzjoni regolari.

Pajjiżi li għandhom l-għan li jipprovdu faċilitajiet għall-istudenti bi BES fi ħdan is-sistema regolari jisħqu fuq l-idea li l-qafas tal-kurrikulu għandu jkopri l-istudenti kollha. Xi modifikazzjonijiet speċifiċi għall-kurikulu jistgħu jkunu meħtiega. Bosta pajjiżi jużaw il-PEI għal studenti bi bżonnijiet speċjali. Dan id-dokument jippreżenta informazzjoni kif kurrikulu regolari hu modifikat, u x'inhuma r-rizorsi addizzjonali meħtieġa, l-għanijiet u l-evalwazzjoni ta' l-approwċ edukattiv. Il-modifiċi jistgħu jieħdu forom differenti u f'xi każi, għal kategoriji speċifiċi ta' studenti, jistgħu wkoll ifissru li ċerti suġġetti jitħallew barra mill-kurrikulu ġenerali.

**L-Edukazzjoni Sekondarja**

Tema oħra fil-qasam tal-bżonnijiet speċjali u l-kurrikulu hi l-provedimenti għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali fil-livell sekondarju. L-inklużjoni ġeneralment tipprogressa sew fil-livell edukattiv tal-primarja imma fil-livell sekondarju jistgħu jinqalgħu problemi serji. L-ispeċjalizzazzjoni u l- organizzazzjoni differenti fl-iskejjel sekondarji jirriżultaw f'diffikultajiet għall-inklużjoni fil-livell sekondarju. Ġeneralment id-'differenza' bejn l-istudenti bi BES u sħabhom tikber ma' l-eta'.

**L-Attitudni tal-Għalliema**

Spiss tissemma li l-attitudnijiet tal-għalliema tiddependi ħafna mill-esperjenzi tagħhom (ma' studenti bi BES), it-taħriġ tagħhom, is-sapport li hemm u xi kundizzjonijiet oħra bħal ma huma d-daqs tal-klassi u kemm għandhom xogħol l-għalliema. Fl-edukazzjoni sekondarja, l-għalliema huma anqas lesti li jinkludu studenti bi BES fil-klassi tagħhom, speċjalment meta dawn ikollhom problemi severi emozzjonali u ta' mġiba.

**Ir-Rwol tal-Ġenituri**

Ħafna pajjiżi jirrapportaw li ġeneralment il-ġenituri għandhom attitudni pożittiva lejn l-inklużjoni; l-istess jgħodd għall-attitudnijiet tas-soċjeta'. L-attitudnijiet tal-ġenituri fil-biċċa l-kbira huma determinati mill-esperjenzi personali. Esperjenzi pożittivi ta' l-inklużjoni huma xi ftit rari f'pajjiżi fejn il-faċilitajiet huma kkonċentrati fl-iskejjel speċjali u ma jistgħux jintużaw mill-iskejjel regolari. Madankollu, jekk l-iskejjel regolari jistgħu joffru dawn is-servizzi, il-ġenituri malajr jiżviluppaw attitudni pożittiva lejn l-inklużjoni. Il-midja tista' wkoll tilgħab rwol importanti hawnhekk (l-esperjenza ta' Ċipru hi eżempju).

F'pajjiżi b'sistema ta' skejjel aktar segregati, pressjoni mill-ġenituri lejn l-inklużjoni qed tiżdied (eżempju fil-Belġju, Franza, l-Olanda, il-Ġermanja u l-Iżvizzera). Attitudnijiet pożittivi tal-ġenituri huma wkoll irrapportati f'pajjiżi fejn l-inklużjoni hi prattika komuni (eżempju f'Ċipru, il-Greċja, Spanja, il-Portugall, in-Norveġja, l-Iżvezja). Fl-istess ħin, xi pajjiżi jirrapportaw li fil-każ ta' studenti bi BES severi, il-

ġenituri u l-istudenti xi kultant jippreferu li jkollhom l-edukazzjoni speċjali f'ambjent segregat. Dan hu l-każ, per eżempju, fin-Norveġja u l-Iżvezja, fejn il-ġenituri ta' tfal neqsin mis-smigħ iridu li t-tfal tagħhom jkollhom il-possibilita' li jikkomunikaw ma' studenti sħabhom permezzz tal-lingwa tas-sinjali. Dan hu l-każ ukoll fil-Fillandja għal BES severi.

L-għażla tal-ġenituri hi *issue* importanti fl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, l-Olanda u r-Renju Unit. F'dawn il-pajjiżi, il-ġenituri ġeneralment jassumu li għandhom id-dritt legali li jsemmgħu leħinhom biex jesprimu l-preferenza għall-iskola li jixtiequ li t-tifel tagħhom jattendi. F'pajjiżi oħra, ir-rwol tal-ġenituri jidher aktar modest. Fis-Slovenja, per eżempju, għalkemm l-opinjoni tal-ġenituri hi meħtieġa, id-deċiżjoni għat-trasferiment ta' student lejn skola speċjali qiegħda fil-kompetenza tas-surmast ta' l-iskola speċjali.

**L-Ostakoli**

Numru mhux ħażin ta' fatturi jistgħu jitqiesu bħala ostakoli għall-inklużjoni. Xi pajjiżi jenfasizzaw il-bżonn ta' sistema ta' finanzjament adekwata. Huma jistqarru li s-sistema tal-finanzjament tagħhom mhix tgħin il-prattiki inklużivi.

Fatturi oħra importanti għandhom x'jaqsmu ma' kemm hemm kundizzjonijiet suffiċjenti ta' sapport fl-iskejjel regolari. Jekk l-għerf, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-materjal ma jkunux fl-iskejjel regolari, l-inklużjoni ta' studenti bi BES tkun diffiċli li sseħħ. Taħriġ adekwat lill-għalliema (fit-taħriġ inizjali tal-għalliema jew permezz ta' korsijiet waqt ix-xogħol) huma prerekwiżiti essenzjali għall-inklużjoni.

Xi pajjiżi, bħal Franza, jikkunsidraw li d-daqs tal-klassi fl-iskejjel regolari hu fattur negattiv għall-inklużjoni. Dawn il-pajjiżi jgħidu li hu diffiċli ħafna għall-għalliema li jinkludu studenti bi BES meta diġa' relattivament għandhom ħafna xogħol.

**L-istudenti**

Fatturi relatati ma' l-istudenti ssemmew ukoll. Xi pajjiżi enfasizzaw il-fatt li f'xi każi (studenti neqsin mis-smigħ, problemi severi emozzjonali u/jew ta' mġiba), l-inklużjoni hi sfida reali. Dan hu l-każ speċjalment fl-iskejjel sekondarji.

**L-Għalliema u l-BES**

**L-Inklużjoni u s-Sapport tal-Għalliema**

L-għalliema tal-klassi għandhom rwol importanti ħafna għax-xogħol li jrid isir ma' l-istudenti bi BES li ġew inklużi fl-iskejjel regolari. Huma responsabbli għall-istudenti kollha. F'każ ta' bżonn, jingħataw sapport prinċipalment minn għalliema speċjalizzati fl-iskejjel regolari - ġewwa jew barra mill-klassi.

Distinzjoni ċara tidher bejn, fuq naħa waħda, pajjiżi fejn is-sapport jingħata minn membru speċjalizzat ta' l-istaff fl-iskola u fuq in-naħa l-oħra, fejn is-sapport jingħata minn professjonista speċjalizzat li ma jkunx parti mill-istaff ta' l-iskola. F'dan il-każ, skejjel speċjali, permezz tal-għalliema tagħhom, għandhom rwol importanti biex jissapportjaw studenti inklużi u l-għalliema tagħhom tal-klassi. Din is-sitwazzjoni taqbel mat-tendenza li l-iskejjel speċjali jaġixxu dejjem aktar bħala ċentri ta' riżorsi. F'xi pajjiżi (l-Iżvezja, per eżempju) jeżistu ż-żewġ sistemi.

Is-sapport hu indirizzat kemm lejn l-istuenti kif ukoll lejn l-għalliema imma l-fokus prinċipali jibqa' l-istudent, anke jekk xi pajjiżi jindikaw b'mod ċar li l-prijorita' tingħata lix-xogħol tal-għalliema tal-klassi. Sapport indirizzat lejn l-għalliema tal-klassi jista' jitqies bħala tendenza, li, imma, għadha ma ġietx implimentata.

Fejn jidħol is-sapport lill-istudenti, dan jingħata fl-iskola b'ħafna flessibilita' skond ir-riżorsi li jkun hemm u l-bżonnijiet ta' l-istudent. Is-sapport jingħata fil-klassi jew barra l-klassi. It-tipi prinċipali ta' sapport ipprovdut lill-għalliema huma dawn:

- informazzjoni;
- selezzjoni ta' materjal għat-tagħlim;
- tfassil tal-PEI;
- organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ.

Servizzi edukattivi esterni, lokalizzati 'l barra mill-iskola regolari, jistgħu wkoll jipprovdu tipi varji ta' sapport lill-istudent, l-għalliema u l-ġenituri. Dawn jistgħu jkunu skejjel speċjali, ċentri ta' riżorsi lokali, reġjonali jew nazzjonali; timijiet lokali tas-sapport edukattiv jew gruppi ta' skejjel.

Servizzi li mhumiex edukattivi huma wkoll involuti biex jissapportjaw lill-istudenti bi BES bil-ko-operazzjoni tal-għalliema tal-klassi regolari. Dawn jinkludu servizzi ta' sapport, l-aktar servizzi mediċi (minn staff mediku u terapisti differenti) u servizzi soċjali, kif ukoll organizzazzjonijiet volontarji.

Li ġej hu sommarju f'forma ta' tabella tal-provedimenti ta' tipi differenti ta' sapport edukattiv lill-għalliema tal-klassi f'pajjiżi differenti:

| Pajjiż | Tipi ta' Professjonisti u Servizzi |
| --- | --- |
| L-Awstrija | Prinċipalment minn għalliema speċjalizzati mill-iskejjel speċjali jew minn servizzi li jduru l-iskejjel. Huma jissapportjaw kemm l-għalliem tal-klassi u l-istudent. L-għalliema tal-klassi u dawk speċjalizzati jaqsmu l-ippjanar u l-organizzazzjoni tax-xogħol edukattiv. Professjonisti minn servizzi li jduru l-iskejjel jistgħu joffru sapport dirett temporanju biex jinkludu studenti li jkollhom diżabilitajiet speċifiċi. |

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | Prinċipalment minn għalliema speċjalizzati minn skejjel speċjali u Ċentri għall-Gwida ta' l-Istudenti. Huma jipprovdu informazzjoni, pariri u sapport lill-għalliema tal-klassi. Hu possibbli li jkun hemm għalliema rimedjali jaħdmu bħala parti mill-istaff ta' l-iskola. Huma, bħala regola, jissapportjaw lill-istudent li jkollu diffikultajiet għal żmien qasir, imma aktar u aktar qed jipprovdu sapport dirett lill-għalliema tal-klassi u lill-iskola, biex jikkoordinaw is-sapport, metodi ta' xogħol u programmi edukattivi. |
| Ċipru | Minn għalliema speċjalizzati, kompletament jew parzjalment parti mill-istaff ta' l-iskola u minn speċjalisti bħal ma huma terapisti tat-taħdit li għandhom ħin speċifikat għal kull skola. Barra mill-iskola, servizzi ċentrali bħal ma huma spetturi, ko-ordinaturi BES, speċjalisti fl-edukazzjoni u l-psikoloġija, jew servizzi mediċi u soċjali, ukoll jipprovdu s-sapport neċessarju. |
| Ir-Repubbblika Ċeka | Primarjament minn għalliema speċjalizzati jew professjonisti oħra bħal ma huma psikologi. Huma jipprovdu pariri u sapport lill-għalliema tal-klassi, ġenituri u sapport dirett lill-istudent inkluż. Sapport jiġi pprovdut minn ċentri ta' l-edukazzjoni speċjali jew ċentri ta' pariri fil-psikoloġija pedagoġika skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-bżonnijiet ta' l-istudent. Dawn iċ-ċentri ta' pariri u gwida speċjalizzati għandhom ir-responsabilita' li jiddeterminaw, jipproponu u jipprovdu s-sapport u t-tfassil tal-PEI b'kollaborazzjoni qawwija mal-għalliem tal-klassi, il-ġenituri u l-istudent (skond id-diżabilita' tiegħu jew tagħha u l-livell ta' parteċipazzjoni attiva). |
| Id-Danimarka | Primarjament ipprovdut minn għalliema speċjalizzati li jaħdmu bħala parti mill-istaff ta' l-iskola. Huma jikkooperaw ġol-klassi mal-għalliem tal-klassi fuq bażi *part-time*. "Tagħlim fi Grupp" barra mill-klassi wkoll hu possibilita' oħra lill-istudent li għandu bżonn sapport regolari f'aktar minn suġġett wieħed. Servizzi psikoloġiċi pedagoġiċi lokali huma responsabbli li jiddeterminaw, jipproponu u jsegwu it-tip ta' sapport li jrid jiġi pprovdut lill-istudent b'ko-operazzjoni mill-qrib ma' l-iskola regolari. |

| | |
|---|---|
| L-Ingilterra u Wales | L-iskejjel kollha għandhom membru ta' l-istaff li għandu r-responsabilita' ta' ko-ordinatur BES, artikulat fil-Kodiċi ta' Prattika dwar l-BES, li jinkludi din il-ħidma: jara li hemm il-provedimenti, jimmoniterja l-progress ta' l-istudenti, iservi ta' pont bejn l-iskola u l-ġenituri u aġenziji esterni, u jissaportja l-kollegi. Sapport jiġi pprovdut ukoll minn aġenziji esterni - servizzi ta' sapport speċjalizzat (mid-dipartiment ta' l-edukazzjoni u l-awtorita' tas-saħħa), kollegi fi skejjel oħra, u personnel ieħor mil-*Local Educational Authority*. Staff peripatetiku dejjem qed jaħdem aktar mal-għalliema, biex jiżviluppaw approwċis u strateġiji ta' tagħlim fi ħdan l-iskola, aktar milli direttament ma' l-istudenti. |
| Il-Fillandja | Primarjament ipprovdut minn għalliema speċjalizzati li jaħdmu bħala membri ta' l-istaff ta' l-iskola. Għalliema li jagħmlu xogħol ta' *counselling, social worker* ta' l-iskola, ners ta' l-iskola, skond l-awtoritajiet edukattivi lokali, jistgħu wkoll jipprovdu sapport lill-iskola b'mod ġenerali, lill-għalliem u/jew lill-istudent. Tim għall-welfer ta' l-istudent jitwaqqaf għal student partikulari u jkun kompost mill-ġenituri tiegħu, l-għalliema kollha u kull espert ieħor involut biex jipprepara l-PEI u biex jiġi implimentat fl-iskola regolari. Jeżisti wkoll "grupp ta' sapport lill-istudent" li jinvolvi lill-professjonisti kollha u l-prinċipal ta' l-iskola biex jassigura li jkun hemm kundizzjonijiet edukattivi tajba u progress. |
| Franza | Primarjament minn professjonisti minn servizzi varji. Huma jissapportjaw lill-istudent inkluż fuq bażi ta' żmien qasir jew fit-tul. Huma jgħinu wkoll lill-għalliem tal-klassi u l-istaff ta' l-iskola. Għalliema speċjalisti min-netwerk tas-sapport speċjali wkoll jipprovdu sapport lill-istudenti li jkollhom diffikultajiet fit-tagħlim temporanji jew permanenti. |
| Il-Ġermanja | Primarjament minn għalliema speċjalizzati mill-iskejjel speċjali jew mis-servizzi soċjali. Is-sapport hu varju u jinkludi miżuri preventivi, azzjonijiet edukattivi konġunti fl-iskejjel regolari, ko-operazzjoni edukattiva bejn l-iskejjel speċjali u dawk regolari, eċċ. Jista' jkun hemm ukoll għalliem ta' sapport li jaħdem bħala membru ta' l-istaff ta' l-iskola. Ġeneralment dawn ikunu għalliema speċjalizzati fil-problemi tal-lingwa u l-imġiba. Huma jaħdmu primarjament ma' l-istudent fil-klassi jew barra minnha |

| | |
|---|---|
| | skond il-bżonnijiet ta' l-istudenti. |
| Il-Greċja | Primarjament minn għalliema speċjalizzati mill-iskola speċjali. Ix-xogħol tagħhom jikkonsisti li direttament jaħdmu ma' l-istudent, jgħinu lill-għalliema b'varjeta' ta' materjal edukattiv u biex il-kurrikulu jkun differenzjat. Jinformaw lill-istudenti l-oħra u jassiguraw li jkun hemm kooperazzjoni bejn l-iskola u l-familja. |
| L-Iżlanda | Primarjament minn għalliema rimedjali li jaħdmu bħala membri ta' l-istaff ta' l-iskola. Tipi oħra ta' sapport jiġu pprovduti wkoll minn għalliema speżjalizzati, psikologi u professjonisti mill-muniċipalitajiet lokali. Huma jipprovdu pariri ġenerali fuq il-kurikulu u fuq it-tagħlim tas-suġġetti prinċipali; gwida lill-istudenti u *counselling* psikoloġiku. L-għan tagħhom hu li jissapportjaw lill-għalliema fix-xogħol ta' kuljum ta' l-iskola u biex ikun hemm miljorament fl-iskola. |
| L-Irlanda | Jista' jkun ipprovdut minn għalliema speċjalizzati jew ta' riżorsi li jaħdmu bħala parti mill-istaff ta' l-iskola. Huma jaħdmu ma' studenti li jkunu ġew assessjati li għandhom diżabilitatjiet għat-tagħlim. Sapport jista' jingħata wkoll mill-għalliema rimedjali li jaħdmu bħala membri ta' l-istaff ta' l-iskola. L-għan prinċipali tagħhom hu li jaħdmu ma' l-istudenti li għandhom diffikulta' fil-qari u l-matematika. L-iskejjel kollha primarji, sekondarji u post-sekondarji għandhom għalliem bħal dan. Tip ieħor ta' sapport hu għalliema li jżuru skejjel differenti pprovduti mill-*Visiting Teacher Service* (Dipartiment ta' l-Edukazzjoni). Huma jaħdmu ma' studenti individwali, kemm barra kif ukoll fil-klassi, jagħtu pariri lill-għalliema dwar approwċis ta' tagħlim, metodoloġija, programmi u riżorsi. Huma jipprovdu wkoll sapport lill-ġenituri. Is-Servizz Psikoloġiku tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza jipprovdi servizz ta' pariri u assessment lill-iskejjel regolari b'fokus fuq l-istudenti bi problemi emozzjonali u ta' mġiba u dawk li għandhom diffikutajiet fit-tagħlim. |
| L-Italja | Primarjament minn għalliema speċjalizzati li jaħdmu bħala parti mill-istaff ta' l-iskola. Huma jaġixxu bħala għalliema tal-klassi, jipprovdu sapport lill-iskola regolari wara li jkunu kisbu l-awtorizzazzjoni tal-ġenituri. Għalliema ta' sapport jaqsmu r-responsabilita' mal-għalliem tal-klassi dwar ix-xogħol li jrid isir |

| | |
|---|---|
| | ma' l-istudenti kollha. L-implimentazzjoni tal-PEI hu wieħed mix-xogħlijiet prinċipali tagħhom. Huma jissapportjaw ukoll lill-istudenti fil-klassi; studenti b'diżabilita' ma għandhomx jinħarġu barra mill-klassi jekk mhux assolutament neċessarju. |
| Liechtenstein | Primarjament minn għalliema speċjalizzati mill-iskola speċjali. Huma jipprovdu sapport lill-istudenti imma wkoll lill-għalliema u l-ġenituri. |
| Il-Litwanja | Primarjament minn għalliema speċjalizzati, psikologi ta' l-iskola, terapisti tat-taħdit, pedagogi soċjali mill-iskejjel speċjali. L-għalliema speċjalizzati jipprovdu lill-għalliem tal-klassi b'informazzjoni u sapport prattiku: tfassil tal-PEI, l-għażla ta' materjal edukattiv, eċċ. Sapport jista' jingħata wkoll mill-għalliema rimedjali, terapisti,tat-taħdit, psikologi li jkunu membri ta' l-istaff ta' l-iskola. Is-servizz psikoloġiku pedagoġiku fil-livell lokali jew nazzjonali jipprovdi assessment ta' l-istudenti u gwida għall-edukazzjoni ta' l-istudenti inklużi. |
| Il-Lussemburgu | Primarjament minn professjonisti speċjalizzati fis-sapport mill-SREA (Id-Dipartiment Rimedjali Ambulatorju). Huma professjonisti fl-edukazzjoni u r-riabilitazzjoni u jaqsmu r-responsabilitajiet mal-għalliem tal-klassi rigward sapport dirett lill-istudent. L-għalliema tal-klassi huma dejjem responsabbli mill-organizzazzjoni tal-klassi. |
| L-Olanda | Primarjament minn għalliema ta' sapport mill-iskola speċjali. Huma jaħdmu mal-għalliem tal-klassi biex jiżviluppaw programmi edukattivi, jippreparaw u jiżviluppaw materjal addizzjonali, biex jaħdmu ma' l-istudenti individwalment u jagħmlu kuntatt mal-ġenituri. Sapport jista' jingħata wkoll permezz ta' l-iskejjel regolari li għandhom esperjenza fl-inklużjoni. Is-sapport jiffoka fuq l-informazzjoni lill-għalliema, assessment u provediment ta' materjal. L-għalliem ta' sapport jista' jkun ukoll wieħed mill-għalliema ta' l-iskola li jipprovdi għajnuna diretta u sapport lill-istudent. |
| In-Norveġja | Primarjament minn għalliema speċjalizzati li jaħdmu bħala membri ta' l-istaff ta' l-iskola. Huma jikkoordinaw mal-għalliema tal-klassi fuq bażi *part-time* jew *full-time*. Is-sapport jista' jingħata wkoll minn assistent fil-klassi. Ikun hemm |

| | |
|---|---|
| | kooperazzjoni mill-qrib bejn it-tlieta li huma. Is-servizz psikoloġiku edukattiv lokali jipprovdi l-pariri lill-iskola u lill-ġenituri fuq il-kontenut u l-organizzazzjoni ta' l-edukazzjoni meħtieġa mill-istudent. Huma n-nies primarjament responsabbli li jagħtu pariri lill-għalliema fuq ix-xogħol ta' kuljum. |
| Il-Polonja | L-għalliema li jaħdmu ma' studenti b'diżabilita' jirċievu sapport miċ-Ċentru Nazzjonali tal-Psikoloġija u Sapport Pedagoġiku jew minn ċentri reġjonali għall-Metodoloġija fit-Tagħlim. Dawn iċ-Ċentri jipprovdu taħriġ lill-għalliema. Għalliema ta' l-iskejjel regolari jridu jipprovdu s-sapport psikoloġiku u pedagoġiku lill-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema billi jorganizzaw, ngħidu aħna, klassijiet rimedjali. |
| Il-Portugall | Primarjament minn għalliema speċjalizzati, jew professjonisti oħra mit-timijiet lokali ta' sapport jew minn membri ta' l-istaff ta' l-iskola stess. Il-*policy* nazzjonali tagħti prijorita' lit-tieni sitwazzjoni. L-għan hu li jinħolqu tims ikkoordinati li jipprovdu gwida lill-għalliema tal-klassi. Huma jikkooperaw mal-kap ta' l-iskola u l-iskola biex jorganizzaw is-sapport edukattiv meħtieġ. Huma jikkooperaw mal-għalliem tal-klassi biex jorganizzaw mill-ġdid il-kurrikulu b'mod flessibbli biex ikun hemm metodi u strateġiji edukattivi għad-differenzjazzjoni; biex jissapportjaw lill-għalliema u lill-istudenti u jikkontribwixxu għall-innovazzjoni edukattiva. |
| Spanja | Primarjament minn għalliema ta' sapport speċjalizzati li jaħdmu bħala membri ta' l-istaff ta' l-iskola. Huma jaħdmu fl-iskejjel primarji u sekondarji u għandhom rwol importanti ma' l-istudent u l-għalliem, biex flimkien jippjanaw id-differenzjazzjoni fil-kurrikulu u jimplimentawh. Huma wkoll jissapportjaw il-familji u jaħdmu f'koordinazzjoni ma' professjonisti oħrajn. Tip ieħor ta' sapport hi l-għalliema rimedjali għas-sapport fit-tagħlim li tinsab f'kull skola primarja. Sapport jista' jiġi pprovdut ukoll mit-tims lokali ta' sapport fil-pedagoġija psikoloġika. Huma responsabbli għal assessment ta' studenti, jagħtu pariri lill-għalliema u staff ieħor ta' l-iskola dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu, isegwu l-progress ta' l-istudent u jinvolvu lill-familja. |

| | |
|---|---|
| L-Iżvezja | Primarjament minn għalliema speċjalizzati li jaħdmu bħala membri ta' l-istaff ta' l-iskola. Sapport biex jinbena l-għerf fil-muniċipalitajiet jista' jkun ipprovdut fil-livell nazzjonali permezz ta' l-Istitut Żvediż għall-Edukazzjoni għal Bżonnijiet Speċjali. |
| L-Iżvizzera | Primarjament minn għalliema ta' sapport, għalliema speċjalizzati jew professjonisti speċjalizzati mill-iskejjel speċjali jew skejjel regolari (forom anqas severi ta' BES). Huma jipprovdu sapport lill-istudenti inklużi u l-għalliema tagħhom. |

**It-Taħriġ Inizjali tal-Għalliema fl-Edukazzjoni dwar il-Bżonnijiet Speċjali**

Il-pajjiżi kollha jqisu li l-għalliema tal-klassi huma l-professjonisti prinċipali responsabbli mill-edukazzjoni ta' l-istudenti kollha. Dan ifisser li huma għandhom jirċievu l-għerf u l-ħiliet meħtieġa biex ikunu jistgħu jilħqu l-bżonnijiet differenti ta' l-istudenti. Hu importanti li jiġi kkunsidrat it-tip ta' taħriġ offrut lill-għalliema futuri tal-klassi waqt it-taħriġ inizjali tagħhom fir- rigward ta' l-edukazzjoni dwar il-bżonnijiet speċjali.

Kull pajjiż jirreferi għall-fatt li l-għalliema tal-klassi jieħdu xi forma ta' taħriġ obbligatorju rigward studenti bi bżonnijiet speċjali. Dan jidher bħala impatt pożittiv fuq ir-responsabbiltajiet tal-għalliema rigward il-bżonnijiet individwali ta' l-istudenti. Dan jipprovdi lill-għalliema futuri b'bażi aktar wiesgħa ta' informazzjoni u ta' l-inqas xi forma ta' għerf bażiku dwar id-diversita' tal-bżonnijiet ta' l-istudenti li huma jkunu se jiltaqgħu magħhom. Madankollu, id-data miġbura tagħti l-impressjoni li dan it-taħriġ hu spiss ġeneriku ħafna, vag u insuffiċjenti, b'esperjenza prattika limitata u jista' jkun ma jissoddisfax il-bżonnijiet professjonali li jkollhom l-għalliema aktar 'il quddiem.

Taħriġ obbligatorju dwar il-bżonnijiet speċjali jvarja ħafna fit-tul,fil-kontenut u fl-organizzazzjoni. It-taħriġ inizjali tal-għalliema ma jistax jipprova jkopri l-bżonnijiet vasti tal-għalliema. Imma d-differenzi fir-rigward tal-kontenut tat-taħriġ inizjali tal-għalliema juri sa ċertu punt id-differenzi rigward il-*policies* dwar l-inklużjoni li hemm fil-pajjiżi differenti. It-taħriġ inizjali fl-edukazzjoni dwar il-bżonnijiet speċjali jidher li hu mogħti fi tliet modi:

- billi tingħata informazzjoni ġenerali li hu l-każ tal-pajjiżi kollha, imma li donnha hi limitata biss għall-għalliema futuri;
- billi f'xi pajjiżi jingħata studju dwar suġġetti speċifiċi; dan donnu jassigura li jkun hemm għarfien aħjar tal-bzonnijiet speċjali anke jekk id-differenzi bejn il-pajjiżi huma kbar mhux ħażin;

- f'numru limitat ta' pajjiżi dan is-suġġett hu infilsat fi studji dwar is-suġġetti. Din hi s-sitwazzjoni fl-Olanda, in-Norveġja, l-Ingilterra u Wales.

F'xi pajjiżi (ir-Repubblika Ċeka, il-Fillandja, il-Ġermanja, is-Slovakkja u Spanja) taħriġ speċjalizat hu offrut lill-għalliema f'forma ta' taħriġ inizjali.

F'numru kbir ta' pajjiżi, xi xorta ta' taħriġ inizjali għall-edukazzjoni dwar il-bżonnijiet speċjali hu wkoll propost fuq bażi parallela, bħala suġġett ta' għażla.

**It-Taħriġ Supplimentari fl-Edukazzjoni dwar il-Bżonnijiet Speċjali**

It-taħriġ supplimentari jikkonċerna lil dawk l-għalliema li jridu jaħdmu ma' studenti bi BES fi skejjel speċjali jew regolari. Ġeneralment dan isir wara t-taħriġ inizjali. F'xi pajjiżi bħall-Belġju, Franza u l-Italja per eżempju, l-għalliema jistgħu jibdew taħriġ inizjali immedjatament malli jispiċċaw t-taħriġ inizjali, pero' f'pajjiżi oħrajn hu neċessarju li tkun ħdimt fis-sistema regolari qabel u, fil-maġġoranza ta' dawn il-każi, perijodu minimu hu wkoll impost. F'pajjiżi bħall-Awstrija, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Olanda jeżistu ż-żewġ possibilitajiet.

It-taħriġ supplimentari hu obbligatorju biss fi ftit pajjiżi; fil-maġġoranza tal-pajjiżi hu offrut bħala għażla, imma f'ħafna każijiet hu rrakkomandat bil-qawwa. Fil-pajjiżi fejn it-taħriġ supplimentari hu obbligatorju, ġeneralment ikopri taħriġ speċifiku għal tipi differenti ta' diżabilita', eżempju, in-nuqqas ta' dawl jew smigħ. Għall-bqija tal-pajjiżi, fil-prattika, l-għalliema jridu u huma inkoraġġuti li jsegwu taħriġ profond biex ikollhom u jżommu x-xogħol tagħhom jew biex jieħdu promozzjoni. Elementi oħra li jridu jiġu kkunsidrati huma salarju aħjar jew profil professjonali esperjenzat minn għalliema speċjalizzati, bħal ma hemm fil-Belġju (fil-komunitajiet Franċiżi u Fjammingi), Franza, il-Germanja, il-Greċja u l-Olanda. Dan jagħti inċentiv ieħor għall-għalliema biex isegwu dan it-taħriġ addizzjonali.

It-tul kemm tat-taħriġ supplimentari obbligatorju jew b'għażla jvarja ħafna. Jista' jikkonsisti f' sena żejda ta' taħriġ speċjalizzat li jkopri tip wieħed ta' diżabilita', jew korsijiet li jkopru speċjalizzazzjoni aktar wiesa' u li jdumu bejn sentejn u erba' snin (fiż-żewġ każi t-taħriġ iwassal għal diploma).

Dwar jekk it-taħriġ ikunx ġeneriku jew speċifiku għal tip partikulari ta' diżabilita', il-maġġoranza tal-pajjiżi joffru ż-żewġ possibilitajiet. Il-Ġermanja u l-Lussemburgu aktarx qed joffru l-ogħla livell ta' speċjalizzazzjoni.

Il-pajjiżi kollha jipprovdu taħriġ waqt ix-xogħol għall-għalliema, l-aktar fuq bażi volontarja. Dawn isiru fl-iskejjel, ċentri ta' riżorsi jew istituzzjonijiet ta' taħriġ. It-taħriġ matul ix-xogħol hu flessibbli ħafna u jvarja ħafna minn pajjiż għall-ieħor. Dan jikkostitwixxi wieħed mill-aktar mezzi ta' sapport użati mill-għalliema tal-klassi li jaħdmu ma' studenti bi bżonnijiet speċjali inklużi fl-iskejjel regolari.

*Taqsima 4 - L-Aktar Punti Importanti mis-Sottomissjonijiet*

Kif intqal fl-Introduzzjoni, is-sottomissjonijiet lill-GĦ u l-punti prinċipali magħmula mill-istudenti u l-ġenituri waqt laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Grupp, jinstabu b'mod estensiv fl-Anness ta' dan ir-Rapport. Din it-taqsima tagħti l-punti l-aktar importanti li hemm f'dan l-Anness:

| Suġġett | Kummenti |
|---|---|
| L-edukazzjoni inklużiva | * Noħolqu ambjenti li jirrispondu għall-kapaċitajiet ta' żvilupp, bżonnijiet u potenzjali differenti lill-istudenti kollha mill-kindergarten (inkluż ċentri tal-kura għat-tfal u kindergarten privati) sa l-edukazzjoni terzjarja u ta' l-adulti<br>* Sistemi ta' *streaming* u inklużjoni huma inkompatibbli<br>* L-edukazzjoni inklużiva għandha wkoll tħaddan it-tfal b'talent<br>* L-inklużjoni hi parti integrali mill-Pjan ta' Żvilupp ta' l-Iskola<br>* Il-gwida "Noħolqu Skejjel Inklużivi" tal-Grupp Iffukat dwar l-Edukazzjoni Inklużiva tista' tgħin biex jiġu implimentati l-*policies* |
| L-impatt ta' l-edukazzjoni inklużiva | * Il-preżenza ta' tfal b'diżabilita' fl-iskejjel regolari hu ta' benefiċċju kbir għall-istudenti l-oħra<br>* Il-pakkett edukattiv tal-KNPD "Ħoloq" tista' tgħid li joħloq għarfien akbar dwar id-diżabilita' fl-iskejjel. |
| Il-Kodiċi ta' l-Etika | * Il-Kodiċi ta' l-Etika għall-għalliema għandu jiġi rivedut u jinkludi riferenza għall-edukazzjoni inklużiva<br>* Għandu jkun hemm ukoll kodiċi ta' etika għall-Assistenti ta' Sapport fit-Tagħlim (AST) |
| Il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji | * Għandu jkun hemm kooperazzjoni akbar bejn id-Dipartiment ta' l-Operat u d-Dipartiment tas-Sevizzi ta' l-Istudenti u Relazzjonijiet Internazzjonali fi ħdan id-DE<br>* Hemm bżonn reviżjoni tal-komunikazzjoni bejn l-entitajiet varji li jaħdmu f'dan il-qasam<br>* Hemm bżonn ta' koordinazzjoni akbar bejn iċ-*Child Development Advisory Unit* (CDAU), il-MATSEC, il-bord għall-arranġamenti speċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi għolja, il-Korporazzjoni għall-Impjiegi u t-Taħriġ (ETC), u s-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-persuni b'diżabilita' |

| | |
|---|---|
| Il-koordinament bejn l-iskejjel | * Hu għal xejn li timpjega AST meta x-xogħol tagħhom mhux immoniterjat<br>* Il-Koordinaturi ta' l-Edukazzjoni għall-Bżonnijiet Individwali (INCOs) jistgħu jipprovdu l-assessment inizjali u jagħmlu r-referenzi meħtieġa. |
| Ir-rwol ta' l-AST | * L-importanza li jkollok professjonisti u mhux *baby sitters*<br>* Protezzjoni żejda tpoġġi fil-periklu l-indipendenza tat-tifel u wkoll it-tgawdija ta' l-esperjenza ta' l-iskola tat-tifel<br>* Xi talbiet isiru biss lil dawk l-AST li għandhom diploma, inkluż it-tibdil tal-ħrieqi u l-attendenza għall-sessjonijiet ta' terapija<br>* Meta AST ma tiffunzjonax sew, il-kapaċita' tiegħu jew tagħha li tkun AST għandha tiġi studjata u mhux sempliċiment tingħata trasferiment għal ma' student ieħor jew oħra<br>* Hu importanti li jkun hemm tqabbil ta' l-istudent mal-AST(f'termini ta' bżonnijiet u karattru), u mhux sempliċiment jitpoġġew ma' xulxin skond min imissu fil-lista<br>* Ix-xogħol ta' l-AST jitqies bħala faċli minħabba s-sigħat<br>* Fl-iskejjel indipendenti, l-AST taħdem mal-għalliema tal-klassi biex tissapportja studenti differenti<br>* Kotba ta' komunikazzjoni bejn l-iskola u d-dar huma importanti ħafna<br>* L-AST għandhom jinbidlu regolarment u skond il-bżonn. Dan jgħin lill-istudenti jaddattaw għall-bidla<br>* L-AST jiġġudikaw weħidhom l-abilita' ta' l-istudent, jiddeċiedu x-xogħol li jrid isir, liema suġġetti jistgħu jsegwu u sa liema livell, u meta joħorġu l-istudent mill-klassi jew jużaw il-kamra tar-riżorsi<br>* AST differenti għandhom deskrizzjonijiet ta' xogħol differenti<br>* Sapport waħda-għal-waħda għandu jinżamm bħala minimu<br>* Għal xi studenti, AST ixxerjat hu aħjar minn AST *full time*, għax tinkoraġġixxi l-indipendenza<br>* AST ma għandhiex ikollha aktar minn żewġ studenti u dawn ma għandhomx ikunu fi klassijiet differenti<br>* Meta l-AST tkun ixxerjata bejn żewġ studenti, dawn irid ikollhom l-istess kapaċitajiet edukattivi u jkunu kompatibbli<br>* Ma għandux ikun hemm aktar minn AST waħda f'kull klassi<br>* Xi prattiċi addottati mit-tfal li għandhom AST jibbenefikaw minnhom tfal oħra eż. anqas ħomwerk, aktar struttura<br>* L-AST għandhom jirrealizzaw li huma qegħdin hemm għat-tfal l-oħra tal-klassi, u mhux għat-tifel *statemented* biss |

| | |
|---|---|
| | * Kollaborazzjoni bejn l-AST u l-għalliema hi essenzjali għall-istudent *statemented* biex hu jkun parti mill-klassi<br>* L-għalliema hi finalment responsabbli mill-edukazzjoni ta' l-istudent. Il-ġenituri għandhom jikkonsultaw mal-għalliema u mhux biss mal-AST<br>* Il-linja ta' dimarkazzjoni bejn ir-rwol tal-AST u dak tal-għalliema għandha tkun waħda ċara<br>* Xi għalliema jridu biss l-AST li tgħin l-istudenti bi problemi ta' mobilita'<br>* Xi ġenituri jaraw li jekk ikollhom *statement* għat-tifel tagħhom dan ikun mezz li jassigurahom li t-tifel tagħhom se jibqa' fl-iskola sekondarja regolari, aktar milli jmorru fi Skola ta' Opportunita'.<br>* Hu aħjar li l-AST tibqa' fl-istess skola għax hekk hi ssir taf aħjar l-ambjent u x-xogħol<br>* Purtinara magħżula sew jistgħu jingħataw taħriġ mill-ETC biex jissapportjaw studenti b'dizabilita' fiżika fil-bżonnijiet personali tagħhom<br>* Għandu jkun hemm *audit* tal-personnel kollu li jaħdem fil-qasam ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali, inkluż l-*iSpecific Learning Difficulties Unit* (SpLD) u l-Edukazzjoni Kumplimentarja<br>* L-AST għandhom isiru 'Għalliema Assistenti (Sapport fit-Tagħlim)'. Huma għandhom jingħataw xogħol ma' studenti ta' sena speċifika u jimxu ma' l-istudent biss meta din il-miżura tkun identifikata bħala bżonn fil-PEI<br>* L-AST għandhom ikunu mmoniterjati regolarment |
| Il-bżonnijiet speċifiċi | * Il-fatt li l-medikazzjoni mhix qed tkun sorveljata tista' tkun ta' detriment għal xi studenti b'diżabilita'<br>* Il-mediċina għandha tingħata fl-iskola meta meħtieġ<br>* Hemm bżonn ta' linji gwida dwar l-amministrazzjoni tal-mediċina waqt il-ħin ta' l-iskola, ibbażati fuq is-sens komun, flessibilita' u rieda tajba<br>* In-nuqqas ta' *policies* ta' assigurazzjoni għall-istaff ma tħallihomx jgħinu fl-amministrazzjoni ta' mediċina<br>* Meta l-AST ma taqdix sew il-bżonnijiet tat-tfal, l-ommijiet iridu jkunu dejjem għal-lest għal uliedhom u ma jistax ikollhom xogħol jew ħin għalihom infushom<br>* Dan jista' wkoll ikollu riperkussjonijiet ħżiena fuq saħħet dawn it-tfal<br>* Tfal li jkunu qed ikunu *toilet-trained* id-dar għandhom ikomplu dan it-taħriġ l-iskola<br>* Jekk AST tirrifjuta li tagħmel ċerti xogħlijiet, ma għandux ikun it-tifel b'diżabilita' li jbati l-konsegwenzi. Dan jinkludi |

| | |
|---|---|
| | *toileting*, mediċina, għoti ta' l-ikel u l-użu ta' apparat speċjalizzat bħal ma huma *standing frames* |
| Meta l-AST tkun assenti | * Tfal fi skejjel tal-Knisja qed jinżammu d-dar meta l-AST tkun marida jew qed tagħmel xi kors. Dawn l-iskejjel ma jistgħux jużaw il-grupp ta' riserva *ad hoc* tad-DE<br>* Dan ifisser assenteiżmu sfurzat<br>* Is-sistema ta' sostitut AST mhix taħdem<br>* Għandu jkun hemm AST sostitut f'kull skola biex isir jaf l-istudenti sew<br>* Għandu jkun hemm AST sostitut ma' kull żewġ skejjel li jaħdem fuq bażi regolari<br>* L-i*Statements* għandhom jiddikjaraw jekk l-AST waħda-għal-waħda hix tingħata għal sapport akkademiku jew minħabba mġiba jew it-tnejn. Meta tkun għal ta' l-ewwel, l-istudent jista' jibqa' fl-iskola meta l-AST tkun assenti. Jekk ikun hemm sapport dwar l-imġiba, id-deċiżjoni jekk l-istudent jistax jibqa' waħdu jew weħidha għandha tkun ibbażata fuq il-bżonnijiet tiegħu jew tagħha. Ir-rifjut ta' student milli jattendi l-iskola meta l-AST tkun assenti għandha tkun l-aħħar miżura. |
| L-assenteiżmu | * L-assenteiżmu fost tfal b'diżabilita' ma għandux ikun tollerat. Iċ-ċertifikati tat-tobba ma għandhomx ikunu dejjem aċċettati |
| Is-sapport mit-tfal l-oħra | * Tfal bi bżonnijiet speċjali jistgħu jkunu ssapportjati minn studenti oħra waqt il-lezzjonijiet ta' l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika, futbol, balè, ġimm u kompjuter |
| Is-sapport minn voluntieri | * Fi skola indipendenti, voluntier qed jissapportja tfal waqt li hu jirċievi sapport mill-AST |
| Ir-rwol tal-ġenituri | * Il-ġenituri għandhom jitħallew ikellmu lill-għalliema matul is-sena kollha u mhux f'Jum il-Ġenituri biss<br>* L-importanza li jikkonsultaw ma' persuni b'diżabilita' u l-ġenituri ta' dawk li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom meta jittieħdu deċiżjonijiet<br>* Gruppi ta' Sapport tal-Ġenituri jistgħu jitwaqqfu waqt il-ħin ta' l-iskola<br>* Sapport jista' jingħata wkoll mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FSE) u mill-INCOs |

| | |
|---|---|
| | * Taħriġ jista' jingħata mill-iskola lill-ġenituri ta' tfal li għandhom diffikulta' fit-tagħlim<br>* L-għalliema u l-AST għandhom ukoll ikunu mħarrġa dwar kif jittrattaw mal-ġenituri, speċjalment dawk li għandhom xi diffikulta' |
| Ir-rwol ta' l-amministrazzjoni ta' l-iskola | * Hemm bżonn li ssir reviżjoni tas-sapport amministrattiv li qed jingħata<br>* L-iskola kollha għandha tkun responsabbli għat-tfal bi BEI<br>* L-opinjonijiet tal-persuni b'diżabilita' għandhom jinstemgħu wkoll<br>* Għandu jkun hemm assistenti kapijiet ta' l-iskola f'kull skola, tkun xi tkun id-daqs tagħha. Dan jgħodd ukoll għall-iskejjel speċjali |
| Taħriġ ta' l-istaff | * AST jiġu nġaġġati bi kwalifiki minimi ħafna u jridu jistennew ħafna biex jagħmlu l-kors tad-diploma<br>* Il-kapijiet, l-uffiċjali edukattivi, l-assistenti diretturi u d-diretturi ta' l-edukazzjoni għandhom jirċievu taħriġ formali fl-inklużjoni.<br>* Id-DE għandha tagħti taħriġ ta' sena lill-assistenti kapijiet ta' l-iskola responsabbli mill-inklużjoni dwar il-PEI u kif jimmoniterjawh<br>* Sessjonijiet ta' żvilupp għall-istaff għandhom ikunu miftuħa għall-għalliema u għall-AST<br>* L-AST bid-diploma għandhom jingħataw l-opportunita' li jagħmlu l-kors tad-diploma ta' l-INCOs u jużaw iż-żewġ diplomi biex ikunu jistgħu jkomplu għall-grad ta' baċellerat<br>* Il-kors ta' l-INCO għandu jkun miftuħ ukoll għall-istaff li jaħdem f'aġenziji oħra<br>* Gradwati tal-B.Psy impjegati bħala AST għandhom ikollhom kors universitarju għalihom ta' bidla<br>* Ma għandux ikun hemm speċjalizzazzjoni ta' għalliema għax dan iwassal għal ittimbrar u ma jippromovix l-ispirtu veru ta' l-inklużjoni<br>* Għalliema gradwati ġodda ma tantx jidhru li għandhom ħiliet f'tagħlim differenzjat u *issues* ta' inklużjoni<br>* Il-kors introduttorju ta' ġimgħa għal AST mhuwiex sodisfaċenti<br>* L-AST ġodda għandhom jingħataw esperjenza ta' xogħol ma' AST b'esperjenza bħala parti mit-taħriġ<br>* Hemm bżonn ta' taħriġ lill-AST u l-għalliema f'sinjali bażiċi għal tfal b'nuqqas ta' smigħ u dawk b'diffikultajiet intellettwali u fil-komunikazzjoni |

| | |
|---|---|
| | * Aktar studji dwar is-sapport ta' studenti b'diffikultajiet severi u multipli fit-tagħlim u/jew nuqqasijiet sensorjali<br>* Il-bżonn li l-AST ikunu mħarrġa biex jaħdmu ma' studenti adulti u mhux biss mat-tfal<br>* L-għalliema għandu jkollhom xogħol anqas biex ikollhom aktar ħin għal tfal bi BEI<br>* Xi AST għandhom bżonn jispeċjalizzaw f'diżabiltajiet speċifiċi bħal nuqqas ta' smigħ, nuqqas ta' dawl, imġiba diffiċli, *dyslexia*, u l-bqija<br>* L-AST għandhom ikunu kkonfermati fix-xogħol tagħhom fuq il-bażi ta' assessment tal-ħidma professjonali tagħhom<br>* Il-kapijiet għandhom jindikaw il-punti pożittivi ta' kull AST sabiex id-DE jkun jista' jimpjega AST ġodda b'kompetenzi li l-iskola ma għandhiex<br>* Il-kuntratti ta' personnel mhux tal-fiss li ma jkunux iridu jagħmlu taħriġ formali ma għandux jiġġedded<br>* Għandu jkun hemm korsijiet waqt ix-xogħol għall-AST. Dawn għandhom isiru skond id-domanda u mhux minn kemm nistgħu nagħmlu korsijiet<br>* Hemm ostakoli għall-iżvilupp professjonali tal-AST<br>* Id-Diploma fl-Edukazzjoni fil-*Management* u fl-Amministrazzjoni għandha ssir fi grad ta' Masters u jkollha taqsijmiet dwar l-edukazzjoni inklużiva<br>* Għalliema li jkollhom AST fil-klassi għandu jkollhom taħriġ minn qabel dwar ir-rwol ta' l-AST u l-implimentazzjoni tal-PEI<br>* Il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Psikoloġija fi ħdanha għandhom jagħtu sehemhom għat-taħriġ dwar l-edukazzjoni inklużiva |
| Ir-rwol ta' dawk involuti fl-iskejjel | * Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) għandhom rwol importanti fl-edukazzjoni inklużiva. Dan ir-rwol għandu jissaħħaħ permezzz ta' kooperazzjoni akbar bejn il-Ministeri ta' l-Edukazzjoni u l-Ministeru tal-Familja<br>* Il-ħidma tal-NGOs li jaħdmu ma' persuni b'diżabilita' u t-tfal hi ta' valur kbir<br>* Mis-sitt sena 'l fuq, uħud mit-tfal l-oħra tal-klassi jistgħu jintgħażlu biex jipprovdu sapport lill-istudenti bi BEI u hekk ma jibqax il-bżonn ta' l-AST<br>* Il-Ministeru/Diviżjoni għandu jkollhom sezzjoni li tikkoordina l-ħidma bejn id-dipartiment u aġenziji li jaħdmu ma' tfal individwali<br>* L-INCOs għandhom jiġu impjegati fis-settur sekondarju, speċjalment fl-iskejjel sekondarji li mhumiex *Junior Lyceums* |

| | |
|---|---|
| L-approwċ multi-dixxiplinarju | * Għandu jkun hemm ukoll terapisti okkupazzjonali u *physios*, psikologi, *counsellors* u *social workers* fl-iskejjel regolari (ta' l-istat, tal-Knisja u indipendenti). Dawn għandhom ikunu b'żieda ma' Tims tal-Bżonnijiet Speċjali Edukattivi (SENT)<br>* Id-dewmien biex isiru assessments mhwiex aċċettabbli, meta wieħed jikkonsidra ż-żieda fin-numru ta' staff li sar fl-SpLD u s-Servizzi Psikoloġiċi tal-Iskejjel. Il-ġenituri jagħżlu li jmorru privat ukoll meta jista' jkun li ma jkunux jifilħu finanzjarjament<br>* It-tfal jista' jkollhom dijanjożi ħażina l-aktar fir-rigward ta' *Attention Deficiency Hyperactivity Disorder* (ADHD), *dyslexia, Asperger's Syndrome* u diffikultajiet oħra fit-tagħlim<br>* Laqgħat tas-SENT huma tajbin ħafna u għandhom jiġu estiżi<br>* Il-programmi tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) huma wkoll ta' valur<br>* L-AST għandhom jakkumpanjaw lit-tfal fis-CDAU jew fiċ-*Child Guidance Clinic* |
| Is-servizzi psikoloġiċi | * il-psikologi ma għandhomx jitwaqqfu milli josservaw it-tfal fil-klassi, fejn l-aħjar li jiġu osservati<br>* Il-psikologi għandhom ukoll jikkonsultaw mal-ġenituri u l-għalliema<br>* Il-ħinijiet tax-xogħol tal-psikologi ta' l-iskejjel għandhom jiġu riveduti |
| Is-CDAU | * Il-post għall-parkeġġ hu 'l bogħod wisq mill-*Unit*<br>* Il-*waiting room* mhix akkoljenti għat-tfal<br>* Assessments isiru biss filgħodu - il-ġenituri bilfors iridu jieħdu l-*leave*<br>* L-assessment hu bbażat biss fuq dak li jirrapportaw il-ġenituri - jew li ma jagħmlux kompletament<br>* Ma hemm l-ebda servizz ta' *follow up* wara l-assessment<br>* Il-ġenituri għandhom jingħataw lista ta' gruppi ta' sapport u ta' dawk li jipprovdu servizz |
| L-intervent bikri | * Importanti ħafna li jitfassal Pjan għall-Familja Individwalizzat għall-ewwel snin<br>* Skola indipendenti rrifjutat li tibgħat rapport lis-CDAU għax it-tifel ġie riferut mill-ġenituri mingħajr ir-rakkomandazzjoni ta' l-iskola |

| | |
|---|---|
| L-Edukazzjoni Kumplimentarja | * Għandu jsir użu aħjar tal-għalliema kumplimentari. Dawn ma għandux ikollhom l-istess ħinijiet ta' xogħol bħall-għalliema tal-klassi biex huma mhux dejjem jieħdu t-tfal barra mill-klassi waqt il-ħin ta' l-iskola. Meta dawk li jitgħallmu bil-mod jittieħdu mill-klassi bejn it-8.30 u l-10.00, huma jitilfu aktar milli jiggwadanjaw minn dan ix-xogħol rimedjali<br>* Dawn l-għalliema għandhom jagħmlu xogħol rimedjali fil-Matematika, fl-Ingliż u fil-Malti<br>* L-għalliema li jipprovdu dan is-servizz għandhom jingħataw is-sapport. Huma jħossuhom qed jaħdmu ġo vakum |
| Is-servizzi ta' sapport | * Nuqqas ta' għalliema għal studenti b'nuqqas ta' smigħ u nuqqas ta' dawl<br>* Nuqqas ta' taħriġ fil-Braille u lingwa tas-sinjali |
| L-imġiba diffiċli | * Tfal b'imġiba diffiċli mhumiex jingħataw sapport adekwat |
| Il-preparazzjoni tat-tfal | * Tfal bi BEI mhumiex ikunu ppreparati sew għall-iskola u mhux qed jgħiduluhom kif jistgħu jfittxu s-sapport<br>* Preparazzjoni tat-tfal l-oħra tal-klassi hi importanti biex ma jkunx hemm sitwazzjonijiet koroh |
| Il-Programmi Edukattivi Individwalizzati (PEI) | * Il-PEI għandhom ikunu mandatorji u r-riżorsi meħtieġa li jkunu msemmija f'dan il-pjan għandhom ikunu disponibbli. Il-PEI għandhom ukoll jistabilixxu qafas ta' żmien u miri li jridu jiġu riveduti f'dati maqbula jew meta jkun meħtieġ<br>* Għandha titwaqqaf taqsima konsultattiva li tikkumplimenta s-CDAU u timmoniterja t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-PEI<br>* L-għalliema u l-AST għandhom ikunu involuti fis-sessjonijiet kollha tal-MAPs, PEI u sessjonijiet ta' assessment<br>* Il-PEI mill-ewwel snin għandhom jinkludu ħiliet tal-ħajja li t-tfal l-oħra jiksbu b'mod naturali<br>* Il-PEI għandhom jitfasslu qabel l-AST tiġi assenjata<br>* Il-MAPs u l-PEI huma ta' għajnuna kbira għax jipprovdu linja gwida ċara lil dawk kollha kkonċernati<br>* Il-moniteraġġ tal-PEI għandu jsir kull ġimgħa mill-kapijiet ta' l-iskola; żjajjar ta' moniteraġġ għandhom isiru mill-INCOs u għandu jiġi introdott il-ġurnal riflessiv<br>* Il-kapijiet ta' l-iskola għandhom jindunaw meta jkun hemm problemi fir-relazzjoni bejn għalliem partikulari u l-AST u għandhom jaġixxu bħala medjaturi |

| | |
|---|---|
| Gwida bil-miktub | * Il-ġenituri u dawk li jieħdu ħsieb l-istudenti bi BEI għandhom bżonn gwida bil-miktub qabel tibda l-edukazzjoni formali |
| L-*iStatementing Moderating Panel* | * Bord ta' moniteraġġ għandu jara l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' l-*Istatementing Panel*<br>* Il-kapijiet ta' l-iskola għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet<br>* Il-kapijiet għandhom jirreferu studenti lill-*iStatementing Panel* biss wara li jkunu ppruvaw il-possibiltajiet l-oħra kollha u ma rnexxewx<br>* 21 ġurnata mhumiex biżżejjed biex l-*iStatementing Appeals Board* jintervista lill-ġenituri, l-iskola u jikteb ir-rapport<br>* L-*iStatementing Moderating Panel* u l-Bord ta' l-Appelli għandhom ifasslu linji gwida/kriterji li fuqhom is-sapport ta' AST tingħata/ tiġi rrakkomandata. Is-sitwazzjoni preżenti hi ambivalenti<br>* Ġenituri li huma pro-attivi u jistgħu jaffordjaw is-servizzi ta' NGOs huma f'pożizzjoni ferm aħjar li jimpressjonanaw lill-*iStatementing Panel* u jkollhom is-servizz. Dawk li huma ħerqana li jkollhom is-servizz ta' AST isibu kull mezz biex iġibu ċ-ċertifikati neċessarji dwar it-tifel tagħhom<br>* Tfal *statemented* għandhom ikunu mmoniterjati regolarment biex jiġi assigurat li t-tfal la jirċievu aktar u lanqas anqas milli għandhom bżonn<br>* Tfal *statemented* fis-6 sena għandhom ikollhom programm *ad hoc* biex ikunu jistgħu jlaħħqu ma' l-istudenti l-oħra<br>* Tfal bl-ADD jew l-ADHD għandhom ikunu osservati fil-klassi mill-*iStatementing Board* billi l-imġiba tagħhom barra mill-klassi tkun differenti minħabba diversi aspetti<br>* Meta AST tkun meħtieġa malajr, il-proċess ta' *statementing* għandu jingħata b'aktar ħeffa<br>* Tfal bid-*dyslexia*, nuqqas ta' smigħ u ta' dawl għandhom jingħataw AST imħarrġa. Is-sapport mogħti mill-għalliema peripatetiċi mhuwiex biżżejjed<br>* Għandu jsir assessment tat-tifel li jkun se jispiċċa mill-iskola u dan għandu jkun ibbażat fuq l-abilita' u mhux id-diżabilita'<br>* L-*iStatementing Moderating Panel* għandu jkollu r-riżorsi b'personnel *full time* tiegħu<br>* Membri tal-bord għandhom ikunu kkwalifikati fid-diżabilita' u l-inklużjoni<br>* Il-Bord għandu jkollu bħala membri persuna b'diżabilita', ġenitur, AST u psikologu kif ukoll edukaturi. Il-bord għandu jinkludi wkoll rappreżentanti tad-Dipartiment tas-Servizzi ta' l-Istudenti, tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', is- |

| | |
|---|---|
| | CDAU, l-*SpLD Unit*, il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni u oħrajn<br>* Rakkomandazzjonijiet magħmula mhux dejjem ikunu eżatti għax ikunu bbażati fuq inkontru qasir ma' tifel li l-bord ma jafx<br>* L-AST u l-għalliema għandhom jidhru wkoll quddiem il-bord<br>* Dan il-bord għandu jkun awtonomu fid-deċiżjonijiet li jieħu<br>* Ir-rapporti tiegħu għandhom jingħataw lill-għalliema u l-ġenituri għax dawn huma n-nies li se jaħdmu primarjament mat-tfal |
| L-aċċess għall-kurrikulu | * Il-kurrikulu għandu jkun inklużiv għall-istudenti kollha bi BEI<br>* Għal xi tfal, il-kurrikulu tal-primarja għandu jkun adattat, b'xi partijiet jitħallew għas-sekondarja<br>* Opportunitajiet għal attivitajiet aktar prattiċi waqt il-lezzjonijiet jgħinu ħafna lil xi tfal<br>* Xi tfal ma għandhomx bżonn jattendu lezzjonijiet li jinħtieġu attenzjoni fit-tul jew suġġetti li huma astratti ħafna. Dan iż-żmien għandu jiġu użat biex isir xogħol fuq il-ħiliet tal-ħajja u bżonnijiet oħra |
| Il-klassijiet | * Meta jkun hemm ħafna studenti *statemented* f'sena waħda, x'uħud jispiċċaw fil-klassijiet 5A jew 6A li fihom l-istudenti l-oħra jkunu qed jippreparaw għall-eżamijiet tal-*Junior Lycuem*. B'hekk it-tifel jispiċċa jaħdem mal-AST biss |
| Id-daqs tal-klassi | * Id-daqs fiżiku tal-klassi għandu jittieħed f'konsiderazzjoni biex tiġi stabilita l-popolazzjoni tal-klassi |
| L-assessment tat-tfal | * Dan għandu jsir f'ħin iqsar, iffukat fuq il-bżonnijiet ta' l-individwu u jsir f'postijiet differenti (eż: id-dar, l-iskola) u mhux biss fil-klinik<br>* It-tobba għandhom ikunu jafu aktar dwar l-awtiżmu biex ikunu jistgħu jagħmlu dijanjożi tagħha kmieni<br>* Tfal b'diżabilita' għandhom dritt għal assessment bikri minn tim multi-dixxiplinarju<br>* Provedimenti għall-edukazzjoni speċjali (bħal ma huwa l-allokazzjoni ta' AST) għandhom ikunu bbażati fuq bżonnijiet indivdiwali<br>* Xi studenti li jitgħallmu bil-mod mhumiex jingħataw AST, waqt li oħrajn b'nuqqas żgħir għandhom AST<br>* Għandu jkun hemm panel li jerġa' jassessja l-bżonnijiet u jikkonsulta mal-ġenituri dwar is-servizz li qed jingħata |

| | |
|---|---|
| Is-sapport għall-eżamijiet | * Is-sapport mogħti mill-Bord tal-MATSEC hu żvilupp pożittiv<br>* Hemm bżonn reviżjoni tal-konċessjonijiet speċjali offruti waqt l-eżamijiet ta' l-iskola, lokali u ta' barra minn Malta<br>* L-eżamijiet għandhom ikunu adattati meta jkun hemm bżonn b'sapport meħtieġ ipprovdut<br>* Għal studenti bid-*dyslexia*, kompjuter bil-*word processor* jew *text editor* hu għodda bżonnjuża. F'każ ta' lanqas ta' student wieħed, l-użu ta' laptop ingħata minn bord wieħed imma mhux mill-MATSEC<br>* Studenti bid-*dyslexia* għandhom ikunu assessjati fuq is-suġġetti ta' l-eżami u mhux fuq l-ispelling<br>* Għandhom jingħataw aktar ħin minħabba li jdumu aktar biex jiktbu<br>* Studenti bid-*dyslexia* b'eta' tal-qari ta' 10 snin għandhom jingħataw qarrej għall-eżamijiet, minħabba li huma jaqraw bil-mod ħafna u hekk ma jifhmux malajr<br>* F'xi pajjiżi, studenti bid-*dyslexia* jingħataw ħin aktar u/jew qarrejja waqt l-eżamijiet<br>* Waqt li jkunu qed isiru l-korrezzjonijiet tal-karti tal-eżami, tfal bid-*dyslexia* għandhom jingħataw konċessjonijiet għall-iżbalji ta' l-ispelling<br>* Jekk l-istudenti jkunu infurmati qabel Marzu dwar is-sapport li jkun se jingħataw, huma jkunu jistgħu jagħmlu l-eżamijiet ta' nofs is-sena bl-istess kundizzjonijiet li ngħataw<br>* Is-sistema ta' l-eżamijiet tal-*Junior Lycuem* hi riġida wisq għal studenti bid-*dyslexia*. L-għajnuna li tingħata tista' ma tkunx biżżejjed u dawn it-tfal ma għandhomx ikunu kkastigati minħabba żbalji ta' spelling jekk huma ma jkollhomx min jiktbilhom<br>* Direttiva li rapporti tal-psikologu taċ-*Child Guidance Clinic*, ta' l-*SpLD Unit* u tas-Servizzi Psikoloġiċi biss huma aċċettati qed toħloq biss aktar pressjoni fuq dawn l-aġenziji li diġa' għandhom ħafna xogħol<br>* Tfal li ma jistgħux joqogħdu għall-eżamijiet standard għandhom jiġu ttestjati skond il-livell tagħhom ta' xogħol<br>* Xi tfal ma jingħatawx l-assistenza li għandhom bżonn għax ma jkunux ċerti li se jieħdu s-sapport li għandhom bżonn waqt l-eżamijiet. Din ma timmotivax lil dawn it-tfal |
| In-numru ta' tfal fil-klassi | * L-inklużjoni ma taħdimx fi klassi ta' 30 student |
| Il-kmamar tar-riżorsi | * Tfal b'diżabilta' jistgħu jitpoġġew f'taqsimiet speċjali fi skejjel regolari u jingħaqdu ma' tfal l-oħra għall-krafts, il-mużika u l- |

| | |
|---|---|
| | arti<br>* L-użu ta’ kmamar fejn l-istudent b’imġiba diffiċli jista’ jmur fihom għal xi ħin<br>* Kmamar ta’ riżorsi huma neċessarji biex tingħata attenzjoni individwali mingħajr ma jkun hemm telf għall-bqija tal-klassi |
| Ir-riżorsi għall-għalliema u l-AST | * L-AST għandhom bżonn aktar riżorsi bħal ma huma aktar spazju, materjal edukattiv, softwer, kotba, kmamar fejn ibiddlu lill-istudent, b’doċċa u tojlits modifikati<br>* Għandu jkun hemm kamra multi-sensorja f’kull skola. Ftit jeżistu riżorsi edukattivi biex il-kurrikulu jkun modifikat għal tfal ta’ l-eta’ ta’ 6 snin u aktar. L-iskejjel għandhom jingħataw baġit kull sena biex jixtru dawn ir-riżorsi<br>* Għandu jinstab sit alternattiv temporanju għaċ-Ċentru Nazzjonali ta’ Sapport<br>* Tipa kbira u karti bil-kulur jgħinu ħafna lil tfal bid-*dyslexia*<br>* Jeżistu wkoll kotba li huma adattati għalihom. Kull librerija għandu jkollha minnhom |
| L-ICT/AT | * Kompjuters u Teknoloġija assistiva għandhom ikunu għad-dispożizzjoni ta’ studenti b’diżabilita’ li jkollhom bżonnha<br>* Fondi jistgħu jinksibu mill-programm tal-UE Minerva<br>* Hu importanti li studenti b’diżabilita’, speċjalment dawk li għandhom nuqqas ta’ dawl, ma jitħallewx barra mill-edukazzjoni ta’ l-ICT |
| L-iskejjel speċjali | * Jekk ċerti skejjel jispeċjalizzaw f’ċerti diżabilitajiet, ix-xiri ta’ ċertu apparat li jqum ħafna jiġi razzjonalizzat<br>* L-istaff fl-iskejjel speċjali għandu jaqdi l-bżonnijiet kollha ta’ l-istudenti<br>* Servizzi speċjalizzati fl-iskejjel speċjali għandhom ikunu għad-dispożizzjoni ta’ l-istudenti fl-iskejjel regolari wkoll<br>* Studenti li jattendu l-*Unit* ta’ Sannat f’Għawdex għandhom jattendu skola separata li tinbena skond il-bżonnijiet tagħhom<br>* Il-ġenituri huma skoraġġuti minn xi NGOs milli jżuru skejjel speċjali<br>* L-edukazzjoni speċjali għandha tkun l-aħħar miżura. L-edukazzjoni speċjali għandu dejjem ikollha bħala l-għan aħħari tagħha, ir-ritorn ta’ l-istudent lejn l-iskola regolari<br>* Il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel regolari u dawk speċjali għandha tkun inkoraġġuta<br>* Mistoqsijiet dwar kemm l-edukazzjoni inklużiva hi adattata għal studenti b’PMLD jew bl-awtiżmu |

| | |
|---|---|
| L-iskejjel ta' l-istat vs l-iskejjel tal-Knisja | * Problema ta' l-iskejjel ta' l-istat hi li huma orjentati wisq lejn l-eżamijiet |
| L-istudenti b'nuqqas ta' smigħ | * Jeżisti nuqqas kroniku ta' għalliema għal persuni neqsin mis-smigħ<br>* Nuqqas ta' taħriġ lill-għalliema li fil-preżent qed jgħallmu lill-persuni neqsin mis-smigħ<br>* L-importanza li jkun hemm intervent bikri ma' tfal neqsin mis-smigħ<br>* Għalliema kumplimentari huma sors importanti ta' sapport edukattiv lil studenti neqsin mis-smigħ, anke dawk li għandhom AST u għalliem tal-persuni neqsin mis-smigħ<br>* L-inklużjoni totali mhux bil-fors hi l-aħjar soluzzjoni għal studenti neqsin mis-smigħ<br>* Dawn l-istudenti għandhom problema ta' komunikazzjoni li tista' tissolva minn interpreti u mhux AST<br>* Dan ifisser il-bżonn ta' taħriġ ta' l-interpreti minn esperti barranin u finanzjament għall-iżvilupp tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM)<br>* Bord għandu jissorvelja l-edukazzjoni ta' studenti neqsin mis-smigħ u jkun magħmul minn għalliema, adulti neqsin mis-smigħ, ġenituri u akkademiċi<br>* Studenti neqsin mis-smigħ għandhom ikunu eżentati milli jkollhom ċerti kwalifiki minħabba d-diffikulta' fil-komunikazzjoni<br>* Hemm bżonn li l-għalliema jieħdu l-parir u jagħmlu dak li tgħidilhom l-għalliema tal-persuni neqsin mis-smigħ dwar kif dawn it-tfal l-aħjar jitgħallmu.<br>* L-għalliema ta' tfal neqsin mis-smigħ jistgħu jorganizzaw korsijiet u seminars għall-ġenituri, AST, għalliema u kapjiet ta' l-iskejjel fl-iskejjel regolari biex jissensibilizzawhom dwar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom fl-iskola studenti neqsin mis-smigħ u jiddiskutu magħhom ir-rwol individwali tagħhom biex l-inklużjoni tirnexxi<br>* L-AST jistgħu jaħdmu waħda-għal-waħda jew fuq bażi xxerjata , skond il-bżonn ta' l-istudent nieqes mis-smigħ u tissapportja wkoll lit-tfal l-oħra tal-klassi meta l-għalliem ikun qed jagħmel xogħol individwali ma' l-istudent nieqes mis-smigħ<br>* Studenti neqsin mis-smigħ għandhom bżonn lil xi ħadd biex jieħu n-noti, speċjalment fil-livell sekondarju, post-sekondarju u universitarju<br>* Jeżisti nuqqas ta' strumenti biex isiru assessments ħalli jiċċekkjaw l-iżvilupp tal-lingwa u l-ħiliet lingwistiċi tat-tfal |

| | |
|---|---|
| | neqsin mis-smigħ li jitkellmu bil-Malti<br>* Hemm bżonn ta' akustika aħjar fl-iskejjel<br>* Hemm bżonn ta' apparat odjoloġiku u tekniku odjoloġiku fl-iskola Helen Keller<br>* Hemm bżonn li din l-iskola jkollha *hearing aids* żejda<br>* Il-ġenituri għandhom id-dritt li jagħżlu l-mod ta' komunikazzjoni (verbali, orali jew lingwa tas-sinjali)<br>* L-istudenti neqsin mis-smigħ għandhom bżonn ħafna tagħlim individwali f'taqsima speċjali jew kamra tar-riżorsi<br>* Hemm bżonn li s-sitwazzjoni ta' l-istudenti neqsin mis-smigħ tiġi riveduta meta huma jkollhom bżonn interpreti u riżorsi oħra<br>* Studenti neqsin mis-smigħ mhumiex jilħqu miri edukattivi raġonevoli<br>* Huma qed jispiċċaw l-edukazzjoni tagħhom b'kompetenzi lingwistiċi limitati ħafna kemm dawk verbali kif ukoll tal-kitba waqt li jmorru tajjeb f'suġġetti bħall-matematika, il-fiżika u d-disinn tekniku<br>* Għandu jkun hemm *policy* dwar il-lingwa li tgħid li studenti neqsin mis-smigħ għandhom jiżviluppaw bħala bilingwi bil-Malti u bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija sa meta jispiċċaw il-primarja. Dan għandu jidher fil-PEI<br>* Kuntatt ta' l-istudenti neqsin mis-smigħ mal-lingwa tas-sinjali tgħinhom jitgħallmu lingwi oħra b'mod aktar faċli. Adulti neqsin mis-smigħ jistgħu jgħinu f'dan il-qasam<br>* L-aspettattivi għall-istudenti neqsin mis-smigħ huma baxxi u għalhekk huma qed jibqgħu lura<br>* Il-*module* dwar l-edukazzjoni tal-persuni neqsin mis-smigħ fil-kors tal-B.Ed hu fattur inkoraġġanti<br>* Hemm bżonn ta' aktar sapport lill-ġenituri ta' studenti neqsin mis-smigħ u professjonisti li jaħdmu magħhom<br>* Il-Ministeru jista' jikkonsidra li skejjel li jkollhom assistent kap li qabel kien għalliem peripatetiku ta' l-istudenti neqsin mis-smigħ jista' jibdel din l-iskola primarja b'interess speċjali fl-edukazzjoni ta' studenti b'nuqqas ta' smigħ |
| L-istudenti b'diżabilita' fiżika | * Studenta li tuża siġġu tar-roti trid tkun akkumpanjata b'AST meta hi tħoss li ma għandhiex bżonn wieħed<br>* Hemm bżonn li ssir reviżjoni ta' l-aċċessibilita' fiżika tal-bini u l-klassijiet kollha, inklużi t-Taqsima tad-Drama, iċ-Ċentru tal-*Home Economics*, postijiet fejn isiru s-seminars tal-PSD, eċċ.<br>* L-AST ma għandhomx iġorru studenti fit-taraġ<br>* Kull tibdil neċessarju fil-klassijiet għandu jsir bi pjan<br>* Ġenituri ta' studenti b'diżabilita' ta' mobilita' li jattendu |

| | |
|---|---|
| | iskejjel tal-Knisja jew indipenenti jridu jwassluhom huma stess l-iskola. Jekk l-istudent ma jittrasferix ruħu mis-siġġu tar-roti għall-karozza u lura, il-problema hi agħar, għax hu kwazi imprattikabbli li l-ġenituri jkollhom vann bit-*tail-lift* kull wieħed. Kiri mill-privat hu għoli |
| Is-sapport finanzjarju | * Għandu jkun hemm sapport finanzjarju mill-gvern lill-Fondazzjoni Eden biex il-programm lit-tfal bl-awtiżmu jiżdied minn darba għal darbtejn fil-ġimgħa<br>* Għandu jingħata sapport finanzjarju lill-ġenituri ta' studenti b'diżabilita' li jiffaċċjaw spejjeż żejda relatati mad-diżabilita' (eż: biex it-tfal jattendu programmi ta' ċerti NGOs) |
| It-tranżizzjoni bejn l-iskejjel | * Il-kapijiet ta' l-iskejjel primarji għandhom jinfurmaw lill-kapijiet ta' l-iskejjel sekondarji bl-arranġamenti neċessarji għat-tfal b'diżabilita'<br>* Il-proċess ta' bdil ta' skejjel għandu jkun ippjanat sew<br>* It-tranżizzjoni minn livell għall-ieħor għandha tkun parti integrali mill-*policy* ta' l-iskola<br>* It-tranżizzjoni għandha tibda immedjatament wara l-eżami tal-*Junior Lycuem* biex ma jkunx hemm skossi bla bżonn |
| It-tranżizzjoni ta' dawk li jispiċċaw l-iskola | * Problemi minħabba ffullar fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Persuni b'Diżabilita' jfisser li l-istudenti qed ikollhom jibqgħu fl-iskejjel speċjali sakemm jinstab spazju għalihom<br>* Hemm bżonn ta' opportunitajiet post-sekondarji għal studenti b'diżabilita' bis-sapport neċessarju<br>* Hemm bżonn ta' reviżjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex studenti b'diżabilita' jidħlu f'istituzzjonijiet għolja<br>* Hemm bżonn ta' reviżjoni ta' l-informazzjoni u gwida offruti rigward impjieg għall-persuni bi bżonnijiet speċjali<br>* L-ETC għandha tinvolvi ruħha fl-ippjanar tal-proċess ta' tranżizzjoni ta' dawk li se jispiċċaw l-iskola u għandhom BEI<br>* Hu importanti li l-istudenti b'diżabilita' jkollhom ħiliet vokazzjonali, inkluż li jafu jiktbu u jaqraw, jafu jagħmlu s-somom, ħiliet komunikattivi u ICT<br>* Hemm bżonn ta' familjarizzazzjoni ta' postijiet differenti ta' xogħol<br>* Il-monitoraġġ u s-superviżjoni ta' żgħażagħ li għandhom diffikultajiet psiko-soċjali jew diffikultajiet fit-tagħlim iridu jitkomplew lil hinn mill-edukazzjoni sekondarja u jibqgħu sejrin fil-livell post-sekondarju u terzjarju<br>* Hemm bżonn ta' taħriġ f'suġġetti prattiċi lil studenti b'ħiliet |

| | |
|---|---|
| | akkademiċi baxxi<br>* Studenti b'diżabilita' intellettwali għandhom bżonn ta' tagħlim kontinwu wara li jispiċċaw mill-iskola biex ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom<br>* Il-proċess ta' tranżizzjoni għandu jibda mill-eta' ta' 14-il sena<br>* Is-Servizzi ta' Matul il-Jum tal-Persuni b'Diżabilita' b'nuqqas intellettwali sever għandu jiżviluppa aktar u jissaħħaħ billi jipprovdi attivitajiet dinjitużi li jagħmlu sens<br>* Għandu jkun hemm ippjanar aħjar għat-tranżizzjoni mill-iskejjel speċjali għas-Servizzi ta' Matul il-Jum. It-tranżizzjoni għandha tibda qabel l-aħħar sena li l-istudent jagħmel l-iskola<br>* Għal xi studenti, hu ta' benefiċċju akbar li jfittxu impjieg jew jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ<br>* L-istudenti għandhom jingħataw l-opportunita' li jkomplu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom wara l-eta' ta' 16-il sena permezzz ta' l-iMCAST u s-Servizzi ta' Matul il-Jum tal-Persuni b'Diżabilita'<br>* Dawn is-servizzi għandhom jinqasmu fi tnejn skond l-eta'<br>* Għalliema tal-*guidance* għandhom ikunu mħarrġa biex jagħtu sapport lill-istudenti b'diżabilita' li jkunu se jispiċċaw l-iskola |
| L-attivitajiet ekstra-kurrikulari | * SkolaSport tipprovdi klassi segregata lil tfal b'diżabilita' u mhix inkluživa<br>* Hemm bżonn ta' reviżjoni ta' l-attivitajiet ekstra-kurrikulari miftuħa għall-persuni b'diżabilita' u l-apparat ipprovdut<br>* Tfal b'diżabilita' għandu jkollhom aktar opportunita' li jipparteċipaw f'attivitajiet inklużivi bħal ma' huma ħarġiet, drama, balè, ġinnastika, atletika, u l-bqija<br>* Parteċipazzjoni fl-Olimpijadi Speċjali għandha tkun inkoraġġuta<br>* Il-benefiċċji ta' edukazzjoni għad-divertiment mhumiex jingħataw il-valur li jistħoqqilhom<br>* Tfal b'diżabilita' għandhom jiġu involuti fl-edukazzjoni fiżika u l-isport bħal sħabhom tal-klassi |
| It-trasport | * Hemm nuqqas ta' trasport adekwat għall-istudenti b'diżabilita' għall-iskejjel primarji<br>* It-trasport għandu jkun inxurjat<br>* Għandu jkun spezzjonat regolarment<br>* Għandu jkun stabilit bi dritt<br>* Is-servizz għandu jkun rivedut biex jitnaqqsu spejjeż żejda<br>* It-tfal ma għandhomx jibdew il-vjaġġ tagħhom kmieni ħafna |

| | |
|---|---|
| | fil-għodu u, sa fejn hu possibbli, ma għandhomx jitħallew fil-vann għal aktar minn 30 minuta |
| Il-leġiżlazzjoni | * Hemm bżonn li l-leġiżlazzjoni tkun infurzata |
| L-*issues* dwar il-komunita’ | * Fil-*waiting rooms*, knejjes u l-postijiet rikreattivi kollha għandu jkollhom rokna għat-tfal biex hekk il-familja tkun tista’ tgħix ħajja normali flimkien |

**<u>It-Tieni Parti</u>**

***Il-Ħames Taqsima - l-Evalwazzjoni tal-Provedimenti ta’ Sapport fit-Tagħlim***

Waqt li ma hemmx dubbju li jeżisti impenn sojcali u politiku fil-gżejjer Maltin favur l-edukazzjoni inklużiva, ibbażata fuq approwċ b’żewġ linji u għarfien akbar mill-maġġoranza ta’ dawk kollha involuti li l-inklużjoni tagħni lill-istudenti kollha (b’diżabilita’ u bla diżabilita’), teżisti wkoll b’forza kontradizzjoni ċara filosofika u operattiva.

L-inklużjoni għandha tfisser li tagħti l-opportunita’ lill-istudenti kollha jipparteċipaw fil-ħajja ta’ l-istituzzjonijiet regolari bl-aħjar mod ta’ l-abilitajiet tagħhom, huma xinhuma l-bżonnijiet tagħhom. Madanakollu, l-inklużjoni fis-sistema edukattiva Maltija hi mdawra f’qafas ta’ selettivita’ u allura b’mod impliċitu ta’ eskluživita’. L-iskejjel ta’ l-istat, per eżempju, joperaw fuq il-prinċipju li jistrimjaw l-istudenti mill-Ħames Sena, jekk id-daqs ta’ l-iskola jippermetti. L-eżamijiet tal-*Junior Lyceum* jirriżulta b’numru żgħir u bla proporzjon ta’ studenti b’diżabilita’ li javvanzaw għall-

*Junior Lyceums* u l-maġġoranza jmorru fl-iskejjel l-oħra sekondarji jew Ċentri tas-Subien jew Bniet.

Xi xorta ta' diskriminazzjoni pożittiva hi prattikata lejn studenti b'diżabilita'. Ikun x'ikun ir-riżultat fl-aħħar tas-Sitt Sena, huma jingħataw l-opportunita' li jagħżlu bejn Ċentri tas-Subien jew Bniet (qabel kienu jissejħu Ċentri ta' Opportunita') jew Skola Sekondarja mhux *Junior Lyceum*. Il-GĦ josserva li, b'*management*, metodoloġija u attitudni tajba, flimkien ma' riżorsi adekwati, dawn l-iskejjel jistgħu joffru riżultati tajbin.

Il-Grupp jinnota li, waqt li l-istriming fl-aħħar sentejn ta' l-iskola primarja fl-iskejjel ta' l-istat jikkontradixxi l-impenn lejn l-inklużjoni, ħafna mill-iskejjel tal-Knisja li jipprovdu tranżizzjoni awtomatika mil-livell primarju għal-livell sekondarju bħala regola ġenerali ma jistrimjawx lill-istudenti tagħhom, imma jipprovdulhom edukazzjoni f'ambjent ta' abilitajiet imħallta. Din is-sistema hi aktar qrib l-ispirtu ta' l-inklużjoni.

Dan l-istess prinċipju jinsab fl-iskejjel indipendenti. L-eżami Komuni ta' Dħul biex tidħol fil-maġġoranza ta' l-iskejjel sekondarji tal-Knisja min-natura tiegħu hu selettiv ħafna u għalhekk hu esklużiv. Imma ta' min jinnota li dawn l-iskejjel joffru numru ta' postijiet lil studenti bi BEI.

Dan il-paradoss fis-settur ta' l-istat jista' eventwalment jiġi indirizzat jekk l-edukazzjoni ta' l-istat timxi, ngħidu aħna, lejn sistema ta' netwerks ta' skejjel, kif inhu pprattikat per eżempju fl-Olanda. Sistema bħal din ta' netwerking bejn l-iskejjel għandha tipprovdi flessibilita' akbar għall-iskejjel biex jaddattaw għall-provedimenti edukattivi skond il-bżonnijiet ta' l-istudenti u fil-qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali.

Fi ħdan is-sistema ta' netwerk, l-iskejjel ikunu aktar awtonomi u mhumiex marbuta daqshekk mill-awtoritajiet edukattivi ċentrali biex joffru tagħlim u ambjent ta' tagħlim ibbażat fuq l-abilitajiet u l-potenzjal ta' kull student. Sadanittant, l-effetti impliċiti u negattivi ta' din il-kontradizzjoni, waqt li jibqgħu fis-seħħ, ma jistgħux ma jiġux innotati.

Minn barra din il-kontradizzjoni u l-inkoerenza, il-GĦ ma jemminx li l-*policy* ta' l-inklużjoni ġiet iffukata b'mod ċar. Il-*policy* u l-implimentazzjoni tagħha ma żammewx il-pass ma' elementi bażiċi u essenzjali biex jaqdu l-bżonnijiet u l-għanijiet bażiċi ta' l-edukazzjoni u ta' l-inklużjoni, u li jagħtu valur għall-flus minfuqa.

Kif jidher mill-qafas statistiku (fit-Tieni Taqsima) ir-riżorsi finanzjarji assorbiti mis-sistema ta' l-istat biex jinqdew il-BEI qed dejjem jogħlew aktar minn infiq ieħor fl-edukazzjoni. Dawn irduppjaw mill-2000 u qed jieħdu parti dejjem akbar tal-Prodott Gross Domestiku (kif imkejjel bi prezzijiet kurrenti).

Din ix-xejra tista' titqies ta' min ifaħħarha jekk tkun riflessa wkoll f'titjib qawwi fl-istruttura u l-kwalita' tal-provedimenti tal-BEI. Madanakollu, fuq il-bażi tas-sottomissjonijiet li saru lill-Grupp, kif ukoll mill-osservazzjonijiet u l-analiżi tiegħu, il-Grupp ma jemminx li aktar infiq ġie tradott fi kwalita' aħjar tal-provedimenti.

Il-GĦ jikkonkludi li s-sistema ta' provediment ta' sapport biex taqdi l-BEI fis-settur ta' l-istat hu bbażat fuq allokazzjoni u użu żbaljat ta' riżorsi: umani u finanzjarji.

**L-Assessment u l-Intervent Bikri**

Kull aspett tal-*policy* edukattiva tirrikjedi bidu bikri u sod. Provedimenti adekwati għal studenti bi BEI, b'mod partikulari, jirrikjedu assessment u intervent l-aktar bikri possibbli.

L-hekk imsejjaħ Reġistru ta' Anomaliji Konġenitali miżmum mid-Dipartiment tas-Saħħa jindika li madwar 20 tarbija jitwieldu fis-sena b'xi forma ta' diżabilita', l-aktar *Down Syndrome* u *Spina Bifida*. L-identifikazzjoni u d-dijanjożi ta' diżabilitajiet oħra jsiru aktar tard, direttament mill-ġenituri, permezz ta' parir mediku, jew mill-edukaturi. Ma jeżistix reġistru ċentrali tad-dizabilitajiet li ssir id-dijanjożi tagħhom wara li t-tfal ikun għalqu sena.

Il-GĦ jħoss li skrining aktar sistematiku hu meħtieġ fl-ewwel snin tal-ħajja tat-tifel. Iċ-*Child Development Advisory Unit* (CDAU) għandu rwol importanti f'dan ir-rigward. Hu jara medja ta' 10 każijiet fil-ġimgħa.

Madanakollu, meta tikkunsidra l-orjentazzjoni medika tiegħu, dan ma jiħux konsiderazzjoni ta' aspetti oħra ta' l-iżvilupp tat-tifel, bħal ma huma l-bżonnijiet emozzjonali, soċjali u edukattivi. Dan jidher, per eżempju, mill-fatt li parti mill-assessment isir minn psikologu kliniku bla ebda kontribut minn psikologu edukattiv. Waqt li l-*Unit* hi importanti fiha nfisha, mhix biżżejjed fil-proċess edukattiv minħabba li ma tibdiex b'assessment tal-bżonnijiet edukattivi u interventi fejn meħtieġa.

Il-Grupp jemmen li wara li jsir l-iskrining kmieni biex isiru magħrufa d-diżabilitajiet u d-diffikultajiet, parallel ma' dan, l-edukaturi u l-professjonisti l-oħra għandhom mill-ewwel jiġu involuti fil-proċess ta' interventi bikrija,speċjalment fl-ewwel tliet snin tal-ħajja. L-iskop ta' dan hu biex il-familja jkollha l-għajnuna biex tiddilja mal-emozzjonijiet differenti li tesperjenza meta tiffaċċja r-realta' ta' kundizzjonijiet diffiċli u/jew ta' diżabilita'.

Wara li l-familji jkunu megħjuna mill-aspett emozzjonali, iridu jingħataw ukoll mhux biss sapport kontinwu, imma wkoll pariri u informazzjoni adekwati u aġġornati. Dan għandu jiġi pprovdut b'mod aċċessibbli u fil-ħin, biex hekk il-familji jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, speċjalment fir-rigward ta' provedimenti edukattivi għal uliedhom.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrikjedu estensjoni, tisħiħ u ristrutturar tar-rwol tas-servizz ta' l-intervent bikri pprovdut mid-DE. Żieda oħra importanti għandha tkun il-provediment tas-servizzi psikoloġiċi edukattivi bħala parti mill-proċess ta' assessment. Dan għandu jwassal għall-iżvilupp ta' programm ta' qabel l-iskola individwalizzat li għandu jservi ta' pont ma' l-iskola meta t-tifel/tifla jilħqu l-eta' tal-iskola.

Fl-eta' ta' tliet snin, 98% tat-tfal jattendu kindergarten u jkomplu sejrin għal-livell primarju ta' l-eta' ta' 5 snin. Fil-preżent, hu komuni ħafna li l-iskejjel jidentifikaw tfal li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet u għalhekk il-ġenituri/ dawk li jieħdu ħsiebhom jiġu infurmati. Madanakollu, il-GĦ jinnota li din il-prattika hi sporadika u tiddependi ħafna mill-livell ta' għarfien, taħriġ u esperjenza ta' l-edukatur.

Il-Grupp jemmen li, f'intervalli regulari, għandu jkun hemm kejl nazzjonali magħmul mill-għalliema tal-klassi, li għalih għandhom jirċievu taħriġ u sapport speċifiku. Wieħed mill-għanijiet ta' dan l-eżerċizju hu li jiġu identifikati id-diffikultajiet u d-diżabilitajiet, biex il-professjonisti meħtieġa jibdew jiġu kkonsultati, ħalli jibda jiġi żviluppat pjan edukattiv individwalizzat (PEI) għat-tifel. Dan għandu jsir mingħajr ma ħafna tfal jiġu riferuti bil-għaġla għal din id-dijanjożi jekk id-diffikultajiet suppost li jkunu moqdija fil-klassi.

Fir-rigward ta' l-intervent u l-assessment bikri, numru ta' ġenituri infurmaw lill-Grupp li ċ-ċirkustanzi spiss ġagħluhom ifittxu provedimenti privati li jiswew ħafna flus biex ikollhom assessment edukattiv u servizzi ta' assistenza għat-tfal tagħhom, waqt li huma jħossu li intervent f'waqtu mis-servizzi ta' l-istat għandu jkun hemm bi dritt jekk iridu jagħżluh.

Il-GĦ japprezza dan l-inkwiet mill-ġenituri, waqt li jifhem li dawk li jfittxu provedimenti privati, għax hekk jixtiequ, għandu jkollhom id-dritt li jeżerċitaw l-għażla.

***Statementing***

Il-proċess ta' intevent bikri jilħaq stadju kruċjali meta t-tfal jiġu riferuti lill-*iStatementing Moderating Panel* (SMP), fejn tfal li jkollhom rapport ta' BEI jiġu assessjati, u jekk inhu l-każ jiġi deċiż li jingħata sapport fit-tagħlim. Ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom id-dritt li jappellaw lill-*iStatementing Appeals Board* jekk huma ma jkunux sodisfatti bil-konklużjonijiet ta' l-SMP.

Tabella 7: Studenti Riferuti u *Statemented*, 2002-2004

| **Skejjel ta' l-istat, Malta** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena | Riferuti | Studenti *Statmented* | Sapport waħda-għal-waħda | Sapport Ixxerjat | Sapport ieħor | Pendenti |
| 2002 | 255 | 201 | 73 | 58 | 71 | 0 |
| 2003 | 347 | 246 | 88 | 82 | 76 | 21 |
| 2004 | 365 | 213 | 91 | 74 | 48 | 64 |
| *Sub-total* | 967 | 660 | 252 | 214 | 195 | 85 |
| | | | | | | |
| **Skejjel tal-Knisja, Malta** | | | | | | |
| 2002 | 80 | 72 | 19 | 35 | 18 | 0 |
| 2003 | 76 | 63 | 24 | 17 | 22 | 2 |
| 2004 | 95 | 73 | 22 | 32 | 19 | 10 |
| *Sub-total* | 251 | 208 | 65 | 84 | 59 | 12 |
| | | | | | | |
| **Skejjel ta' l-istat u tal-Knisja, Għawdex** | | | | | | |
| 2002 | 36 | 29 | 12 | 8 | 10 | 0 |
| 2003 | 48 | 25 | 8 | 7 | 10 | 0 |
| 2004 | 26 | 17 | 4 | 10 | 3 | 2 |
| *Sub-total* | 110 | 71 | 24 | 25 | 23 | 2 |
| **Total: Malta & Għawdex** | **1,328** | **939** | **323** | **313** | **305** | **99** |

*Source: SMP*

Tabella 7 turi li n-numru ta' studenti riferuti lill-SMP għall-assessment u *statementing* bejn l-2002 u l-2004. In-numru ta' studenti riferuti fl-iskejjel tal-gvern f'Malta żdied matul dan il-perjodu minn 255 fl-2002 għal 365 fl-2004. Iċ-ċifri jitilgħu u jinżlu fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta, jinżlu fl-2003 għal 48 minn 36 fis-sena ta' qabel u jerġgħu jinżlu għal 26 fl-2004. In-numru ta' studenti riferuti u *statemented* għall-AST waħda-għal-waħda jew AST ixxerjata - it-tieni kolonna ta' din it-tabella, kien erratiku.

Il-GĦ ġie infurmat mill-SMP li waħda mir-raġunijiet li ħafna mir-*referrals* baqgħu pendenti, partikularment f'Malta, kienet li ħafna mill-applikazzjonjiet ma kinux issapportjati mir-rapporti professjonali li huma meħtieġa. Il-Grupp ġie infurmat ukoll li kien hemm inċidenza dejjem qed tiżdied ta' studenti li kellhom dijanjożi ta' *Attention Deficiency Disorder* (ADD) jew *Attention Deficiency Hyperactivity Disorder* (ADHD). In-numru ta' studenti *statemented* li ngħataw sapport fl-iskejjel tal-Knisja tela' minn 40 fl-200? għal 61 fl-2004.

Il-Grupp qalulu li l-SMP ma jagħmilx *statement* li student għandu bżonn AST jekk il-*panel* ma jikkonkludix li dan hu ġustifikat. Iżda jidher li r-*referrals* lill-SMP jsiru ħafna drabi mingħajr ma l-ewwel jiġu użati servizzi oħra jew jiġu implimentati strateġiji oħra fil-livell ta' skola. Drabi oħra, ir-*referrals* jinkludu stqarrijiet li hemm aktar minn diffikulta' waħda, biex tiżdied il-probabilita' li s-sapport jingħata.

Min-naħa l-oħra, diversi edukaturi spiss iħossu li tfal li jiġu *statemented* li għandhom bżonn waħda-għal-waħda jew assistenza xxerjata, fir-realta' jkollhom diffikulta' fit-tagħlim li fil-passat kienet qed tiġi indirizzata mill-għalliema tal-klassi u hekk kellha tibqa'.

Min-naħa tal-SMP, il-Grupp qalulu li ħafna drabi r-rakkomandazzjoni ta' AST kienet l-uniku servizz li jista' jingħata, minħabba l-vakum li jeżisti rigward servizzi oħra li huma tant meħtieġa, bħalma huma assistenti personali u rwoli oħra identifikati fil-*Policy* dwar l-Edukazzjoni Inklużiva.

Il-GĦ waqt li jirrikonoxxi l-impenn evidenti li bih l-SMP u l-Bord tal-Appelli jaqdu d-dmirijiet diffiċli tagħhom, iħossu li konsiderazzjoni bikrija għandha tingħata biex l-i*statementing* ikun responsabilita' ta' tim multi-dixxiplinarju. Sa kemm hu possibbli, dawn it-timijiet għandhom jagħmlu l-assessment tagħhom fl-ambjent ta' l-iskola.

Il-Grupp hu konxju li t-twaqqif ta' dawn it-timijiet jista' jirriżulta diffiċli ħafna minħabba n-nuqqas kbir ta' *personnel* imħarreġ. F'dan ir-rigward, il-Grupp hu ta' l-opinjoni li ma sarx ippjanar u investiment mid-DE fil-qasam tat-taħriġ u b'hekk jirriżulta nuqqas ta' professjonisti meħtieġa fl-oqsma ta' l-edukazzjoni speċjali, psikoloġija edukattiva u *counselling*. Meta wieħed iqis il-limitazzjonijiet li l-Universita' qed tiffaċċja biex tipprovdi superviżjoni għall-grad ta' Masters f'dan is-settur, il-Grupp jirrakkomanda li d-Diviżjoni għandha b'mod rigoruż tesplora modi kif tagħti taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni barra minn Malta lil individwi li wara jkunu ngaġġati f'Malta biex jagħmlu taħriġ simili huma stess f'Malta. Mod ieħor jew fl-istess ħin, id-DE għandha tikkollabora ma' universitajiet barranin biex toffri dawn il-korsijiet f'Malta.

**L-Inklużjoni fil-Prattika**

Skond l-approwċ b'żewġ linji operat f'Malta, il-*policy* ta' inklużjoni hi segwita fl-iskejjel regolari, waqt li l-iskejjel speċjali jipprovdu servizz lil minoranza żgħira ta' studenti li l-bżonnijiet tagħhom jistgħu jinqdew aħjar permezz ta' provedimenti ta' tagħlim individwalizzat li jinsabu f'dawn l-iskejjel. Skejjel speċjali u *issues* relatati ġew diskussi separatament u f'aktar dettall fis-Seba' Taqsima.

Biex tilħaq u ssostni *policy* reali u progressiva ta' inklużjoni, żewġ fatturi prinċipali huma meħtieġa: sapport fit-tagħlim fl-iskejjel regolari pprovdut minn *personnel* imħarreġ adekwatament u l-addattament tas-sillabi fil-qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali biex jaqdu l-bżonnijiet ta' studenti individwali.

Tabella 8, meħuda minn Tabella 2 tat-Tieni Taqsima, turi b'mod ċar li sa l-aħħar ta' Jannar 2005 kien hemm 1,087 student *statemented* fl-iskejjel ta' l-istat, mill-kindergarten sal-livell sekondarju għoli. Kien hemm ukoll 403 student *statemented* fl-iskejjel tal-Knisja u 9 studenti li jirċievu sapport fit-tagħlim fl-iskejjel indipendenti. Kien hemm 286 student fl-iskejjel speċjali. It-total ta' 1,785 jirrappreżenta 2.57% tal-popolazzjoni totali ta' l-iskejjel.

Tabella 8: Studenti bi BEI u fl-Iskejjel Speċjali

| Settur | Kinder | Primarja | Sekondarja | Sekondarja Għolja | Total ta' Studenti bi BEI fl-Iskejjel Regolari | Skejjel Speċjali | Total ta' Studenti bi BEI fl-Iskejjel Regolari u fl-Iskejjel Speċjali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat | 58 | 758 | 268 | 3 | 1,087 | 286 | 1,373 |
| Knisja | 19 | 235 | 149 | 0 | 403 | 0 | 403 |
| Indipendenti | 0 | 4 | 5 | 0 | 9 | 0 | 9 |
| *Total* | *77* | *997* | *422* | *3* | *1,499* | *286* | *1,785* |

**Nota**: *Studenti bi BEI fl-iskejjel ta' l-istat u tal-Knisja huma studenti statemented li ngħataw AST.*
*Fl-iskejjel indipendenti, dawn l-istudenti għandhom AST imħallas mill-ġenituri tagħhom*
*Sors: Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni*

L-esperjenza f'numru wiesa' ta' pajjiżi fl-Ewropa (It-Tielet Taqsima) tindika twemmin imħaddan minn ħafna li s-sapport tat-tagħlin fl-iskejjel regolari jingħata b'mod effettiv minn għalliema speċjalisti. Hu ssuġġerit ukoll li biex tgħin it-twaqqif ta' struttura dinamika ta' tagħlim, taħriġ ġenerali tal-għalliema għandu jagħti kontribut qawwi rigward il-provediment għal BEI. L-ispeċjalizzazzjoni għandha tkun possibbli. F'dawn il-pajjiżi hemm ukoll distinzjoni bejn provedimenti biex jinqdew il-BEI u provedimenti ta' kura għall-bżonnijiet personali fiżiċi.

Aktar minn hekk, l-esperjenza Ewropea tindika b'mod estensiv li sapport speċjalizzat fl-iskejjel regolari, jew servizzi mill-bogħod ipprovduti minn skejjel speċjali permezz ta' *personnel* minn servizzi oħra ċentrali jew lokali, aktarx li jiġu pprovduti fuq bażi ta' waħda-għal-waħda. Hemm xi eżempji ta' provedimenti waħda-għal-waħda f'xi partijiet tar-Renju Unit.

Meta l-provedimenti edukattivi lill-istudenti bi BEI f'Malta evolvew fil-prinċipju ta' edukazzjoni inklużiva mill-1995 'l hawn, l-ewwel mill-kindergarten ta' l-istat u mbagħad baqgħet tielgħa 'l fuq sena sena, din tpoġġiet fil-prattika permezz ta' sistema ta' AST waħda-għal-waħda. Ftit kien hemm għalliema speċjalizzati. Ukoll l-istruttura tal-grad tal-B.Ed (Hons) offrut mill-Universita' ftit li xejn tat kontribut rigwad BEI. Lanqas ma kien hemm dak iż-żmien AST li kienu rċevew xi taħriġ

biex jipprovdu edukazzjoni addattata lill-istudenti bi BEI. Il-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva għalhekk ma bediex fuq il-bażi ta', għallanqas, nukleu ta' għalliema u AST mħarrġa u wisq anqas ta' grupp ċentrali ta' speċjalisti.

L-AST fil-klassi malajr beda jissejjaħ komunement f'Malta bħala s-sistema tal-*facilitator*, li bdiet permezz ta' l-ingaġġ ta' *kindergarten assistant*. Ir-reklutaġġ ta' din il-kategorija kienet, u għadha, ta' 4 suġġetti fil-livell tas-SEC, u eta' ta' aktar minn 18-il sena. Dan hu parallel mal-provedimenti fir-Renju Unit skond ħafna awtoritajiet edukattivi, li tikkorrobora dgħufija simili mingħajr ma hi bbilanċjata mit-tajjeb fil-forma ta' allokkazzjoni speċifika skond il-bżonnijiet individwali.

Sadanittant, kors ta' filgħaxija fl-Universita' li jwassal għad-Diploma fil-*Facilitating Inclusive Education* beda fl-1995. 34 *facilitators* kienu mħarrġa. Mill-1999, saru sensiela ta' 5 korsijiet li jwasslu għal Ċertifikat fl-Edukazzjoni ta' *Facilitators* fis-Sapport għat-Tagħlim. Fl-2003 u fl-2004, ġew offruti żewġ korsijiet oħra li jwasslu għal Diploma fl-Edukazzjoni (BEI). In-numru ta' *facilitators* żdied, imma din iż-żieda ma laħħqitx man-numru ta' studenti li ġew *statemented* li għandhom BEI fl-iskejjel regolari. Dan żdied kontinwament waqt li l-*policy* ta' l-inklużjoni bdiet tavvanza sena wara sena mil-livelli tal-primarja u tas-sekondarja. Fl-2004, l-Universita' offriet kors ieħor ta' diploma, li attira 2 applikanti għal kull post li kien hemm.

L-Universita' wkoll irristrutturat il-programm tal-B.Ed, biex tinkludi *credits* li jkopru l-BEI. Il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni infurmat lill-GĦ li dawn il-*credits* kellhom jitnaqqsu minħabba l-proċess ta' armonizzazzjoni ta' l-UE. Il-kors ikopri preparazzjoni tal-PEI fl-għażla tal-primarja, imma s'issa mhux inkluż fil-preparazzjoni ta' l-istudenti li għad iridu jiggradwaw fis-settur sekondarju.

Id-Diploma ta' wara l-grad fl-Amministrazzjoni u l-*Management* Edukattiv għal dawk li jaspiraw li jilħqu kapijiet ta' skola kompla bla ebda kontentut dwar il-provedimenti tal-BEI.

Kors ta' sentejn għal diploma ta' wara l-grad beda fl-2005 fl-Universita' għal Ko-ordinaturi fil-Bżonnijiet Speċjali (INCOs), pożizzjoni li ssemmiet fil-Pjan Strateġiku għall-implimentazzjoni tal-Kurrikulu Minimu. L-Universita' qed tikkonsidra wkoll li toffri speċjalizzazzjoni f'dan il-qasam fil-livell ta' Masters.

Waqt li s-sena skolastika 2004-2005 ittemm l-ewwel għaxar snin ta' edukazzjoni inklużiva, żewġ terzi ta' l-AST huma bla taħriġ. Il-maġġoranza tal-għalliema tal-klassi għadhom ma rċevewx taħriġ biex jippreparaw il-PEI. Il-GĦ ġie infurmat, oħroġ il-għaġeb, li ma kien hemm l-ebda applikant għall-programm ta' taħriġ waqt ix-xogħol magħruf bħala INSET, li kien jiffoka speċifikament fuq l-iżvilupp tal-PEI u li kien offrut b'mod volontarju f'Lulju 2002.

Il-gżira, bħal pajjiżi Ewropej oħra, qed tiffaċċja realta' li dwarha kkummenta r-rapport tal-EADSNE (sinteżi tiegħu tinsab fir-Raba' Taqsima). F'ċerti ċirkustanzi ,

bħal dawk ta' l-istudent neqsin mis-smigħ u studenti bi problemi severi emozzjonali jew ta' mġiba, l-inklużjoni tibqa' sfida. Skarsezza li tinħass f'diversi oqsma ta' sapport fit-tagħlim imħarreġ jagħmel din l-isfida aktar diffiċli biex tiffaċċjaha.

Il-GĦ iħoss li s-sitwazzjoni li għandna quddiemna ma turix li kien hemm xi bidla fundamentali għall-aħjar. Żgur li mhux biżżejjed li turi li s-sistema edukattiva f'Malta verament tagħraf, ittejjeb u tingaġġa l-bażi tar-riżorsi edukattivi umani biex timmobilizza u tiċċelebra d-diversita' billi effettivament tinkludi studenti bi BEI.

**L-Assistenza ta' Sapport għat-Tagħlim**

Din is-sitwazzjoni mhix sodisfaċenti fil-provediment ta' sapport għat-tagħlim għal studenti bi BEI hi agħar minħabba l-frammentazzjoni tas-sapport fil-klassi bejn kategoriji differenti, uħud imħarrġa u oħrajn le (kif jidher f'Tabella 3, it-Tielet Taqsima). Waqt li l-GĦ seta' josserva impenn qawwi fost l-AST lejn l-istudenti *statemented*, deher evidenti li, bħala regola ġenerali, u b' xi eċċezzjonijiet notevoli, dawk li ma bbenefikawx minn taħriġ professjonali ma jistgħux jilħqu l-istess livell ta' ħidma daqs sħabhom ikkwalifikati. Aktar minn hekk, il-*facilitators* (li tħarrġu sal-livell ta' diploma) mhumiex immoniterjati u evalwati biex jiġi assigurat li dawn jestendu s-sapport tagħhom sal-livell mistenni minnhom.

Il-bażi ta' riżorsi mħallta, partikularment imxaqleb kif inhu lejn il-parti mhix imħarrġa ta' dawk li jipprovdu assistenza individwali, ittellef u, il-GĦ iħoss, anke jimmina l-objettiv fundamentali li toħloq u talloka riżorsi kruċjali ta' sapport. Il-kategoriji differenti ta' AST għandhom deskrizzjonijiet ta' xogħol ambigwu, xi kultant hemm interpretazzjoni ħażina u dejqa wisq tar-rwol tagħhom. Il-firxa ta' responsabilitajiet mhix waħda uniformi jew koerenti mal-ħtieġa ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali. Għalhekk, hemm il-possibilita' li tiġġenera kemm il-konfużjoni kif ukoll l-ineffiċjenza fis-sistema.

Il-frammentazzjoni teffettwa wkoll b'mod negattiv l-użu tat-tieni element kruċjali li hu meħtieġ biex timplimenta *policy* ta' edukazzjoni inklużiva - il-PEI. Waqt li studenti bi BEI għandhom varjeta' ta' bżonnijiet, għandu jkun hemm addattazzjoni tas-sillabu, skond il-bżonn, biex jinqdew il-bżonnijiet tagħhom fl-iskejjel regolari. Dan isir billi jitfassal u jiġi implimentat il-PEI.

Dawk li għandhom Diploma fil-*Facilitating Inclusive Education* irċevew taħriġ kif tiżviluppa u timplimenta PEI. Hu parti mid-dmir tagħhom li jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-PEI għall-istudenti bi BEI u jirrapportaw il-progress ta' l-istudenti li għandhom dawn il-PEI fuq bażi regolari. Sejħiet għall-applikazzjoni għall-post ta' *Support Kindergarten Assistants* (SKA) biex jipprovdi sapport fit-tagħlim, jispeċifika rekwiżit bħal dan. Hu evidenti li dan ir-rekwiżit ma jistax jintlaħaq jekk ma jkunx hemm taħriġ adekwat anke jekk xi SKA jieħdu interess personali biex jitgħallmu weħidhom.

Il-konfużjoni f'dan il-qafas hi kkomplikata aktar fid-deskrizzjoni tax-xogħol applikat liż-żewġ kategoriji prinċipali. Dawk li huma kklassifikati bħala *facilitators*, li allura ngħataw taħriġ pedagoġiku fil-kors tad-diploma tagħhom, huma rikjesti li jissapportjaw il-bżonnijiet individwali kif ukoll il-kura u l-iġjene personali. Assistenti oħrajn, li mhumiex ikkwalifikati, u għalhekk ġeneralment huma aktar ristretti bl-abilitajiet tagħhom biex jagħtu sapport fit-tagħlim, huma l-istess obbligati li joffru kura personali u bżonnijiet iġjeniċi.

Spiss dan jirriżulta li *facilitator* jiġi allokat lil student li jkollu bżonn kura personali u bżonnijiet iġjeniċi u li jista', u l-Grupp iħoss għandu, jiġi ssapportjat minn assistent personali. Jista' u qed jiġri li tfal bi bżonnijiet ta' tagħlim kbar huma ssapportjati minn staff mhux ikkwalifikat u wkoll li AST jagħmlu biss għassa ma' l-istudent aktar milli jipprovdulhom edukazzjoni.

AST huma allokati fuq bażi ta' l-ewwel fil-lista u mhux skond il-bżonnijiet ta' l-istudenti *statemented*. Dan l-arranġament, li jeżisti minħabba s-sistema ċentralizzata tar-reklutaġġ, ma jippermettix li jsir tqabbil.

Minħabba d-deskrizzjoni tax-xogħol tagħhom u n-nuqqas ta' tqabbil, il-*facilitators* huma allokati ħażin u għalhekk is-sistema qed taħdem taħt il-potenzjal tagħha, anke jekk diġa' hu wieħed ristrett.

Meta jirrekluta SKA biex jimlew pożizzjonijiet ta' AST, id-DE tagħti preferenza lill-applikanti li għandhom livell ta' matrikola avvanzata jew aktar. Imma l-kwalifiki minimi baxxi u r-rekwiżit ta' l-eta' baqgħu jgħoddu. Applikanti li jiġu aċċettati biex jimlew il-postijiet ta' SKA iridu jagħmlu kors introduttorju ta' tlett ijiem.
Id-DE infurmat lill-GĦ li f'dawn l-aħħar ħames snin ma kien hemm l-ebda student bi BEI fl-iskejjel regolari li telaq mill-iskola qabel l-eta' ta' 16-il sena. Madanakollu, il-GĦ jikkonsidra li studenti *statemented* mhumiex jirċievu s-sapport kollu li jista' jkun hemm mis-sistema iinklużiva preżenti. Per eżempju, il-ftehim ta' *regrading* bejn il-Gvern u l-MUT ta' l-1995, inkluda fid-dmirijiet ta' *facilitator* dak li jippromovi sapport minn sħab it-tfal inklużi biex ikun hemm inklużjoni u aċċettazzjoni aħjar ta' tfal bi BEI. Madankollu, għaxar snin wara dan il-ftehim, id-DE ikkonfermat lill-Grupp li għad ma jeżisti l-ebda programm formali bħal dan fl-iskejjel regolari.

**L-Assenzi Temporanji**

Hemm nuqqas ieħor fis-sistema. Is-sistema ta' waħda-għal-waħda flimkien mal-fatt li f'ċerti każi studenti bi bżonnijiet ta' sapport kbir u għalhekk li jkollhom bżonn ta' attenzjoni kontinwa jfisser li, meta l-AST ma tkunx hemm, jinqalgħu l-problemi. Hemm grupp ta' riserva ta' '*helpers*' minn applikanti li jkunu qed jistennew li jiġu reklutati. Imma l-GĦ iltaqa' mal-fehma ta' ħafna fost l-edukaturi u l-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom: li s-sistema mhix taħdem sew, jekk wara kollox qed taħdem.

Meta l-AST ma tirrapportax għax-xogħol, jew ikollha dmirjiet barra l-klassi, bħal meta tagħmilha ta' inviġilatur waqt l-eżami, l-iskejjel ġeneralment ma jħallux l-

istudent bi BEI jattendu. Xi kultant, l-iskola titlob lill-ġenituri/min jieħu ħsiebhom li jieħdu t-tifel lura d-dar minħabba li l-AST ma tkunx irrapportat għax-xogħol u ma jkunx hemm sostitut.

Dan in-nuqqas jeffettwa b'mod negattiv kemm lill-istudenti kif ukoll lill-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom: l-istudenti jitilfu l-provediment edukattiv u l-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom ma jistgħux jippjanaw il-ġranet tagħhom b'ċertezza.

Il-grupp ta' '*helpers*', sa fejn jeżistu, ma jistax jintuża mill-iskejjel tal-Knisja. L-Assoċjazzjoni ta' l-Iskejjel Privati kkumentat mal-GĦ kif ġej: "Meta *facilitator* tkun marida jew ma tattendix skola jew tattendi xi taħriġ... aħna jkollna nitolbu lill-istudent ma jattendix skola, kif diretti mill-MUT. Aħna nħossu li, anke fid-dawl tal-ftehim bejn il-Knisja u l-istat dwar l-edukazzjoni li jiggarantixxi parita' bejn l-istudenti ta' l-iskejjel ta' l-istat u tal-Knisja, l-istudenti tagħna għandu jkollhom id-dritt tagħhom għal inklużjoni sħiħa ggarantita."

**Is-Sapport fl-Iskejjel tal-Kni**sja

Kull analiżi tas-sistema għandha titpoġġa fil-kwadru ta' sistema ta' trepied.

L-istat jiffinanzja l-ispejjeż tas-servizz ta' sapport magħmul minn *facilitators* f'diversi kategoriji ta' *kindergarten assistants* fl-iskejjel tiegħu mill-kindergarten sa l-iskejjel sekondarji għolja u skejjel immexxija mill-istituzzjonijiet tal-Knisja. Il-ġenituri ta' l-iskejjel indipendenti jħallsu privatament għall-assistenza waħda-għal-waħda jew ixxerjata għat-tfal tagħhom, apparti mis-sapport limitat mogħti mill-iskejjel stess. Il-GĦ innota li, li meta tqis l-awtonomija relattiva ta' l-iskejjel tal-Knisja, kull skola hi libera li tagħżel hi l-AST tagħha, soġġett għall-approvazzjoni finali tad-DE. Għalhekk, l-iskejjel tal-Knisja huma f'qagħda aħjar li jqabblu r-riżorsi ta' sapport fit-tagħlim mal-bżonnijiet ta' studenti b'diżabilita' individwali. Xi skejjel anke jqabblu skond is-suġġett.

Dawk li jipprovdu s-sapport fit-tagħlim waħda-għal-waħda jew ixxerjat lil studenti bi BEI fl-iskejjel indipendenti, li milli jidher hemm ftit, jintgħażlu u jitħallsu mill-ġenituri, apparti minn sapport żgħir ipprovdut mill-iskejjel stess.

Din l-awtonomija tenfasizza, permezz ta' kuntrast qawwi, id-defiċjenzi ta' sistema ċentralizzata li tħaddan l-iskejjel ta' l-istat. Dawn id-defiċjenzi fis-sistema jikbru fil-livell sekondarju. F'dan is-settur, għalliema differenti jgħallmu suġġetti differenti. Dan, flimkien mal-livell dejjem jogħla tal-kontenut tas-suġġett, jagħmel il-prattika ta' l-inklużjoni sfida akbar u aktar komplessa speċjalment meta jkun hemm studenti b'diffikultajiet intellettwali, ta' komunikazzjoni jew ta' mġiba.

Il-fatt li l-proċess selettiv ta' l-eżami tal-*Junior Lyceum* u ta' l-Eżami Komuni ta' Dħul għall-biċċa l-kbira ta' l-iskejjel tas-subien tal-Knisja jirristrinġi severament it-tranżizzjoni lejn dawn l-iskejjel, hi kontradizzjoni ċara mqabbla ma' l-objettivi tal-

*policy* ta' l-inklużjoni, u hekk sempliċiment tikkonċentra d-defiċjenzi fuq numru limitat ta' studenti li jirnexxilhom jagħmlu din it-tranżizzjoni.

Matul l-2005, is-sapport fit-tagħlim lil studenti b'diżabilita' hu stmat li se jiswa Lm3.92 miljuni f'pagi, kważi t-tripplu ta' l-ammont tas-sena 2000 (ara t-Tieni Taqsima). Meta staqsejna lid-DE biex tagħti estimi ta' l-ispejjeż komparattivi, id-DE indikat lill-GĦ li l-provediment għall-edukazzjoni inklużiva u speċjali jassorbi madwar Lm3,300 fis-sena għal kull student. Dan hu aktar mid-doppju mill-ammont medju ta' l-ispiża għall-edukazzjoni ta' l-istudenti l-oħra, li hu stmat għal Lm1,450. Dawn l-ammonti ma jinkludux il-pagi ta' l-AST li huma mħallsa mill-istat u allokati lill-iskejjel tal-Knisja li għandhom studenti bi BEI. Dawn huma 284 (ara Tabella 4) u jissapportjaw 403 student *statemented* (Tabella 2) fil-bidu tas-sena.

Il-Grupp sab evidenza skarsa li din in-nefqa fir-riżorsi umani fl-iskejjel ta' l-Istat hi allokata u utilizzata sal-massimu, f'termini tal-kontribuzzjoni għall-objettiv ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali.

**Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Sapport**

Il-GĦ nnota li parti importanti mill-*policy* ta' l-inklużjoni - it-twaqqif ta' Ċentru Nazzjonali ta' Sapport biex jaġixxi bħala post ta' waqfa waħda għas-servizzi u għal dawk li jipprovduhom, għat-taħriġ tal-għalliema u għall-informazzjoni lill-għalliema u l-istudenti, baqgħet biss objettiv.

Passi biex jitwaqqaf dan iċ-Ċentru ttieħdu fl-2001. Qabel jibda jiffunzjona fil-limitazzjonijiet indikati f'din it-Taqsima, instab li l-bini allokat għal dan iċ-Ċentru kellu bżonn tiswijiet estensivi, tant li kien aħjar li jitwaqqa' u jerġa' jinbena, u l-ispazju jintuża biex jaqdi l-bżonnijiet preżenti u futuri b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

Il-proġett, li wkoll jgħin biex ikun hemm moniteraġġ tajjeb tal-provediment għall-edukazzjoni inklużiva u speċjali, baqa' wieħed rieqed.

Fil-qosor, l-aspetti prinċipali tal-pożizzjoni osservata mill-GĦ huma dawn:

- il-biċċa l-kbira tal-għalliema tal-klassi u l-kapijiet ta' l-iskejjel ma rċevewx taħriġ dwar il-provedimenti ta' l-edukazzjoni għal studenti bi BEI;
- sapport fit-tagħlim jingħata fl-iskejjel ta' l-istat lill-istuenti bi BEI jew fuq bażi ta' waħda-għal-waħda jew fuq bażi xxerjata, minn 858 AST (fil-31/01/05); dawn mhumiex imqabbla ma' l-istudent imma ġeneralment huma allokati fuq bażi ta' min imissu fil-lista.
- Minn dawn l-AST, terz biss - 280 - għandhom diploma fil-*Facilitating Inclusive Education* u għalhekk huma kklasifikati bħala *facilitators*; il-bqija (b'mod mhux korrett imsejħa SKA) ingħataw kors introduttorju ta' 13-il siegħa - uħud wara li jkunu tpoġġew fil-klassi.

- L-għodda prinċipali, il-PEI, mhux qed ikun żviluppat u implimentat kif meħtieġ biex iħaddem b'mod sod il-*policy* ta' edukazzjoni inklużiva fil-prattika.
- Skejjel tal-Knisja u indipendenti, minħabba l-awtonomija tagħhom fl-għażla ta' l-istaff u fl-amministrazzjoni, jistgħu jingaġġaw ir-riżorsi umani tagħhom aħjar milli bis-sistema ċentrali ta' l-istat.

Il-GĦ jikkonkludi li:

- l-objettivi tal-*policy* ta' l-edukazzjoni inklużiva mhumiex jiġu implimentati b'mod effettiv permezz ta' provediment sistematiku ta' varjeta' ta' sapport li jaqdi bis-sens il-varjeta' ta' bżonnijiet ta' tfal b'diżabilita' fil-gżejjer Maltin, kif immonitarjat u evalwat fuq bażi kontinwa;
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ddisinjat biex jippromovi l-edukazzjoni inklużiva ma żammewx ma' l-estensjoni progressiva annwali mit-tfulija sal-livell post-sekondarju;
- l-estimi sostanzjali u dejjem telgħin allokati biex jilħqu dawn l-objettivi tal-*policy* ta' edukazzjoni inklużiva mhumiex jirrendi valur għall-flus billi jistrutturaw u joperaw *policy* ta' edukazzjoni inklużiva b'saħħitha u effettiva biex tilħaq l-aspirazzjonijiet leġittimi ta' l-istudenti b'diżabilita' fit-tagħlim, tal-ġenituri u dawk li jieħdu ħsiebhom u tas-soċjeta' ġenerali.

Eventwalment l-introduzzjoni ta' l-INCOs, għall-ewwel fl-iskejjel primarji u fuq medda ta' żmien mhux speċifikat, għandha tkun pass pożittiv biex tindirizza uħud min-nuqqasijiet eżistenti tas-sistema. Ma tkunx miżura bis-sens, imma, jekk ma tkunx parti minn pjan komprensiv u koerenti biex jistruttura u jpoġġi f'pożizzjoni ġdida l-inklużjoni fuq bażi aktar b'saħħitha, issa li l-proċess ta' tagħlim għadda mill-ewwel għaxar snin tiegħu.

Fit-taqsimiet Sitta u Sebgħa, il-GĦ jirrakkomanda u jfisser Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida f'termini ta' żmien fit-tul, kif ukoll tibdil fuq bażi ta' żmien qasir jew medju li għandu jiġi implimentat permezz ta' Programm Parallel ta' azzjoni.

## It-Tielet Parti

### *Is-Sitt Taqsima - Pjan b'Pożizzjoni Ġdida u Programm Parallel*

Il-GĦ, wara li ta każ tas-sitwazzjoni kif deskritta u evalwata fit-taqsimiet ta' qabel tar-Rapport, jirrakkomanda li jitfassal Pjan b'Pożizzjoni Ġdida. Il-Pjan għandu jiddefinixxi mill-ġdid ix-xena ta' llum fi ħdan is-settur ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali, billi jfassal mill-ġdid *policies*, sistemi u prattiċi. Għandu jipprovdi varjetà ta' provedimenti li jilħqu, b'mod aktar iffukat, effiċjenti u effettiv milli qed isir illum, il-varjetà definita ta' BEI..

Il-Pjan għandu jitfassal mid-DE, b'konsultazzjoni mal-parteċipanti maġġuri tas-settur.

Il-proċess konsultattiv għandu jinkludi, partikularment, il-parteċipazzjoni ta' studenti b'diżabilità u l-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom, organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità, edukaturi mis-setturi pubbliċi u privati, l-Università, l-iMCAST u l-MUT.

Il-Pjan għandu jkun implimentat fuq medda ta' bejn seba' u għaxar snin, li jibdew mill-2006 skond skeda ċara ta' żmien li tkun stabilita mill-bidu.

Il-Grupp jemmen li l-pożizzjoni l-ġdida għandha:

- tkun ibbażata fuq il-bidla mill-aspettattiva li s-sapport għat-tagħlim irid jingħata fuq il-bażi ta' wieħed-għal-wieħed jew fuq il-bażi ta' ftit-għal-wieħed, billi din il-kultura ta' dipendenza hi kuntrarja għall-objettivi veri ta' l-edukazzjoni u tagħmel ħsara lil kull student;
- tagħraf, bħal ma wasal biex jagħraf il-Grupp wara konsultazzjoni u analiżi profonda, li billi tipprovdi lill-istudenti b'diżabilità kollha bl-istess servizz ta' sapport għat-tagħlim, ma jkunx servizz effettiv. Il-Pjan għandu, għalhekk, jassigura li l-varjetà ta' provedimenti għandha tkun offruta biex hekk tintlaħaq il-varjetà ta' bżonnijiet ta' studenti bi BEI.

Ukoll, il-Grupp jirrakkomanda Programm Parallel fuq medda ta' żmien minn qasir sa medju mifrux fuq erba' snin li jibdew immedjatament. Dan il-Programm għandu jindirizza n-nuqqasijiet u l-vojt li hemm bħalissa b'tali mod li dan jikkumplimenta l-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida.

Il-Pjan u l-Programm Parallel għandhom jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li hemm f'Taqsima 7 dwar l-iskejjel speċjali.

L-aspetti varji ta' l-esperjenza ta' Malta stess li tippromovi l-edukazzjoni inklużiva, u esperjenzi relevanti ta' pajjiżi oħra li għamlu progress tajjeb lejn l-inklużjoni, għandhom ikunu l-punt tat-tluq biex, fi żmien fit-tul, ikun hemm azzjoni għal pożizzjoni ġdida u azzjonijiet korrettivi.

## 6.1 Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida - Ħarsa Ġenerali

Il-GĦ jirrakkomanda li l-Pjan għandu jinkludi l-apprezzament mill-ġdid u l-azzjonijiet li ġejjin:

- l-iskrining mat-twelid, u assessment u intervent bikri għandhom jissaħħu permezz ta' riżorsi speċjalizzati meħtieġa, u li jinkludu programm individwali għal qabel l-iskola;
- il-proċess ta' *statementing* tat-tfal irrapportati li għandhom diżabilitajiet għandu jsir minn tim multi-dixxiplinarju u, sa fejn hu possibbli, fl-ambjent ta' l-iskola;
- il-provedimenti għall-istudent bi BEI għandhom il-ħin kollu jippromovu ħiliet li jgħinu lill-individwu jkun indipendenti, jaħarbu l-ħsara li ġġib magħha l-kultura ta' dipendenza u jitfasslu fi ħdan *policy* ta' l-iskola kollha li timmassimizza l-kontribut lil u minn kull student, sabiex *policy* koerenti u li tissapportja lil xulxin issir il-magna għal kisbiet inklużivi u totali. Dawn l-objettivi għandhom ikunu l-bażi tal-proċess sħiħ ta' l-inklużjoni, mill-i*statementing* 'il quddiem;
- studenti għalliema u għalliema fis-servizz għandhom ikunu mħarrġa biex jippreparaw Pjanijiet Edukattivi Individwali (PEI) u li jassumu r-responsabilità ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet;
- l-għalliema tal-klassi għandhom ikunu ggwidati u megħjuna fl-approwċ tagħhom għal edukazzjoni inklużiva permezzz tal-ħolqien ta' tim ta' speċjalisti ġdid, li jkun kompost minn fost il-Ko-ordinaturi ta' l-Inklużjoni (magħrufa bħala INCOs) u għalliema speċjalizzati miċ-Ċentri ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Speċjali (li għandhom jitwaqqfu mir-ristrutturar ta' l-iskejjel speċjali, kif irrakkomandat mill-Grupp f'Taqsima 7);
- għalliema speċjalizzati għandhom ikunu gradwati fl-edukazzjoni, bi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni f'oqsma speċifikati mid-DE (per eżempju, nuqqas ta' dawl, nuqqas ta' smigħ, diffikultajiet severi fl-imġiba u fil-komunikazzjoni) skond il-bżonnijiet analizzati ta' dak iż-żmien u ta' dak previst;
- ir-rwol ta' l-għalliema speċjalizzati jkun li jipprovdi sapport lill-għalliema tal-klassi u lill-istudenti bi BEI;
- ċerti gruppi ta' studenti b'diżabilità, bħal dawk li għandhom nuqqas ta' dawl jew ta' smigħ, għandhom ikunu ssapportjati minn għalliema speċjalizzati kif ukoll minn sapport ipprovdut miċ-Ċentri ta' Riżorsi;
- minkejja l-bidla minn sapport estensiv kif irrakkomandat f'dan ir-Rapport, hemm studenti li għandhom bżonnijiet kbar ta' sapport għat-tagħlim li jiddetermina l-bżonn ta' sapport fil-klassi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, AST imħarreġ għandu jingħata lill-klassi kollha biex jassisti lill-għalliem tal-klassi;
- assistenti mħarrġa għas-sapport fit-tagħlim (fil-preżent magħrufa bħala *facilitators*) għandhom ikunu kkwalifikati fil-livell ta' diploma; il-kors tad-diploma għandu jinkludi suġġetti bażiċi komuni għall-istudenti kollha fl-

ewwel sena ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni skond id-diżabilità fit-tieni sena. Dawk li jsegwu dan il-kors għandhom jispeċjalizzaw f'żewġ oqsma differenti, biex hekk ikun hemm aktar mobilità meta jibdew jaħdmu;

- kura personali meħtieġa mill-isutdenti b'diżabilità għandha tiġi pprovduta minn assistenti personali li ma jkunux parti mill-istaff ta' għalliema u assistenti mħarrġa għas-sapport fit-tagħlim. Huma jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom f'aktar minn skola waħda. Dawn l-assistenti għandhom jingħataw taħriġ bażiku biex jipprovdu kura personali bil-għan li jaqdu l-bżonnijiet personali ta' dawk l-istudenti li għandhom bżonn sapport fil-kura personali biss. Għal dawk l-istudenti li għandhom diżabilitajiet oħrajn li jirrikjedu sapport, kif ukoll bżonn għal kura personali, din il-kura għandha tingħata mill-AST tal-klassi.

Il-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida għandu wkoll:

- ifassal rekwiżiti ċari rigward (a) it-taħriġ ta' studenti tal-B.Ed. biex ikun hemm provediment għal studenti bi BEI li jkun aktar b'saħħtu, aktar sostenibbli u aktar relevanti għal varjetà ta' BEI, u li jirrifletti l-iżviluppi filosofiċi, etiċi u operattivi f'mudelli ta' pajjiżi oħra li għandhom prattiki tajba; (b) iż-żieda fin-numru ta' għalliema speċjalizzati għal studenti bi BEI permezz ta' taħriġ minn esperti lokali, u (ċ) l-għoti ta' taħriġ bażiku li jsir waqt il-ħin tax-xogħol (*in-service*) lill-għalliema, assistenti kapijiet u kapijiet ta' l-iskejjel li qatt ma kellhom taħriġ formali dwar il-ħiliet meħtieġa għall-edukazzjoni ta' studenti bi BEI;
- timmobilizza r-riżorsi ta' l-iskola biex jikber il-fokus għall-provediment għal studenti bi BEI, 'l hinn mill-ko-ordinament mogħti mill-INCOs, per eżempju, l-iskejjel għandu jkollhom, bħal ma hi l-prattika fl-Iżlanda, tim li jkollu l-għan li jissapportja u jiggwida lill-għalliema li fil-klassi jkollhom studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim, fl-imġiba jew fil-komunikazzjoni;
- jistabilixxi pjan ta' żmien biex jiġi stabilit Ċentru Nazzjonali ta' Sapport li jiffunzjona sew.

Il-GĦ ta każ xieraq taż-żieda assoluta u relattiva fl-ispiża għall-edukazzjoni speċjali, kif identifikata f'Tabella 5 ta' Taqsima Tnejn ta' dan ir-rapport. Kontinwazzjoni f'din iż-żieda tista' żżid it-tensjoni relatata mal-baġit. Din, però, mhix motivazzjoni maġġura tar-rakkomandazzjoni tal-Grupp biex ikun hemm pożizzjoni ġdida fil-*policy* u l-provediment ta' l-edukazzjoni inklużiva. Nerġgħu nenfasizzaw li s-sistema mhix taħdem kif suppost. Hu ħela u, sa ċertu punt, bla effett. Taħriġ li qed isir preżentement u li se jsir fil-futur lill-AST flimkien ma' monitoraġġ effettiv u kontinwu, għandhom jirriżultaw f'bidla għall-aħjar. Madankollu, riżorsi umani u finanzjarji jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv u effiċjenti biex jagħtu riżultati konsiderevolment ogħla, kemm soċjali kif ukoll individwali.

Il-Grupp, fuq il-bażi ta' informazzjoni ppubblikata jew li ġiet ipprovduta lilu, jifhem li n-numru ta' tfal b'diżabilità li għandhom BEI, se jistabilizza ruħu madwar il-livell

milħuq fl-2005. L-aspett ta' taħriġ meħtieġ mill-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida jinħtieġ żieda finanzjarja. Madanakollu, il-biċċa l-kbira ta' dan il-finanzjament jista' jiġi rkuprat mir-rakkomandazzjoni għal bidla gradwali mis-sapport estensiv ta' wieħed-għal-wieħed.

Il-Grupp isostni li s-sistema ta' pożizzjoni ġdida għandha tagħti valur aħjar għall-flus minfuqa billi jkun hemm provedimenti aktar relevanti u effettivi lill-istudenti bi BEI u sodisfazzjon akbar u riżultati aħjar għall-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom, għalliema u assistenti u s-soċjetà ġenerali.

Il-progress fl-implimentazzjoni tal-*policy* ta' l-edukazzjoni inklużiva, anke permezz tal-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida, għandu jiġi assessjat permezz ta' valutazzjoni kritika kontinwa biex naraw kemm l-edukazzjoni inklużiva u speċjali jgħinu ħalli jkun hemm titjib bis-sens fil-ħajja u l-prospetti ta' studenti bi BEI. Jekk l-edukazzjoni inklużiva ma twassalx għall-akbar inklużjoni possibbli tal-persuna b'diżabilità fis-soċjetà, ma tkunx qed tilħaq l-għan fundamentali tagħha.

## 6.2 Il-Programm Parallel

Il-Pjan ta' Pożizzjoni Ġdida rrakkomandat mill-GĦ hu proġett f'termini ta' żmien fit-tul. Jirrikjedi bdil fundamentali fil-filosofija u l-attitudni. Anke jekk ir-ristrutturar irrakkomandat ma jseħħx, miżuri f'termini ta' żmien qasir jew medju biex jitjiebu l-arranġamenti preżenti huma meħtieġa, fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-*policy* eżistenti dwar l-Edukazzjoni Inklużiva u anke fil-pożizzjoni l-ġdida rrakkomandata minn dan il-Pjan.

Il-Grupp hu ta' l-opinjoni li Programm Parallel ta' azzjoni definit u ċar, mifrux fuq massimu ta' erba' snin, ukoll bi pjan ta' żmien ċar, jgħin biex id-DE tkun tista' taqdi aħjar il-bżonnijiet ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali u jassigura wkoll li l-akbar numru possibbli ta' assistenti li ma għandhomx ta' l-inqas il-kwalifika bażika relevanti, ikunu jistgħu jakkwistawha.

## 6.3 L-Istrutturi

Id-Direttorat għas-Servizzi ta' l-Istudenti u Relazzjonijiet Internazzjonali għandu jiġi ristrutturat f'Direttorat għas-Servizzi ta' Sapport, li jħaddan fih biss l-edukazzjoni inklużiva u speċjali, kif ukoll servizzi oħra ta' sapport li huma: is-Servizzi Psikoloġiċi fl-Iskejjel, is-Servizzi ta' Ħidma Soċjali fl-Iskejjel, is-Servizzi ta' *Guidance* u *Counselling* u l-Programm għal Skejjel Siguri.

Għandu jkun hemm ukoll settur fi ħdan id-Diviżjoni li jieħu ħsieb il-qasam tal-litteriżmu. Dan għandu jinkludi s-servizzi offruti mill-*iSpecific Learning Difficulties Unit* (SpLD), il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi u t-Taqsima għall-Edukazzjoni Kumplimentarja. Il-Grupp jenfassiza bil-qawwa l-bżonn li jkun hemm kollaborazzjoni qawwija u ċara bejn dan is-settur u d-Direttorat responsabbli mis-servizzi ta' l-istudenti.

Għandu jkun hemm ukoll ko-ordinament u kollaborazzjoni eqreb bejn dawk kollha involuti, speċjalment l-iskejjel, il-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom, studenti u entitajiet relevanti bħal ma huma s-CDAU, il-bord tal-MATSEC, l-istituzzjonijiet għall-Edukazzjoni Għolja u l-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u t-Taħriġ.

### 6.4 It-Taħriġ Matul ix-Xogħol

Il-kapijiet ta' l-iskejjel u l-għalliema li ma għandhomx il-ħiliet bażiċi biex jipprovdu sapport lill-istudenti bi BEI ma jistgħux jiggwidaw b'mod effettiv l-assistenti għas-sapport ġodda li ma jkunux irċevew it-taħriġ introduttorju u li l-provedimenti għall-BEI huma totalment estranji għalihom minħabba li mhumiex mħarrġa biex joffru programmi edukattivi differenzjati. Taħriġ Matul ix-Xogħol (*in-service*) adattat u mfassal fi programm ta' żmien ċar, għalhekk, għandu jiġi offrut mid-DE, billi din tuża l-istaff ikkwalifikat u bl-esperjenza li għandha, kif ukoll riżorsi minbarra d-Diviżjoni.

Dan it-taħriġ għandu jassigura li l-punti b'saħħithom li hemm bil-bażi tar-riżorsi tat-tagħlim eżistenti jiġu utilizzati u msaħħa.

### 6.5 L-**AST - Taħriġ u Titjib**

Il-Programm Parallel għandu jinkludi kors fil-livell ta' ċertifikat biex itejjeb il-kwalità ta' l-AST li ma għandhomx diploma. Il-kors għandu jkun stutturat b'tali mod li jieħu konsiderazzjoni ta' l-esperjenza miksuba u n-nuqqasijiet u l-vojt li hemm f'din l-esperjenza. Dan għandu jsir fil-kuntest ta' l-objettiv li jkun hemm korrelazzjoni bejn il-kwalifiki u t-taħriġ b'mod aktar dirett mar-rekwiżiti u l-bżonnijiet ta' l-edukazzjoni inklużiva u speċjali. Il-korsijiet għandhom ikunu kkreditati lejn programmi ta' diploma li eventwalment min jikseb dan iċ-ċertifikat se jkun obbligat li jsegwi aktar 'il quddiem.

Biex ikun hemm inċentivi ma' l-obbligi, il-GĦ jħoss li individwi li jagħmlu dawn il-korsijiet għandhom jingħataw inkriment ta' darba fi tmiem il-kors, basta jkunu temmewh b'suċċess. Bil-kontra, min ma jaċċettax li jipparteċipa biex jitjieb permezz ta' dan il-kors propost fil-livell ta' ċertifikat, għandu jkollu l-kuntratt ta' l-impjieg ikkunsidrat mill-ġdid.

F'livell ieħor, l-esklużjoni tal-*facilitators* u AST milli jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' żvilupp professjonali li jsiru wara l-ħin ta' l-iskola għall-għalliema kull term, għandha tiġi kkonsidrata mill-ġdid. Il-*Personnel* ta' Sapport fit-Tagħlim jibbenefikaw meta jattendu dawn is-sessjonijiet u hekk ikunu jistgħu jtejbu l-kwalità tas-sapport tagħhom. Jekk jiġu kkumpensati għall-ħin limitat li huma jattendu wara l-ħin ta' l-iskola, mhix se tiswa lill-kaxxa ta' Malta aktar minn ftit eluf ta' liri fis-sena.

Il-Grupp jaqsam il-preokkupazzjoni espressa lilu rigward kemm hemm *facilitators* - u aktar staff li jagħti s-sapport u li mhuwiex imħarreġ - li mhumiex kapaċi jaħdmu ma' studenti ta' età akbar, mhux biss studenti żgħar, kif ukoll min-nuqqas ta' taħriġ offrut biex jiġu ssapportjati studenti bi BEI f'dan is-settur.

## 6.6. It-Taħriġ Introduttorju

Il-prattika attwali li jintbagħtu fil-klassi, qabel ikun hemm taħriġ introduttorju (*induction training*), SKA bla esperjenza u bla taħriġ (tifkiriet ta' l-impjieg ta' l-għalliema ta' emerġenza ta' ħamsin sena ilu) għandha tieqaf bla dewmien. Kien spjegat lill-GĦ li din il-prattika hi miżura ta' prekawzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' ħela ta' investiment magħmul permezz ta' dan it-taħriġ introduttorju f'dawk l-SKA ġodda li jitilqu mill-impjieg tagħhom ftit wara li jkunu ġew ingaġġati.

Il-Grupp ma jaqbilx ma' dan l-approwċ. Il-Grupp jemmen li, qabel jitpoġġew fil-klassi, kors introduttorju - u fejn possibbli esperjenza ta' xogħol ma' *personnel* imħarreġ sew - għandu jkun mandatorju għal kull AST.

## 6.7 It-Tqabbil Ħażin

Il-probabilità li teżisti li jkun hemm tqabbil ħażin (*mismatch*) bejn il-provista ta' assistenti għas-sapport u l-bżonnijiet għandha tiġi indirizzata fil-Programm Parallel. L-iskejjel tal-Knisja jqabblu l-assistenza ma' l-istudent u ċerti skejjel iqabblu l-ispeċjalizzazzjoni fis-suġġett ukoll. Modi ġodda jridu jiġu kkunsidrati biex ikun hemm dan it-tqabbil fl-iskejjel ta' l-istat. Wieħed jista' jikkunsidra l-possibilità li l-iskejjel jirriklamaw għall-kandidati u jintervistawhom huma stess. B'dan il-mod, l-uffiċjali għolja ta' l-iskejjel ikunu jistgħu jqabblu l-bżonnijiet ta' kull student mal-kompetenzi ta' l-applikant.

Ma hemm l-ebda proċedura ta' *handing over* meta studenti javvanzaw fl-iskejjel tagħhom, meta huma jibdlu l-iskola, meta javvanzaw għall-iskejjel sekondarji jew meta jkun hemm bidla fl-assistent/a għas-sapport fit-tagħlim. Prattikament ma hemm l-ebda kontinwità. Għalkemm rekords ġeneralment jinżammu u jsiru sessjonijiet ta' MAP, dokumentazzjoni mhix regolarment iċċirkulata mal-parteċipanti prinċipali involuti. Ukoll laqgħat bejn dawn il-parteċipanti, l-aħjar li tista' tgħid dwarhom hu li huma sporadiċi.

Nuqqas ta' kontinwità jidher aktar evidenti fil-każ ta' staff ta' sapport li huma minn Għawdex u li jaħdmu Malta, li ġeneralment jistennew l-ewwel opportunità biex jiġu trasferiti lejn Għawdex malli titfaċċa l-ewwel possibilità.

## 6.8 Meta l-AST ikunu Assenti Temporanjament

Teżisti problema operattiva kif spjegata f'Taqsima 5, meta l-AST ikunu assenti temporanjament. Il-Grupp iħoss li l-*iStatementing Moderating Panel* ri-strutturat tajjeb għandu jirrakkomanda fl-istadju ta' meta jsir l-i*statementing*, jekk l-istudent

jistax jibqa' fil-klassi fl-okkażjonijiet rari meta l-AST tal-klassi tkun assenti temporanjament. Dan ta' l-anqas għandu jassigura li każijiet meta l-istudenti ma jistgħux jibqgħu fil-klassi regolari mingħajr is-sapport dirett, jitnaqqas sostanzjalment. Għandha tiġi żviluppata sistema fejn, meta l-AST fi klassi ta' student li ġie *statemented* li għandu bżonn sapport il-ħin kollu tkun assenti, l-istudent jittieħed fiċ-Ċentru tar-Riżorsi li normalment ikun qed jissapportja mill-bogħod lil dak l-istudent.

Il-GĦ jirrakkomanda li d-DE tistabilixxi u timplimenta proċedura ċara li tindirizza dawn in-nuqqasijiet u oħrajn li jistgħu jinqalgħu biex tiġi assigurata kontinwità mingħajr skossi.

## 6.9 Ir-Responsabiltajiet ta' l-AST

Biex titneħħa l-konfużjoni u tingħata direzzjoni fir-rigward tal-provedimenti ta' sapport fit-tagħlim, gwida ċara għandha tingħata fl-istadju tar-reklutaġġ ta' *facilitators* u persuni oħra li jipprovdu sapport li hu mistenni minnhom li jagħtu sapport, flimkien mal-għalliem tal-klassi u kollegi oħrajn, fl-edukazzjoni ta' l-istudenti kollha tal-klassi. Huma għandhom ikunu involuti direttament fit-tfassil tal-PEI u, fejn meħtieġ, jissapportjaw l-istudenti b'diżabilità fil-kura personali u l-iġjene tagħhom.

Id-deskrizzjoni tax-xogħol tagħhom fis-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet maqbula ta' xogħol, joffru gwida bħal din, imma għandu jkun hemm applikazzjoni aħjar tal-kundizzjonijiet speċifikati. Id-deskrizzjoni tax-xogħol ta' AST li mhumiex *facilitators* għandha tiġi riveduta permezz tal-proċess relevanti tar-relazzjonijiet industrijali. Għandu jiġi ddisinjat mill-ġdid biex jinkludi fil-lista l-bżonnijiet personali li għandhom inċidenza għolja u li jitolbu ħafna mill-impjegat, biex hekk ikunu bħad-dettalji li hemm fid-deskrizzjoni tax-xogħol tal-*facilitators* u li jinkludu l-kura u l-iġjene personali, l-irfigħ u t-tqandil ta' l-istudenti.

Dan għandu jseħħ kemm jekk ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp li jkun hemm pożizzjoni ġdida tas-sistema tiġi aċċettata kif ukoll jekk ma tiġix aċċettata. *Policy* dwar l-amministrazzjoni tal-mediċina għandha wkoll tiġi ppubblikata mingħajr aktar dewmien.

## 6.10 Ir-Reklutaġġ

Bżonnijiet immedjati li jinqalgħu minħabba rekwiżiti ġodda jew biex jimlew postijiet vakanti jridu jiġu sodisfatti. Il-GĦ jħoss li l-kwalifiki minimi għal reklutaġġ ġdid ta' *personnel* li jipprovdu sapport għandhom jogħlew immedjatment biex ikunu ta' l-anqas żewġ suġġetti fil-livell avvanzat tal-Matrikola (b'marka li turi li għaddejt) jew ekwivalenti. Assessment strett ta' l-applikanti skond sett ta' kriterji ta' kompetenza għandu jsir dejjem.

Il-Grupp kien sorpriż meta sar jaf li d-DE kienet qed tagħmel intervisti lil aktar minn 600 applikant biex jidħlu fis-servizz ta' assistenza għas-sapport bħala SKA fuq il-bażi tal-kwalifika minima eżistenti ta' 4 suġġetti fil-livell ordinarju. Il-Grupp japprezza li l-bżonnijiet f'termini ta' żmien qasir iridu jiġu sodisfatti, imma jħoss li mhux għaqli li tipprova tissodisfa dawn il-bżonnijiet fuq il-bażi ta' terminu ta' żmien fit-tul billi tuża l-istess approwċ meta jidher ċar li hemm bżonn ta' bdil kritiku, ta' l-inqas fil-kwalifiki minimi biex tikkwalifika għal dan ix-xogħol. Il-fatt li hemm tendenza li jkun hemm ħafna li jitilqu minn dan ix-xogħol u mobilità 'l barra wara dan ir-reklutaġġ ma għandhiex tkun konsiderazzjoni serja fil-kuntest ta' formulazzjoni u revizjoni tal-*policy*.

Ir-reklutaġġ ta' *personnel* mhux ikkwalifkat tella' n-numru totali ta' AST fl-iskejjel statali minn 779 f'Novembru 2004 għal 858 f'Jannar 2005, kif muri fit-tabelli ta' qabel, u 865 fl-aħħar ta' Frar. In-nuqqas ta' koerenza fis-sistema eżistenti, għalhekk, qed tispiċċa b'għeruq aktar fondi. Sejħiet għall-applikazzjonijiet għandhom jagħmlu differenza għall-kategoriji differenti ta' bżonnijiet, kif ukoll għal-livelli differenti fis-sistema edukattiva (primarja u sekondarja).

Deskrizzjoni tax-xogħol aktar pertinenti għall-funzjonijiet mitluba mill-*facilitators* u staff ieħor li jagħti sapport fit-tagħlim għandha tkun parti mis-sejħiet futuri għall-applikazzjonijiet. Għandha ssir valutazzjoni ta' l-applikanti biex jiġi assigurat li huma konxji ta' x'inhu mistenni minnhom u tad-dispożizzjoni tagħhom lejn ix-xogħol li jkunu applikaw għalih.

## 6.11 L-Evalwazzjoni u l-Monitoraġġ Kritiku

Ikun x'ikun it-titjib, jibqa' l-bżonn li d-DE tagħmel monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwa u iffukata, u kritika tal-proċess ta' l-implimentazzjoni tal-*policy* dwar l-edukazzjoni inklużiva u speċjali.

Il-Grupp ma sabx evidenza konvinċenti li dan qed isir sal-grad meħtieġ mill-bżonnijiet ta' l-*issues* li qed jiġu ttrattati u ta' l-ispiża relattivament għolja li qed titħallas biex jintlaħqu l-objettivi ta' *policy* daqshekk importanti.

## 6.12 Il-Pjan Edukattiv Individwalizzat

Skond il-*policy* kurrenti dwar l-Edukazzjoni Inklużiva (2000), Pjan Edukattiv Individwalizzat (PEI) irid jitfassal għal kull student li għandu xi diżabilità li ttellfu fil-progress edukattiv tiegħu jew tagħha. Il-GĦ osserva li sa dik il-ġurnata, terz biss ta' l-istudenti kellhom PEI minħabba n-nuqqas ta' taħriġ li hemm fil-varjetà ta' AST.

Dan in-nuqqas saru kummenti dwaru qabel fir-rapport. Il-Grupp għamel rakkomandazzjonijiet pertinenti li għandhom jiġu prijoritizzati biex jiġu implimentati malajr.

Il-Grupp jenfasizza l-fatt li PEI għandhom jitfasslu minn tim ta' persuni li jaħdmu ma' l-istudent. Dawn għandhom jinkludu l-amministratur ta' l-iskola, l-għalliem tal-klassi, l-AST, il-ġenituri u, sa fejn hu possibbli, l-istudent. Professjonisti oħra li jaħdmu ma' l-istudent, bħal ma huma terapisti differenti u s-*social worker* - għandhom ikunu involuti fit-tfassil tal-PEI. Il-PEI għandhom ikunu mmoniterjati u aġġornati fuq bażi regolari. Servizzi ta' sapport għandhom jevolvu skond kif jiġi deċiż u maqbul fil-PEI.

## 6.13 Lil Hinn mill-Bżonn Reali

Il-GĦ jirrakkomanda li l-Programm Parallel għandu jinkludi reviżoni bikrija biex tiddetermina jekk is-servizz ta' sapport fit-tagħlim f'xi ħinijiet għandux ikompli jiġi pprovdut anke meta ma jkunx għad hemm bżonnu - jew mitlub.

Jista' jkun hemm ċirkostanzi meta student, bis-saħħa tas-sapport u s-servizzi li jkun irċieva matul is-snin u għall-isforz personali, jaspira għall-indipendenza u jkun jidher biċ-ċar li jista' jgħaddi mingħajr sapport personali, imma xorta ma jistax jitlob li dan jitneħħa.

Aktar minn ħela ta' riżorsi, il-GĦ jħoss li dan hu ndħil mhux mixtieq fil-ħajja ta' individwu. L-insistenza għat-tkomplija tas-servizz ta' sapport f'dawn il-każijiet tista' tkun ukoll ta' ħsara lill-iżvilupp tal-persuna. Fil-waqt li l-implikazzjonijiet legali għandhom jiġu mistħarrġa u koperti sew, il-Grupp jemmen li d-drittijiet ta' l-individwu b'diżabilità jibdew mill-eżerċizzju ta' l-għażla personali.

L-għan essenzjali ta' l-aspetti kollha ta' l-edukazzjoni, mhux l-inqas tal-provediment inkluživ, hu li tippromovi sal-massimu possibbli l-kisbiet individwali, l-iżvilupp, l-indipendenza u l-adattabilità. Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda fuq id-Drittijiet tat-Tfal tenfasizza d-dritt tal-persuni żgħażagħ li jkollhom assistenza speċjali biex jakkwistaw il-ħiliet biex jiddependu minnhom infushom u hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja sħiħa u attiva. Il-GĦ jħoss li għandu jkun hemm superviżjoni aktar iffukata u kritika biex tassigura li l-ebda aspett tal-*policy* u l-provediment ta' l-edukazzjoni inkluživa u speċjali ma jinkoraġġixxu direttament jew indirettament il-kultura ta' dipendenza, aktar milli l-promozzjoni ta' ħiliet biex tkun tiddependi minnek innifsek.

Li tipprovdi student bis-sapport meta mhux verament meħtieġ jew lil hinn milli meħtieġ, jew li tkompli tipprovdi aktar milli jista' jkun hemm bżonn, hu ta' ħsara lill-istudent b'diżabilità. Din il-ħsara hi aktar sinifikanti mill-ħela impliċita ta' riżorsi umani u finanzjarji permezz ta' provediment ta' sapport mhux meħtieġ.

## 6.14 It-Tranżizzjoni għall-Edukazzjoni Għolja jew id-Dinja ta' l-Adulti

Eżami għall-edukazzjoni inkluživa f'soċjetà inkluživa hu l-għadd ta' studenti bi BEI li javvanza għal u mill-edukazzjoni għolja. Li l-proċess hu wieħed diffiċli hu evidenti min-numru baxx, s'issa, ta' studenti bi BEI li jattendu fis-settur ta' l-

edukazzjoni għolja. Wieħed irid jagħti każ tal-fatt li, waqt li hemm studenti b'diżabilità li jkomplu fl-istudji tagħhom mingħajr ma jkollhom bżonn ta' sapport individwalizzat, hu fatt li wara li ssir l-għażla mill-eżamijiet li jikkwalifikawk għal-livell sekondarju, ftit studenti bi BEI jirnexxilhom javvanzaw għal u mil-livell sekondarju.

Tranżizzjoni sseħħ fi stadji varji tal-ħajja ta' l-istudenti. Għalhekk il-Grupp jemmen li l-Programm Parallel għandu jassigura li jkun hemm pjan ta' tranżizzjoni għall-istudenti bi BEI, biex hekk il-progress tagħhom minn livell għall-ieħor ikun bla skossi bla bżonn - jiġifieri mid-dar għall-kindergarten, għal-livell primarju, sekondarju, post-sekondarju u lil hinn għad-dinja ta' l-adulti.

Ġie rrapportat lill-Grupp li meta studenti bi BEI jimxu għal-livell sekondarju, l-iskola li tkun se tirċievi l-istudent mhux dejjem tkun involuta fis-sessjonijiet tal-MAP li jsiru fit-tmiem ta' l-aħħar sena skolastika ta' l-iskola primarja. Aktar minn hekk, meta l-iskola li tkun se tirċievi l-istudent tkun involuta, din ma tirċevix kopja tar-rapport tas-sessjoni tal-MAP u ma jkun hemm l-ebda sessjoni ta' *follow-up* fil-bidu tas-sena skolastika li jkun imiss. Dan in-nuqqas għandu jiġi indirizzat effettivament mingħajr dewmien.

Il-Grupp hu ta' l-opinjoni li l-Programm Parallel għandu jassigura li l-parteċipanti kollha jkunu involuti fl-istadji meta jittieħdu deċiżjonijiet maġġuri. Sessjonijiet tal-MAP għandhom jibdew kmieni matul is-sena skolastika, biex jiġi assigurat il-ko-ordinament bejn dawk kollha li jridu jipprovdu xi servizz, u biex tiffaċilita t-tranżizzjoni bl-aħjar mod possibbli.

Biex jiġi assigurat li t-tranżizzjoni għad-dinja ta' l-adulti ssir bl-inqas skossi possibbli, il-PEI ta' l-istudenti ta' erbatax-il sena u aktar għandhom jinkludu provedimenti tranżitorji meħtieġa - speċifikament Programm Individwali ta' Tranżizzjoni (PIT).

Il-GĦ jemmen ukoll li l-bżonn ta' programm strutturat ta' edukazzjoni vokazzjonali għall-istudenti b'diżabilità jidher aktar evidenti fil-livell post-sekondarju. Il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti b'diżabilità f'dan il-livell mhumiex jiġu ppreparati għad-dinja tax-xogħol, kif enfasizzat fid-dokument tas-*Salamanca Framework for Action* (UNESCO 1994). Dan id-dokument jistqarr li :

"Persuni żgħażagħ bi bżonnijiet edukattivi speċjali għandhom ikunu megħjuna biex jagħmlu tranżizzjoni effettiva mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol. L-iskejjel għandhom jassistuhom biex isiru ekonomikament attivi u jipprovdulhom ħiliet meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum, joffrulhom taħriġ f'ħiliet li jirrispondu għall-esiġenzi soċjali u komunikattivi u l-aspettattivi ta' ħajja ta' l-adulti" (paġna 34).

Dokument maħruġ mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' l-Edukazzjoni Speċjali, bl-isem *Transition from School to Employment* (Ottubru, 2002) jistqarr li:

"It-taħriġ vokazzjonali ħafna drabi ma jkunx relatat ma' prattiki ta' impjieg reali; ħafna drabi jsir f'ambjent segregat u ħafna drabi ma jkunx orjentat lejn professjonijiet komplessi. Persuni b'diżabilità ma jirċevux il-kwalifiki meħtieġa għall-impjieg ..." (paġna 12).

Il-Programm Parallel ta' azzjoni għandu jassigura li d-DE immedjatament għandha tidħol f'diskussjonijiet ma' istituzzjonijiet post-sekondarji u terzjarji. Dawn id-diskussjonijiet għandhom jesploraw u jistabilixxu korsijet jew partijiet minn korsijiet ġodda li joffru akkreditazzjoni xierqa għall-istudenti b'diżabilità (per eżempju, fit-taħriġ tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni). Diskussjonijiet bħal dawn għandhom isiru fi ħdan qafas xieraq, fuq bażi annwali.

## 5.15 Is-Sapport fit-Tagħlim fl-Edukazzjoni Għolja u Terzjarja

Dawk l-istudenti li jirnexxilhom javvanzaw għall-istituzzjoniet edukattivi għolja ukoll qed jiffaċċjaw diffikultajiet, uħud minnhom indikati fis-sottomissjonijiet li saru lill-Grupp mill-iMCAST u li huma inklużi fl-Anness. Fl-2003/4 kien hemm żewġ studenti *deaf* li ma setgħux jattendu l-iMCAST minħabba li dan ma kellux riżorsi biex jimpjegaw interpreti. F'dik is-sena wkoll, l-iMCAST ma setgħetx tipprovdi s-sapport meħtieġ lil student b'diżabilità severa. Fis-sena 2004/5, student (minn tmienja) ma kompliex il-programm ta' l-iMCAST magħruf bħala *Pathways to Independent Living*. Il-ġenituri tiegħu ma setgħux jagħmlu l-arranġamenti neċessarji għat-trasport tiegħu.

Is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-iMCAST jikxfu wkoll l-ostakoli li hemm minħabba l-limitazzjoni ta' riżorsi. Kien hemm biss tliet persuni *part-time* li jipprovdu sapport fit-tagħlim biex jiffaċilitaw is-sapport lill-istudenti li jkollhom bżonn din l-għajnuna mid-disa' istituti ta' l-iMCAST.

Is-sitwazzjoni fl-iMCAST, li toffri varjetà kbira ta' korsijiet u taħriġ li jwessgħu wkoll il-possibilitajiet lill-persuni b'diżabilità, tirrikjedi analiżi aktar diretta, bil-għan li tiżdied l-abilità ta' din l-istituzzjoni biex tipprovdi b'mod aktar estensiv sapport lil studenti bi BEI. Il-GĦ jirrakkomanda li din l-analiżi ssir malajr kemm jista' jkun, bħala parti mill-Programm Parallel.

Is-sottomissjonijiet deskrittivi ta' l-Università, li wkoll jenfasizzaw kif din l-istituzzjoni tieħu ħsieb il-bżonnijiet edukattivi individwali, ma jsemmux ostakli simili ta' riżorsi, għalkemm hemm individwi b'nuqqas ta' smigħ li jsostnu li hu diffiċli ħafna għalihom li jkomplu l-istudji tagħhom fl-Università. (Min-naħa l-oħra, student li għadu ma ggradwax u li hu agħma qed jagħmel progress kontinwu f'kors iebes ta' dottorat).

## 6.16 Il-Gwida għall-Karrieri

Il-GĦ jemmen li l-vojt li hemm bejn is-sekondarja u l-edukazzjoni għolja jista' jonqos jekk l-istudenti bi BEI jingħataw gwida adekwata dwar il-karrieri meta

jkunu qed jippreparaw biex jitilqu mill-iskola. L-għalliema tal-*guidance* u l-*counsellors* jinħtieġ li jingħataw aktar taħriġ fi gwida għall-karrieri lill-istudenti b'diżabilità.

Aktar minn hekk, l-għalliema tal-*guidance* u l-*counsellors* għandhom ikunu mħarrġa speċifikament biex jakkwistaw il-ħiliet neċessarji biex jissapportjaw studenti bi BEI fil-bżonnijiet personali, emozzjonali u psikoloġiċi tagħhom. It-taħriġ għandu jinkludi s-sensibilizzazzjoni għad-diffikultajiet li studenti b'diżabilitajiet partikolari jistgħu jiltaqgħu magħhom.

## 6.17 Id-*Dyslexia*

Id-*dyslexia*, li s-soltu ma tiġix kklassifikata bħala diżabilità sakemm ma tkunx severa ħafna, qisha li qed issir kundizzjoni li qed tiżdied, forsi, kundizzjoni li qed tiġi identifikata ħafna aktar minn qabel fost il-popolazzjoni studenteska tal-gżejjer Maltin. Il-GĦ nnota li l-biċċa l-kbira ta' l-iskejjel mhumiex attrezzati u l-għalliema mhumiex imħarrġa adekwatament biex jidentifikaw u jieħdu ħsieb b'mod tajjeb l-implikazzjonijiet ta' din is-sitwazzjoni.

Il-Grupp hu ta' l-istess fehma ta' l-esperti f'dan il-qasam: li għandha tingħata konsiderazzjoni għat-twaqqif ta' żoni ta' tagħlim fl-iskejjel primarji u sekondarji. Dawn iż-żoni joffru lill-istudenti opportunitajiet li jsegwu programmi ddisinjati skond il-bżonnijiet tagħhom, għal perjodu stipulat ta' żmien. L-għan aħħari hu li dawn il-programmi jippermettu l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawn l-istudenti fil-klassi regolari.

Dan ikun ifisser li għall-perjodu ta' dan il-programm speċjali l-istudenti jkunu se jitilfu mill-kurrikulu normali tal-klassi tagħhom. Dan it-telf, imma, jista' jkun ikkompensat. Wara kollox, studenti bid-*dyslexia* li ma jistgħux isegwu bħall-bqija tal-klassi xorta waħda jitilfu mill-provedimenti edukattivi tagħhom. Il-GĦ nnota f'dan ir-rigward li l-*iSpecific Learning Difficulties Unit* (SpLD) ippruvat b'suċċess proġett pilota ma' grupp żgħir ta' studenti. Dawn l-istudenti, akkumpanjati mill-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom attendew lezzjonijiet f'din it-Taqsima dwar kif titgħallem għal rasek. Dan il-mudell għandu jiġi eżaminat aktar bħala parti mill-Programm Parallel.

It-Taqsima tiggwida lill-ġenituri kif uliedhom jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet neċessarji biex ifendu. Il-Grupp ukoll innota li l-SpLD joffri taħriġ lill-istaff ta' l-iskejjel fuq bażi volontarja. Il-Grupp jirrakkomanda li dan it-taħriġ għandu jsir obbligatorju lill-edukaturi kollha. Dan ir-rekwiżit hu partikolarment relevanti fil-kuntest ta' l-objettiv ċar ta' provediment intensiv għal perjodu qasir ta' żmien, kif irrakkomandat hawn fuq, li hu l-integrazzjoni mill-ġdid fil-klassi regolari. Meta l-istudent jerġa' jmur lura hemmhekk, speċjalisti mill-SpLD għandhom jaħdmu ma' l-istaff ta' l-iskola biex jikkoordinaw b'mod effettiv dan il-provediment edukattiv. Għal din ir-raġuni wkoll, għalhekk hu essenzjali li l-għalliema għandu jkollhom taħriġ bażiku kif jissapportjaw studenti bid-*dyslexia*.

## 6.18 L-Eżamijiet

Il-GĦ ltaqa' ma' tħassib mifrux ħafna fost il-ġenituri ta' studenti bid-*dyslexia*, jew diffikultajiet oħra fit-tagħlim, rigward kif l-eżamijiet f'kull livell qed jiġu mmodifikati għal dawn l-istudenti, b'mod partikulari fil-livell tas-SEC u l-MATSEC. Il-Grupp issuġġerixxa lill-Kumitat dwar il-Bżonnijiet Speċjali ta' l-Università li joħroġ informazzjoni aktar ċara dwar ir-rekwiżiti ta' l-eżamijiet lill-pubbliku ġenerali. Dan il-Kumitat ipprovda lill-Grupp b'nota relevanti li hi inkluża fl-Anness.

Il-Grupp innota inkonsistenzi bejn l-arranġamenti speċjali għall-eżamijiet għal studenti bi BEI mill-Bord tal-Matsec u l-bżonnijiet individwali edukattivi reali ta' l-istudenti. Dawn l-arranġamenti mhux dejjem jirrikonoxxu b'mod sħiħ il-kapaċitajiet individwali.

Il-Grupp jirrakkomanda li l-Bord tal-Matsec jeżamina miżuri u arranġamenti aktar pro-attivi kkunsidrati bħala prattiċi tajba f'pajjiżi oħra. Minkejja li kull forma ta' assessment għandu jkunu ta' l-ogħla standard, aktar modifiċi relevanti hemm bżonn li jittieħdu biex jagħrfu l-kapaċitajiet ta' l-istudenti kollha bi BEI.

Il-GĦ nnota li fil-preżent l-arranġamenti speċjali għall-eżamijiet kemm tas-SEC kif ukoll tal-MATSEC huma ġeneralment assessjati mill-professjonisti relevanti, bħal ma huma s-Servizzi Psikoloġiċi ta' l-Iskejjel, l-*iSpecific Learning Difficulties Unit* u wkoll minn professjonisti mis-settur privat. Imbagħad, il-każijiet huma riferuti lill-Kumitat dwar il-Bżonnijiet Speċjali ta' l-Università għall-kunsiderazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-bord tal-MATSEC rigward l-arranġamenti speċjali għall-eżamijiet. Minħabba dan il-proċess, is-Servizzi Psikoloġiċi ta' l-Iskejjel u l-*iSpecific Learning Difficulties Unit* qed jiddedikaw ammont sostanzjali mill-ħin tagħhom għal dawn l-assessments. Il-Grupp jirrakkomanda li dawn l-assessments għandhom isiru minn taqsima psikoloġika mwaqqfa speċifikament għalhekk mill-Università.

Il-Grupp iħoss li l-fenomenu li jidher li hemm żieda dejjem tikber fid-*dyslexia* tinħtieġ analiżi speċifika, kemm fir-rigward tal-kobor tagħha kif ukoll tal-mod kif qed tiġi - jew mhix tiġi - indirizzata. B'żieda ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Grupp jirrakkomanda li d-DE tagħmel studju profond u pjan ta' azzjoni ffukat fuq din is-sitwazzjoni. Din għandha tidħol mill-ewwel fil-Pjan Parallel.

## 6.19. It-Tfal b'Talent

Il-*Policy* ta' l-edukazzjoni inklużiva għandha tipprovdi wkoll għal tfal li għandhom abilitajiet intellettwali ferm ogħla min-norma, jew tfal b'talent. Mhux biss provedimenti bħal dawn ma ssibhomx f'Malta, biċċa xogħol diffiċli minnha nnfisha, imma jidher li ma hemm l-ebda identifikazzjoni ta' dawn iċ-ċirkustanzi. Għad ma hemmx provedimenti għal skrining sistematiku.

Xi soċjetajiet oħrajn jaħsbu li madwar wieħed minn kull elf student aktarx li jkun b'talent u mhux probabbli li ma hawnx l-istess inċidenza bejn wieħed u ieħor fil-Gżejjer Maltin. Dan jimplika li jista' jkun hawn madwar 70 student b'talent mit-total ta' studenti li jirċievu l-edukazzjoni tagħhom mill-istat u skejjel oħra.

Minkejja li dan in-numru jista' jkun statistikament mhux sinifikanti, l-ebda persuna ma hi numru u l-valur ta' kull individwu hu importanti għall-persuna u għas-soċjetà ġenerali.

In-nuqqas ta' għarfien u provedimenti għal studenti b'talent minħabba li mhumiex identifikati b'mod adekwat isaħħaħ il-konferma tal-GĦ għall-fehma li għandha għeruq fondi li skrining minn tim multidixxiplinarju fi stadji kruċjali u tagħlim b'mod differenzjat matul l-edukazzjoni kollha għandhom ikunu msaħħa b'mod qawwi. Il-Programm Parallel għandu jieħu ħsieb dan.

### 6.20 L-Ispejjeż tal-Ġenituri

Il-GĦ ħa nota kif suppost, kif imħabbar fid-Diskors tal-Baġit għall-2005, li ġenituri ta' tfal li jirċievu l-edukazzjoni fi skejjel indipendenti u li għandhom bżonn is-servizzi ta' AST, u li dan il-bżonn jiġi kkonfermat skond il-proċeduri stabiliti ta' l-i*statementing*, issa qed jingħataw tnaqqis mit-taxxa tad-dħul għal dawn is-servizzi.

Il-Grupp jirrakkomanda li għandha tingħata kunsiderazzjoni biex ikun hemm finanzjament mill-istat għas-servizz fl-iskejjel indipendenti ta' sapport minħabba l-bżonnijiet individwali, fuq l-istess bażi li jsir ma' l-iskejjel tal-Knisja, kemm f'termini ta' proċess aktar iffukat ta' *statementing* kif irrakkomandat qabel, kif ukoll ta' finanzjament. Il-Grupp jagħmel din ir-rakkomandazzjoni, konxju mill-bżonn li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi finanzjarji pubbliċi. Madankollu, il-Grupp jemmen li, apparti minn ġustifikazzjoni f'termini ta' ġustizzja soċjali, l-ispiża marġinali minn fondi pubbliċi tkun waħda insinifikanti.

Kif inhuma l-affarijiet illum, ġenituri ta' studenti bi BEI li, minkejja t-tnaqqis fit-taxxa offruta lilhom, ma jistgħux jaffordjaw l-ispiża addizjonali ta' sapport fit-tagħlim fi skola indipendenti, qed jibagħtu lil uliedhom fl-iskejjel ta' l-istat jew tal-Knisja. Għalhekk l-ispiża għal dan is-servizz qed tinġarr minn fondi pubbliċi. L-ispiża marġinali biex jitħallsu l-AST fl-iskejjel indipendenti, jekk mhix attwalment żero, għalhekk għandha tkun minima.

Dawk li jistgħu jħallsu xorta jistgħu jippreferu li jkollhom dan is-servizz minn għand min jagħżlu huma u jġibu lura parti mill-ispiża permezz tat-tnaqqis mit-taxxa. Dawk li jibbenefikaw prinċipalment ikunu ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom li, biex iħallsu l-ispiża involuta wara li tkun tnaqqset l-għajnuna mit-tnaqqis tat-taxxa, ikollhom jieħdu attività ekonomika qawwija, forsi tnejn jew aktar impjiegi, possibilment bit-tnaqqis fl-abilità tagħhom li jieħdu ħsieb lil uliedhom b'diżabilità u, forsi, anke l-ulied l-oħra.

Il-Grupp iħoss li hemm bżonn li jkun hemm disseminazzjoni akbar ta' l-informazzjoni lill-ġenituri biex jiżdied l-għarfien tas-servizzi li hemm għalihom, tad-drittjiet kif ukoll tal-obbligi.

### 6.21 s-Sapport Finanzjarju mill-istat lill-NGOs

Inġibdet l-attenzjoni tal-Grupp għall-fatt li l-istat jalloka assistenza finanzjarja lill-Fondazzjoni Eden biss, fejn jidħlu provedimenti mill-Għaqdiet Mhux Governattivi (magħrufa bħala NGOs) lill-persuni bi BEI skond il-ftehim "għal provediment ta' servizzi lil tfal b'diżabilità (April 1996)". Hemm rikonoxximent ta' u apprezzament għax-xogħol li sar u li qed isir mill-Fondazzjoni li kienet pijuniera f'dan il-qasam u li ma taħdimx għall-qligħ. Madanakollu ġie nnotat lill-Grupp li din id-diskriminazzjoni pożittiva minn fondi pubbliċi tfisser li mhemmx ekwità. Min-naħa tagħha, il-Fondazzjoni Eden tirrapporta li hi tirreġistra żbilanċ minkejja l-kontribuzzjoni li tirċievi mill-istat. Hi ssostni li ma ngħatatx ir-rikonoxximent u l-finanzjament mill-istat li jistħoqqilha.

Jekk issir analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji (*cost-benefit analysis*), probabilment joħroġ li l-allokazzjoni ta' l-istat lill-Fondazzjoni, li f'termini reali naqset, tirrendi riżultat pożittiv. Pero' dan ma jnaqqas xejn mill-fattur ta' ekwità (trattament komparattiv) imqajjem minn dawk li jħossu li huma wkoll għandhom jingħataw għajnuna mill-istat. Lanqas ma tindirizza l-konsiderazzjoni li l-ġenituri għandhom ikunu liberi li jagħżlu l-provedimenti edukattivi mogħtija mill-NGOs.

Il-GĦ jissuġġerixxi li, wara li tittieħed konsiderazzjoni ta' x'qed jipprovdi l-istat f'dan is-settur, id-domanda kompetittiva għall-għajnuna mill-NGOs, u d-dritt li l-ġenituri li, sa fejn hu possibbli, jagħżlu huma, il-gvern għandu jirrevedi l-ftehim mal-Fondazzjoni Eden, u l-mod kif hu jalloka dawn ir-riżorsi finanzjarji. Il-gvern għandu jiddetermina kif l-aħjar jgħin lill-ġenituri li jagħżlu programmi differenti, skond kriterji rikonoxxuti u ġusti, biex iħalluhom jagħżlu skond il-preferenzi tagħhom.

Possibilita' waħda hi li l-gvern jikkonsidra li jaqsam l-allokkazzjoni li hu jaffordja, biex parti minnha tingħata direttament lill-entitajiet privati li qed jipprovdu s-sapport u l-bqija tingħata direttament lill-ġenituri, skond kriterji magħrufa u ġusti, biex hekk ikunu jistgħu jagħżlu skond il-preferenzi tagħhom.

Waqt li l-Grupp jagħraf u jirrispetta d-dritt tal-ġenituri għall-għażla, isostni bl-aktar mod qawwi li l-provedimenti ta' l-istat għandhom ikunu ta' l-ogħla kwalità, biex jiġi assigurat li dawk li ma jistgħux iħallsu għal, jew li ma jridux, provedimenti privati, ikollhom aċċess għal provedimenti edukattivi ta' l-ogħla kwalità.

***Is-Seba' Taqsima - L-Iskejjel Speċjali***

Kif ġie nnutat fl-Ewwel Taqsima (Sfond), fil-preżent hemm 5 skejjel speċjali, taqsima ma' skola f'Għawdex u ċentru tas-snajja'. Dawn huma:

a) Skola Helen Keller, għal studenti b'nuqqas ta' smigħ u ta' dawl
b) Skola San Miguel, għal studenti b'aktar minn nuqqas wieħed
c) Skola Guardian Angel, għal studenti b'nuqqas intellettwali sever
d) Skola Dun Manwel Attard (il-Wardija) għal studenti b'nuqqas intellettwali mhux sever
e) Skola Mater Dei għal studenti b'diffikultajiet emozzjonali u ta' mġiba
f) Ċentru tas-Snajja' ta' St Patrick
g) It-Taqsima Speċjali f'Għawdex li qiegħda fl-Iskola Profs G. Aquilina f'Sannat.

Il-GĦ jħoss li waqt, fejn hu possibbli, li studenti bi BEI għandhom jiġu pprovduti b'edukazzjoni inkluživa fl-iskejjel regolari, provedimenti speċjali għandhom ikomplu jiġu pprovduti lil dawk l-istudenti li jiggwadanjaw aktar minn qafas u ambjent selettiv.

Il-Grupp hu tal-fehma li l-qafas preżenti ta' l-iskejjel speċjali, li fil-31 ta' Jannar 2005 kien jipprovdi servizz lil 286 student, għandu jiġi ristrutturat biex sa fejn hu possibbli jiżviluppaw f'Ċentri ta' Riżorsi. Hekk jiġu utilizzati r-riżorsi ta' valur, dawk umani u r-riżorsi kapitali biex jiġi pprovdut sapport lill-iskejjel regolari inkluživi, u fl-istess ħin taħriġ lill-*personnel* ta' dawn l-iskejjel.

Il-Grupp iħoss li dawn iċ-ċentri ta' riżorsi għandu jkollhom diversi rwoli li jkunu jistgħu:

a) jipprovdu għall-bżonnijiet individwali ta' studenti li, minħabba l-grad jew in-natura tad-diżabilita' tagħhom, jibbenefikaw aktar minn edukazzjoni speċjali, waqt li xorta jkollhom pjan stabilit għall-inklużjoni fil-PEI tagħhom;
b) jirċievu żjajjar ipprogrammati minn studenti bi BEI li jattendu l-iskejjel regolari li jistgħu jibbenefikaw mill-użu tar-riżorsi speċjalizzati li jkun hemm f'dawn iċ-ċentri;
c) joffru servizz permezz tar-riżorsi tagħhom lill-iskejjel regolari;
d) joffru taħriġ lill-għalliema ta' l-iskejjel regolari, *facilitators* u assistenti oħra għas-sapport fit-tagħlim.

Dan ikun aktar skond is-*Salamanca Statement* (1994), li tiegħu Malta hi firmatarja, li wkoll jiddiskrivi r-rwol ġdid ta' l-iskejjel speċjali. Skond dan id-dokument, dawn l-iskejjel għandhom ikunu:

> "riżorsa ta' valur fl-iżvilupp ta' l-iskejjel inklużivi... Skejjel speċjali jistgħu wkoll iservu ta' ċentri ta' taħriġ u ta' riżorsi lill-istaff ta' l-iskejjel regolari... skejjel jew taqsimiet speċjali fi ħdan skejjel inklużivi jistgħu jkomplu jipprovdu l-aktar edukazzjoni adatta lil numru relattivament żgħir ta' studenti b'diżabilita' li ma jistgħux jiġu moqdija b'mod adekwat fil-klassijiet u l-iskejjel regolari."

Żvilupp bħal dan ikun jinħtieġ reviżjoni u, fejn hu possibbli, titjib ta' l-istaff li jaħdem f'dawn iċ-ċentri. Iċ-ċentri jrid ikollhom żieda fil-*personnel* li jispeċjalizza fl-edukazzjoni ta' studenti bi BEI. Dawn iridu jkunu mmexxija mill-għalliema speċjalizzati, u jinkludu AST imħarrġa speċifikament, b'deskrizzjoni ċara tax-xogħol tagħhom li jkopri l-kura tal-bżonnijiet kollha ta' l-istudenti. Iċ-Ċentri ta' Riżorsi jrid ikollhom ukoll staff ta' assistenti personali mħarrġa, bil-kompitu li jridu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet personali u fiżiċi skond il-bżonnijiet ta' l-istudenti.

Nuqqasijiet fir-riżorsi eżistenti jridu jiġu indirizzati. Dawn in-nuqqasijiet jinkludi l-bżonn ta' provediment akbar tas-servizzi tal-fiżjoterapija, terapija tat-taħdit u l-lingwa, kif ukoll l-introduzzjoni tat-terapija okkupazzjonali. Matul iż-żmien tal-Pjan għall-Pożizzjoni Ġdida, id-DE għandha tingħata r-riżorsi professjonali meħtieġa biex hi jkollha l-kontroll b'mod li tkun tista' tipprovdi dawn is-servizzi, skond il-bżonnijiet u l-esiġenzi tas-sistema edukattiva.

L-użu ta' riżorsi u apparat speċjalizzat għandu jkun parti mit-taħriġ u r-responsabilitajiet ta' l-istaff tat-tagħlim u tas-sapport li jipprovdu edukazzjoni speċjalizzata fiċ-Ċentri ta' Riżorsi.

Id-deskrizzjoni ta' xogħol tar-riżorsi umani li jaħdmu fl-iskejjel speċjali għandhom ikunu skond is-settur u l-aktar ċari possibbli, fir-rigward tal-firxa ta' responsabilitajiet li jridu jintrefgħu mill-gradi differenti ta' l-istaff. Nerġgħu nirrepetu, id-deskrizzjonijiet tax-xogħol ta' l-istaff kollu ta' sapport għandhom jinkludu lista ta' ħidmiet relatati mal-bżonnijiet personali li hemm bżonn li jsiru b'mod regolari u li jitolbu ħafna mill-*personnel* kkonċernat u dan jinkludi, kura u iġjene personali, irfigħ u tqandil ta' studenti. Id-deskrizzjoniet tax-xogħol iridu jikkorrispondu, fejn applikabbli, ma' normi mħarsa mill-Unjoni Ewropea.

Il-GĦ jikkonsidra li t-taqsima speċjali fl-iskola ta' Sannat, Għawdex għandha potenzjal ċar biex tinbidel f'ċentru ta' riżorsi b'numru differenti ta' funzjonijiet. Iċ-Ċentru għandu jingħata l-għajnuna biex jibda joffri servizzi li jistgħu jissapportjaw ukoll b'mod effettiv żjajjar ipprogrammati minn studenti mill-iskejjel regolari f'Għawdex.

Il-Grupp jemmen li l-potenzjal fl-iskola speċjali tal-Wardija jista' jintuża b'mod aktar effettiv jekk l-iskola ssir ċentru ta' riżorsi li l-ispeċjalita' li tilħaq fi ħdan ir-rwoli differenti tagħha tkun il-provediment relatat ma' diżabilitajiet differenti ta' awtiżmu.

Bl-ebda mod ma għandu ċ-ċentru jintuża bħala post faċli u ta' malajr biex studenti jitpoġġew hemmhekk permanentement f'ambjent segregat minħabba d-diżabilita' tagħhom.

Iċ-Ċentru tas-Snajja' ta' St Patrick għandu bżonn attenzjoni partikolari. La hu skola regolari u lanqas ma hu skola speċjali. Ma għandux identita', b'riperkussjonijiet inevitabbli. Il-katina ta' kmamar f'lokalita' tajba jinsabu fi stat mhux aċċettabli, minkejja l-isforzi qalbiena ta' l-istaff.

Iċ-Ċentru mhux jingħata biżżejjed riżorsi ta' manteniment, ma għandu l-ebda staff għat-tindif, l-anqas purtinar. L-istaff tat-tagħlim hu ta' żewġ għalliema u tliet *instructors*. Barra li jridu jieħdu ħsieb popolazzjoni ta' madwar 40 student ta' l-eta' sa 16-il sena u li għandhom diffikultajiet emozzjonali u ta' mġiba (li minnhom madwar nofshom biss jattendu) iridu huma stess inaddfu u jmantnu ċ-Ċentru.

Il-Grupp iħoss li l-istruttura amministrattiva taċ-Ċentru hemm bżonn li tiġi riveduta b'urġenza. Iċ-Ċentru għandu l-potenzjal li jsir ċentru ta' tagħlim għal studenti li għandhom problemi emozzjonali u ta' mġiba - li jsegwu programm speċifiku għal perjodu stipulat ta' żmien - bil-għan li jkun hemm integrazzjoni mill-ġdid fl-edukazzjoni regolari.

Il-Grupp jenfasizza li l-baġits allokati għaċ-ċentri ta' riżorsi jridu jkunu adekwati u jrid ikun hemm ukoll is-sapport b'mod dirett u urġenti mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, anke jekk wieħed japprezza l-pressjoni li hemm fuq ir-riżorsi tal-Fondazzjoni.

### 7.1 L-Istruttura Maniġerjali

Irrispettivament mill-fatt jekk l-iskejjel speċjali jiġux ikkonvertiti jew le f'ċentri ta' riżorsi, il-GĦ hu ta' l-opinjoni li l-maniġment ta' l-iskejjel speċjali ma jistax jibqa' strutturat kif inhu llum, minkejja l-ħafna diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom dawk li jmexxu. L-istuttura maniġerjali u l-livell ta' riżorsi għall-manteniment għal dan is-settur irid jiġi rivedut b'mod kritiku.

L-istruttura maniġerjali li hemm fil-preżent hi bbażata fuq il-mudell ġenerali li hu dipendenti wisq fuq il-popolazzjoni ta' l-iskola. Il-Grupp innota miż-żjajjar li saru lill-ħames skejjel speċjali, iċ-Ċentru tas-Snajja' ta' St Patrick u t-Taqsima Speċjali ta' Sannat, li l-immaniġġjar ta' l-istaff fi skola speċjali jitlob min-natura tiegħu ħafna minħabba li n-numru ta' l-istaff ta' għalliema u dawk li jipprovdu sapport imqabbel ma' l-istudenti hu ġeneralment ogħla mill-iskejjel regolari. Il-piż tal-maniġment ta' dawn l-iskejjel jikber jekk l-iskejjel speċjali jinbidlu f'ċentri ta' riżorsi kif irrakkomandat aktar kmieni.

Il-Grupp iħoss li, b'żieda ma' kap ta' skola, l-iskejjel speċjali għandu jkollhom assistent kap, kif ukoll aktar sapport klerikali milli hemm illum.

Il-GĦ nnota, kif ukoll ġie enfasizzat mill-ġenituri, li persuni li jilħqu l-eta' ta' meta suppost jispiċċaw mill-iskola -19 - u li jibbenefikaw jekk dawn jibdew jattendu Ċentri ta' Taħriġ għall-Adulti (magħrufa bħala ATCs), mhux dejjem ikunu jistgħu jagħmlu dan. Meta dawn iċ-Ċentri jkunu mimlija u ma jkunux jistgħu jaċċettaw aktar klijenti, żgħażagħ li jkunu jattendu l-iskejjel speċjali xi kultanti jibqgħu hemmhekk.

Il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali pprovda lill-Grupp b'informazzjoni aġġornata ta' l-iskop u l-pożizzjoni tal-ATCs. L-għanijiet tal-ATCS, skond il-Ministeru, huma li jagħtu lill-klijenti s-sapport li għandhom bżonn biex ikollhom l-ogħla kwalita' ta' ħajja u li joffru lill-familji tagħhom l-mistrieħ u s-sapport li għandhom bżonn.

F'April 2005, kien hemm disa' Ċentri b'popolazzjoni kif tidher hawnhekk:

Tabella 10: Popolazzjoni ta' l-ATCs (31/04/05)

| **Ċentru** | **Popolazzjoni** | **Ħaddiema ta' Sapport** |
|---|---|---|
| Santa Venera (għal persuni għomja) | 26 | 6 |
| Fleur-de-Lys | 69 | 18 |
| Ħal Far | 88 | 29 |
| L-Imtarfa (tnejn) | 102 | 38 |
| Marsaskala | 66 | 17 |
| Pembroke | 9 | 3 |
| Il-Kottonera | 19 | 4 |
| Is-Swatar | 14 | 4 |
| **Total** | **393** | **119** |

Sors:MFSS

Il-Ministeru ta parir lill-Grupp li għaddej eżerċizzju biex tiġi stabilita l-kapaċita' attwali ta' dawn iċ-Ċentri. In-numru ta' klijenti man-numru ta' ħaddiema jinħadem wara li tkun ittieħdet konsiderazzjoni tal-bżonnijiet ta' kull klijent individwali.

Iċ-Ċentri jaħdmu fuq dawn il-ħiliet: edukazzjoni bażika, ħiliet għal għajxien indipendenti, ħiliet personali, sigurta' fit-tisjir u l-ikel, snajja', xogħol fil-ġnien, drama u mużika u impjieg issapportjat.

Fost il-problemi li l-ATCs qed jiffaċċjaw skond il-Ministeru hemm:

a) nuqqas ta' spazju speċjalment fiċ-Ċentri ta' l-Imtarfa, Marsaskala u Fleur-de-Lys;
b) nuqqas ta' ħaddiema ta' sapport biex iħaddmu l-Pjan ta' Kura Individwali;
c) nuqqas ta' ħaddiema ta' sapport professjonali;
d) nuqqas ta' taħriġ adekwat lill-istaff.

Waqt li l-ATCs ma jagħmlux parti mill-ħidma tiegħu, il-GĦ jħoss li l-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali, fi ħdan il-kompetizzjoni għar-riżorsi u n-nuqqas ta' fondi pubbliċi, għandu jkollu prijorita' għal riżorsi mill-baġit biex ikun jista' jindirizza ta' l-anqas ir-rekwiżiti prinċipali msemmija hawn fuq. Dan ikollu wkoll impatt fuq l-abilita' ta' l-iskejjel speċjali biex jiffunzjonaw b'mod aktar effettiv u ġust, kemm fil-format preżenti kif ukoll bħala ċentri ta' riżorsi.

Nuqqas ta' spazju, ħaddiema professjonali u oħrajn u taħriġ itellef milli l-istudenti jimxu mill-iskejjel speċjali għall-ATCs. Dawn joħolqu żvantaġġi fuq dawn l-istudenti u fl-istess ħin jonqos in-numru ta' studenti ġodda li jidħlu fl-iskejjel speċjali billi studenti li ma jidħlux fl-ATCs fl-eta ta' 19-il sena ħafna drabi jibqgħu hemm. Din ir-restrizzjoni qed toħloq lista ta' studenti li qed jistennew biex jidħlu fl-iskejjel speċjali. Ma' dawn l-effetti xejn sbieħ, wieħed irid iżid il-konsiderazzjoni li dawk li jibqgħu fl-iskejjel speċjali wara l-eta' uffiċjali li suppost jispiċċaw ta' 19-il sena, ikomplu jaqsmu l-istess ambjent ma' individwi iżgħar minnhom, ħafna drabi iżgħar minnhom ħafna.

Il-Grupp jemmen li ATCs li jkunu attrezzati sew jistgħu joffru kontribuzzjoni utli ħafna lill-istudenti b'diżabilita' intellettwali li joħorġu mill-iskejjel speċjali u l-iskejjel regolari. Dan jista' jsir billi l-ATCs jinbidlu f'ċentri ta' riżorsi għall-adulti li jipprovdu b'mod aktar estensiv opportunitajiet ta' xogħol fuq bażi *part time* jew *full time* u attivitajiet bis-sens fil-komunita'.

Il-GĦ nnota li l-popolazzjoni żejda fl-iskejjel speċjali ma teżistix fl-iskejjel kollha. Osservazzjoni kontrastanti hi li l-ispazju u l-kapaċitajiet f'xi skejjel speċjali mhux dejjem huma użati sal-massimu. Ir-riżorsi speċjalizzati li fihom għalhekk jistgħu jintużaw aktar, inkella jirriżultaw ineffiċjenzi fis-sens ekonomiku. Dan isaħħaħ ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp biex l-iskejjel speċjali jinbidlu f'ċentri ta' riżorsi b'funżjonijiet differenti kif spjegat aktar kmieni. B'hekk inkunu qed nimmassimizzaw l-użu tar-riżorsi speċjalizzati skarsi umani u kapitali għall-użu ta' l-akbar bżonn uman u biex jagħti l-ogħla frott soċjali.

## 7.2 Il-Provedimenti għal Studenti b'Nuqqas ta' Smigħ

L-Iskola Helen Keller fil-preżent tieħu ħsieb studenti b'nuqqas sensorjali u nuqqasijiet oħra u toffri wkoll servizz mill-bogħod lill-istudenti neqsin mis-smigħ fl-iskejjel. Minkejja l-passat tagħha, u l-fatt li studenti neqsin mis-smigħ fi ħdan is-settur edukattiv statali huma inqas minn 100, is-sitwazzjoni tidher, kif ikkonfermata mis-sottomissjonijiet li saru lill-Grupp, bħala waħda mhix sodisfaċenti.

Dawk li għandhom nuqqas ta' smigħ isibuha aktar faċli li jieħdu edukazzjoni effettiva, fl-iskejjel speċjali kif ukoll fl-iskejjel regolari, jekk ikollhom għajnuniet tekniċi u assistenza fit-tagħlim. Numru ta' ġenituri sostnew mal-Grupp li l-provediment tal-għajnuniet tekniċi mhux wieħed adekwat.

Fir-rigward ta' l-assistenza fit-tagħlim, il-Grupp innota li kien hemm skarsezza ta' għalliema speċjalizzati, li saret akuta aktar minħabba li numru ta' għalliema li kienu mħarrġa fl-edukazzjoni ta' l-istudenti neqsin mis-smigħ telqu għal xi raġuni jew oħra. Dan, flimkien ma' provediment imferrex, inaqqas mill-abilita' ta' l-Iskola Helen Keller milli toffri servizz 'il barra mill-iskola b'mod suffiċjenti.

Studenti b'nuqqas ta' smigħ qawwi, fil-maġġoranza tagħhom, għandhom bżonn ambjent fejn il-komunikazzjoni tista' seħħ b'mod fluwenti. Billi l-biċċa l-kbira tagħhom jikkomunikaw permezz tal-lingwa tas-sinjali, hu essenzjali li huma jkollhom ambjent fejn din il-lingwa hi "mitkellma" u mifhuma. In-nuqqas ta' taħriġ minimu lill-bicca l-kbira ta' l-edukaturi fil-lingwa tas-sinjali hu wkoll ostakolu għall-inklużjoni soċjali.

Il-GĦ jirrakkomnada li d-DE tagħżel numru ta' skejjel regolari primarji u sekondarji biex ikollhom taqsima li tieħu ħsieb studenti b'nuqqas ta' smigħ qawwi. It-taqsima tipprovdi studenti b'sapport individwali, waqt li jinżamm aċċess massimu għall-klassijiet regolari u provedimenti oħra ta' l-iskola.

Sar suġġeriment lill-Grupp, minn studenti neqsin mis-smigħ, li terapisti tat-taħdit li għadhom kif iggradwaw u li ma ġewx assorbiti mis-servizz mediku ta' l-istat, jiġu offruti l-opportunita' ta' taħriġ supplimentari biex ikunu jistgħu jiġu utilizzati biex jissapportjaw studenti neqsin mis-smigħ.

Il-GĦ jħoss li dawn is-suġġerimenti prattiċi għandhom jiġu eżaminati aktar fil-Programm Parallel bil-possibilita' li jiġu implimentati. Il-Grupp jemmen ukoll li studenti b'nuqqas ta' smigħ qawwi li l-ewwel lingwa tagħhom hi l-Lingwa tas-Sinjali Maltija, li tagħmilhom minoranza lingwistika, għandhom jiġu pprovduti mid-DE b'interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali, jekk iridu li noffrulhom sapport xieraq.

Ukoll, aktar sforz irid isir mill-Programm Parallel biex titjib l-akustika fil-klassijiet fejn ikun hemm studenti neqsin mis-smigħ, u wkoll biex jintlaħqu mingħajr dewmien bla bżonn, il-bżonnijiet ta' studenti neqsin mis-smigħ għal *hearing aids* u apparat ieħor tekniku. Id-DE għandha wkoll issib soluzzjoni, permezz ta' kuntatti industrijali xierqa, għad-diffikultajiet li jiffaċċjaw studenti li l-għalliema tagħhom ma jaċċettawx li jilbsu r-*radio aids* li huma essenzjali għalihom biex isegwu l-lezzjoni.

### 7.3 Il-Provedimenti għal Studenti Neqsin mid-Dawl

Studenti għomja u neqsin mid-dawl għandhom diversi bżonnijiet li jinħtieġu varjeta' ta' servizzi bħal ma huma gwidi għall-mobilita', qarrejja, *instructors* tal-Braille, aċċess għall-kompjuter, eċċ.

Għalkemm l-inċidenza ta' dan in-nuqqas hi relattivament baxxa, għalliema speċjalizzati, specjalment bit-taħriġ tal-mobilita' u l-Braille, huma essenzjali. Fil-preżent ma hemm ħadd li qed jgħallem il-mobilita' lill-persuni għomja. Il-komunita'

tal-persuni neqsin mid-dawl reċentement tilfet l-uniku *instructor* tal-Braille fis-servizz pubbliku. Għalliema oħra tal-Braille se tirtira dalwaqt. Għalhekk, dalwaqt ma jkun hemm ħadd ikkwalifikat biex jgħallem il-Braille fil-gżejjer Maltin.

Il-GĦ jirrakkomanda li, bħala parti mill-Programm ta' Pożizzjoni Ġdida, programm ta' taħriġ għandu jiġi żviluppat u implimentat biex dawn is-servizzi jibdew jingħataw mill-iskola Helen Keller li l-Grupp qed jirrakkomanda li għandha tevolvi bħala ċentru ta' riżorsi.

## 7.4 It-Trasport ta' l-Iskejjel

Il-GĦ osserva li d-DE għandha żewġ sezzjonijiet dwar it-trasport bi rwoli separati. Waħda hi responsabbli li tipprovdi trasport lill-istudenti li jattendu skejjel regolari u skejjel speċjali. L-oħra biex tixtri u tmantni l-vetturi tad-Diviżjoni, inklużi l-vannijet bit-*tail-lift* li huma proprjeta' tad-Diviżjoni. Il-ko-ordinament bejn iż-żewġ sezzjonijiet mhux adekwat.

L-iskorta ta' studenti b'diżabilita' hi responsabilita' ta' l-iskola. Membri ta' l-istaff li għandhom id-dover li jkunu skorta ta' studenti li jużaw siġġu tar-roti ma għandhom l-ebda gwida u taħriġ biex jagħmlu dan ix-xogħol.

Il-Grupp jirrakkomanda li għandu jkun hemm Sezzjoni tat-Trasport waħda fi ħdan id-DE biex tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' l-istudenti, bi staff imħarreġ tajjeb li jkun responsabbli minn:

a) jidentifikaw u jużaw l-aħjar apparat meħtieġ mit-tipi varji tas-siġġijiet tar-roti/*buggies*, u l-użu ta' rbit meħtieġ mill-passiġġieri għas-sigurta' tagħhom;
b) l-ingaġġ ta' skorti għal studenti b'diżabilita' u t-taħriġ tagħhom biex tipprepara pjanijiet ta' evakwazzjoni u drills;
c) tassigura li l-kuntratti għat-trasport lill-iskejjel regolari, issa kommessi għall-inklużjoni, jingħataw lil dawk li jipprovdu s-servizz u għandhom numru adekwat ta' vetturi li huma aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti; u taħdem lejn l-objettiv li, matul il-perijodu tal-Programm Parallel, it-trasport kollu ta' l-iskejjel ikun aċċessibbli għal kulħadd, inkluż għal persuni li jużaw siġġu tar-roti;
d) flimkien mat-Taqsima tas-Saħħa u s-Siġurta' tad-Diviżjoni, tagħmel assessment tar-riskji li hemm fil-vetturi tad-Diviżjoni li jġorru t-tfal ta' l-iskola, inklużi l-vannijiet bit-*tail-lift*, kif ukoll vetturi mikrija;
e) tassigura li l-vetturi jinżammu fi stat tajjeb;
f) minn żmien għal żmien tagħti lid-Diviżjoni taħriġ matul ix-xogħol (*in-service*);
g) tifformola *policies*, u taġġornahom minn żmien għal żmien.

B'mod aktar ġenerali, is-Sezzjoni waħda tat-Trasport irrakkomandata fi ħdan id-DE għandha tagħmel malajr reviżjoni tal-prattiki tat-trasport li jikkonċernaw, imma mhux ristrett għalihom biss, studenti b'diżabilita'. Għandha wkoll tassessja s-sistemi ta' sigurta' li suppost qed jintużaw, sa liema livell l-iskorti huma speċifikament imħarrġa u sorveljati, u b'mod kritiku tevalwa fatturi oħrajn li għandhom x'jaqsmu mas-salvagwardji kontra t-tbatija u l-inċidenti.

Il-GĦ jħoss li l-ko-ordinament minn sezzjoni waħda tat-trasport għandu jġib miegħu servizz aħjar, aktar effiċjenti u ta' valur aħjar għall-flus minfuqa meta mqabbel mas-sistema frammentata li hemm bħalissa. Il-Grupp jinnota li l-flus minfuqa fuq it-trasport għall-iskejjel speċjali u regolari fir-rigward ta' studenti b'diżabilita' qed jiżdied, mingħajr evidenza li l-bżonnijiet qed jiġu sodisfatti aktar. Wieħed għandu jeżamina jekk l-ispiża kurrenti tal-provedimenti privati tiġi kapitalizzata, l-ammont li jirriżulta jkun jista' jiġi utilizzat biex jingħata servizz aħjar immexxi minn *management* tajjeb. L-eżerċizzju jista' jiddetermina jekk il-provediment privat għandux jinxtara bi spiża anqas.

Numru ta' ġenituri semmew is-sitwazzjoni tat-trasport fl-iskejjel mhux ta' l-istat. Huma jħossu li studenti b'diżabilita' f'dawn l-iskejjel ukoll qed jesperjenzaw diffikultajiet konsiderevoli, jew isibuha impossibbli li jkollhom trasport adekwat għall-iskola. Din is-sitwazzjoni, xi kultant, qed tpoġġi diiffikultajiet kbar fuq il-[enituri f'termini ta' nfiq finanzjarju u \mien biex iwasslu 'l uliedhom l-iskola u lura (spe`jalment fil-ka\ ta' [enituri li ja]dmu).

Il-Grupp jemmen li għandha tingħata konsiderazzjoni biex tiġi estiża s-sistema ta' trasport ta' l-iskola ffinanzjat mill-istat, kif rivedut f'paragrafu (c) hawn fuq, lil tfal b'diżabilita' li jattendu skejjel mhux ta' l-istat. L-ispiża addizzjonali għandha tkun relattivament marġinali. Tkun ukoll żero f'dawk il-każijiet fejn il-ġenituri, minħabba dawn id-diffikultajiet, ikunu kostretti li jittrasferixxu 'l uliedhom fl-iskejjel ta' l-istat.

## 7.5 Is-Sħubija bejn l-Istat u l-Ġenituri

Fl-aħħar nett, il-GĦ jixtieq li jmur xi ftit lil hinn mill-kompitu tiegħu biex jirreġistra inkwiet ġenwin u li jinħass b'ċerta qawwa minn numru ta' ġenituri/dawk li jieħdu ħsieb tfal b'diżabilita' li huma mħassba dwar x'se jiġri minn uliedhom meta huma ma jkunux jistgħu jkomplu jieħdu ħsiebhom. Xi ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebhom infurmaw lill-Grupp li huma lesti li flimkien jiġbru l-kapital meħtieġ biex jibnu dar adattata għal grupp żgħir ta' persuni b'diżabilita', ikun xi jkun is-sagrifiċċju li jidħlu għalih. Madankollu, il-finanzjament ta' l-ispiża rikorrenti, anke jekk tkun ikkontrollata bil-għaqal, xorta tibqa' ħaġa li ma jistgħux jilħqu.

Il-Grupp iħoss li l-mudell ta' sħubija bejn il-privat u l-istat, kif applikat għall-kura taċ-cittadini anzjani fid-djar ta' l-anzjani, jista' jkun adottat għal din il-proposta. Din tista' ssir permezz ta' dak li jista' jissejjaħ Sħubija bejn l-Istat u l-Ġenituri, basta:

- ikun hemm prijoritajiet imfassla fil-livell nazzjonali fil-kuntest ta' *policy* pubblika soċjali li tibqa' tevolvi;
- ikun hemm regolamenti u monitoraġġ ġust imma strett fil-livelli kollha.

F'dan il-każ, l-ispiża marġinali lill-istat ma tkunx daqshekk għolja daqs kemm wieħed iħoss ma' l-ewwel qatgħa, billi persuni b'diżabilita' li għandhom bżonn kura individwali jistgħu eventwalment ikollhom bżonn provediment *full-time* mill-istat.

Biex jinstabu l-bilanċ u l-formola ġusta jinħtieġ aktar evalwazzjoni fil-fond. Pero', jidher li  hemm potenzjal għal tip mhux kummerċjali ta' ko-operazzjoni bejn l-istat u l-privat permezz ta' din il-proposta ta' Sħubija bejn l-Istat u l-Ġenituri.

Il-frott li l-ġenituri huma ħerqana li jkollhom minn din l-ispiża finanzjarja mhux wieħed ta' flus, imma s-serħan il-moħħ mill-għarfien li s-sapport lil uliedhom b'diżabilita' se jkompli jiġi pprovdut wara li ma jkunux jistgħu jibqgħu jagħtuhulhom huma stess.

***It-Tmien Taqsima - Ir-Reviżjoni tal-Qafas Legali***

Il-GĦ jħoss li, filwaqt li l-ħidma li trid issir biex l-edukazzjoni inklużiva u speċjali tkun aktar effiċjenti u effettiva trid tkun prijoritizzata, xi tibdil fil-qafas legali, inkluża l-Kostituzzjoni, irid isir.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta tirreferi għall-edukazzjoni fi tliet artikli, it-tlieta fit-taqsima tad-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji.

Żewġ artikli - 10 u 11 - taħt 'Edukazzjoni' jirreferu għall-edukazzjoni b'mod ġenerali:

> "10 L-edukazzjoni primarja għandha tkun obbligatorja u fl-iskejjel ta' l-Istat għandha tkun bla ħlas."
>
> "11 (1) L-istudenti kapaċi u meritevoli, ukoll jekk mingħajr riżorsi finanzjarji, għandhom dritt li jilħqu l-ogħla gradi ta' edukazzjoni.
>
> (2) L-Istat għandu jagħti effett għal dan il-prinċipju permezz ta' boroż ta' studju, ta' kontribuzzjoniiet lill-familji ta' l-istudenti u provvedimenti oħra fuq il-bażi ta' eżamijiet kompetittivi."

L-unika referenza fil-Kostituzzjoni għall-persuni b'diżabilita' hi inkluża fit-taqsima "Soċjali u Assigurazzjoni", f'Artiklu 17.

> "17 (3) Persuni inkapaċitati u persuni li ma jkunux kapaċi għal xogħol għandhom id-dritt għal edukazzjoni u tħarriġ ta' vokazzjoni."

Il-GĦ jħoss li, b'mod ġenerali, il-Kostituzzjoni għandha tkun aktar speċifika dwar provvedimenti ta' - u mhux biss dritt għal - l-edukazzjoni lill-persuni b'diżabilita'. Per eżempju, il-Kostituzzjoni tas-Slovakkja tiggarantixxi "kura speċjali għaċ-ċittadini ħandikappati bi preparazzjoni għall-karriera tagħhom". Emendi għall-Kostituzzjoni ta' Malta għandhom jinkorporaw lingwaġġ addattat, u jispeċifika l-prinċipju ta' l-inklużjoni.

Kuntrarju għal numru ta' pajjiżi, per eżempju Ċipru, Malta ma għandhiex liġi waħda speċifika fir-rigward ta' studenti bi BEI.

Kif osservat fl-ewwel taqsima (Sfond), provvedimenti speċifiċi rigward l-edukazzjoni ta' studenti bi BEI jinsabu fl-Att dwar l-Edukazzjoni, 1988 u l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita'), 2000.

Ir-referenzi tal-Att dwar l-Edukazzjoni, inklużi, il-Grupp jixtieq jinnota, żewġ provvedimenti li *jeskludu* tfal bi BEI mill-iskejjel regolari, huma:

“4 (b) Huwa dmir ta’ l-Istat li jiżgura li jkun hemm sistema ta’ skejjel u istituzzjonijiet li jkunu miftuħa għaċ-ċittadini Maltin kollha u li jkunu jipprovdu għall-iżvilupp sħiħ tal-personalita’ kollha...”

“16 (1) Ikun id-dmir ta’ l-Istat li jipprovdi għall-edukazzjoni primarja ta’ l-ulied ta’ ċittadini Maltin meta dawk l-ulied ikunu ta’ eta’ obbligatorja għall-iskola, u ma għandhomx bżonnijiet edukattivi speċjali, jew li ma kkwalifikawx għall-edukazzjoni sekondarja.”

“17 Ikun id-dover ta’ l-Istat li jipprovdi għall-edukazzjoni sekondarja ta’ l-ulied ta’ ċittadini Maltin meta dawk l-ulied ikunu tfal li temmew l-edukazzjoni primarja tagħhom u li ma għandhomx bżonnijiet edukattivi speċjali.”

“18 (1) Ikun id-dover ta’ l-Istat li jipprovdi skejjel speċjali għall-ulied ta’ ċittadini Maltin meta dawk l-ulied ikunu minuri li għandhom bżonnijiet edukattivi speċjali.

(2) Minuri jitqies li għandu bżonnijiet edukattivi speċjali meta dak il-minuri għandu diffikultajiet speċjali ta’ xorta fiżika, mentali jew psikoloġika.”

Il-Grupp iħoss li dawn il-provedimenti legali hemm bżonn li jiġu eżaminati mill-ġdid b’mod kritiku u riveduti.

Il-provedimenti f’artikli 16 u 17 li jeskludu tfal bi BEI mill-iskejjel regolari sekondarji ta’ l-Istat huma kompletament kuntrarji għall-*policy* ta’ inklużjoni u saru anakronistiċi. It-termini li jipprovdu għall-esklużjoni għandhom jitneħħew u jinbidlu f’termini speċifikament li jipprovdu li tfal bi BEI għandhom, sa fejn hu possibbli, jingħataw l-edukazzjoni tagħhom fl-iskejjel primarji u sekondarji, megħjuna skond il-bżonnijiet tagħhom.

Artiklu 18 (1) għandu jiġi emendat sabiex, konformi mar-rakkomandazzjoni li għamel il-GĦ f’Taqsimiet 6 u 7, jibda jirreferi għal “provedimenti f’ċentri ta’ riżorsi, li r-rwol speċjalizzat tagħhom ikun jinkludi provedimenti għal tfal bi BEI li jibbenefikaw aktar jekk ikunu f’dawn iċ-ċentri milli jekk ikunu fl-iskejjel regolari, għal dak iż-żmien xieraq skond il-bżonnijiet tagħhom.”

Artiklu 18 (2) għandu jinbidel b’definizzjoni għat-tliet artikli relatati ma’ dan is-suġġett jiġifieri 16,17 u 18. Id-definizzjoni għandha taqra hekk: ”ta’ natura fiżika, sensorjali, intellettwali u psikoloġika”.

Il-Grupp jirrakkomanda li din il-parti ta’ l-Att dwar l-Edukazzjoni għandha wkoll tistipula l-obbligi ta’ l-istituzzjonijiet edukattivi mhux ta’ l-istat biex jipprovdu edukazzjoni inklużiva. Għandu wkoll ikun imniżżel l-obbligu ta’ l-istat li jipprovdi riżorsi finanzjarji adekwati biex ikunu koperti s-sapport individwali jew maqsum

għat-tagħlim li l-ġenituri jista' jkollhom iħallsu direttament lill-iskejjel indipendenti, suġġetti għall-proċeduri applikabbli għal dan is-settur ta' l-istat u tal-Knisja u għal regolamenti xierqa.

Wara li l-Kostituzzjoni ssir aktar assertiva rigward l-edukazzjoni inklużiva u speċjali, u l-Att dwar l-Edukazzjoni jiġi emendat skond kif irrakkomandat hawnhekk, il-bżonn li ssir leġiżlazzjoni speċifika jonqos aktar, bħal ma ġara f'xi pajjiżi oħra. Pero' hu mixtieq li jkun hemm monitoraġġ u evalwazzjoni, fuq bażi kontinwa, kemm dwar l-iżviluppi lokali kif ukoll dwar l-esperjenzi f'postijiet oħra, b'mod speċjali l-obbligazzjoni ta' l-awtoritajiet edukattivi li jagħmlu monitoraġġ u evalwazzjoni ta' dan l-operat.

Il-GĦ jissuġġerixxi, għalhekk, li tingħata konsiderazzjoni lill-proposta li jitwaqqaf Kumitat Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti dwar l-Oqsma tad-Diżabilita' u li dan ikollu r-riżorsi ta' sapport meħtieġa. Fost l-objettivi prinċipali, il-Kumitat Permanenti dwar l-Oqsma tad-Diżabilita' għandu:

- jimmoniterja u jevalwa kif il-provedimenti legali eżistenti rigward il-persuni b'diżabilita', inklużа l-edukazzjoni, qed ikunu implimentati;
- iżomm informazzjoni dwar żviluppi relevanti f'soċjetajiet progressivi barranin, partikolarment fi stati relattivament żgħar bħal ma huma l-Irlanda, Ċipru u l-Iżlanda;
- iżomm ruħu aġġornat dwar l-aħjar prattiki li jkun hemm dak iż-żmien f'dan is-settur;
- jirrapporta l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Kamra ta' l-anqas darba fis-sena; u
- jirrakkomanda lill-Karmra provedimenti leġiżlattivi ġodda li l-Kumitat iħoss li jkun hemm bżonn minħabba żviluppi filosofiċi jew prattiċi, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

Il-Grupp jissuġġerixxi wkoll li dan il-Kumitat Permanenti għandu jitmexxa mill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, biex jirrifletti u jikkonferma l-karattru u l-objettivi nazzjonali inklużivi tiegħu.

***Id-Disa' Taqsima - Il-Kisba fuq id-Deżert tal-Post tax-Xogħol***

Artiklu 1 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddikjara li:

> "Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-liberatajiet fundamentali ta' l-individwu".

Id-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji fil-Kostituzzjoni tibda bid-dikjarazzjoni (artiklu 7) li:

> "L-Istat jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini kollha għal xogħol u għandu jġib 'il quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu dan id-dritt effettiv."
> Artiklu 21 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, 1988 jispeċifika li:
> "Ikun id-dmir ta' l-Istat li, wara li jkun ipprovda għall-edukazzjoni ta' ċittadini Maltin biex ikunu jistgħu jiffurmaw il-ġudizzju indipendenti tagħhom, jistabilixxi dawk il-facilitajiet skolastiċi li l-istat jidhirlu meħtieġa biex jipprovdi lil dawk iċ-ċittadini bl-opportunita' li jikkwalifikaw fis-snajja', mestieri, attivitajiet artiġjanali, tekniċi jew kummerċjali, u fil-professjonijiet biex b'hekk iħejji, jgħallem u jagħti sens ta' dixxiplina lil dawk iċ-ċittadini għax-xogħol fil-komunita'."

Id-dritt għax-xogħol hu relatat b'mod li ma tistax tisseparah mill-edukazzjoni. Għan prinċipali ta' l-edukazzjoni hu li tipprepara lill-individwu biex jesplojtja u anke biex joħloq opportunitajiet għalih fil-post tax-xogħol skond l-abilitajiet u x-xejriet tiegħu. Hu għan bażiku tas-servizzi edukattivi li jippreparaw lill-persuni b'diżabilita għal "opportunitajiet ta' impjieg u rikreazzjoni" (Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-Ġnus Magħquda, 1989).

Id-Dikjarazzjoni ta' Madrid (tal-Kungress Ewropew dwar Persuni b'Diżabilita', 2002) ukoll tisħaq li

> "il-komunitajiet kollha għandhom jiċċelebraw id-diversita' fi ħdan il-komunitajiet tagħhom u jfittxu li jassiguraw li l-pesuni b'diżabilita' jkunu jistgħu jgawdu l-firxa kollha tad-drittijiet umani: ċivili, politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali..."

Dejjem ikun hemm xi nuqqas bejn id-dikjrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-prinċipji. Fil-każ ta' persuni b'diżabilita', in-nuqqas bejn id-dritt għax-xogħol u li attwalment issib ix-xogħol, mhux jidher li qed jonqos. Fl-Att ta' l-1969, dwar l-Impjiegi (Persuni Ħandikappati), il-leġiżlaturi Malti stabilixxew li min iħaddem aktar minn 20 persuna huwa obbligat li jinkludi minimu ta' persuni b'diżabilita' ekwivalenti għal "kwota" jew "persentaġġ standard" ta' tnejn fil-mija. Hi realta' li jaraha kulħadd li dan il-provediment hu aktar magħruf għan-nuqqas ta' osservanza tiegħu milli għall-osservanza.

Filwaqt li l-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u t-Taħriġ (ETC) u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO) qed jaħdmu biex jiġbru *data* dwar l-impjieg ta' persuni

b'diżabilita', dan il-qasam statistiku jinħtieġ li jimtela b'ammont konsiderevoli ta' aktar dettall biex jippermetti analiżi aktar profonda tas-sitwazzjoni li ninsabu fiha.

Il-GĦ nnota li ma hemm l-ebda *tracer studies* fir-rigward ta' studenti b'diżabilita' li telqu mill-iskola, nuqqas li l-Grupp iħoss li għandu jiġi indirizzat.

Punt kruċjali li l-ġenituri ta' studenti b'diżabilita' saħqu dwaru kien li għal uliedhom il-passaġġ għall-post tax-xogħol kien qishom qed jaqsmu deżert li ma jispiċċa qatt, rarament imtaffi minn oażi ta' xi tip. Dan hu rifless, anke jekk paradossalment, bil-kburija li juru l-edukaturi, partikolarment ta' l-iskejjel speċjali, meta jsemmu li xi ftit individwi mill-istudenti tagħhom jirnexxilhom isibu xogħol imħallas *part-time* u xi kultant anke *full-time*.

*Labour Force Survey* (LFS) li sar mill-NSO f'Ġunju 2002 jindika li minn 147,871 persuna fl-impjieg, 7,226 - jew 4.89% - qalu li għandhom diżabilita' jew problema ta' saħħa fit-tul. Minn dawk li qalu hekk, 1,738 kienu impjegati f'dipartimenti tal-gvern jew ministeri.

Il-Grupp innota li dan jikkontrasta mar-riżultat ta' eżerċizju li sar mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-2002 biex jiġi stabilit in-numru ta' persuni reġistrati bħala persuni b'diżabilita' fis-Servizz Pubbliku.

Ir-riżultat ingħata lill-GĦ mis-Segretarju Prinċipali Permanenti. Dan wera li kien hemm 174 impjegat fis-Servizz Pubbliku li kienu rreġistrati bħala persuni b'diżabilita' mal-KNPD, jew 0.6% tat-total ta' 30,644 impjegati fis-Servizz.

It-total ta' 174 impjegat b'diżabilita' mal-KNPD fis-Servizz Pubbliku hu insinifikanti meta mqabbel mal-1,738 impjegat fid-dipartimenti u Ministeri tal-gvern li qalu li għandhom diżabilita' u ġew ikklassifikati hekk fil-*Labour Force Survey* ta' l-NSO ta' l-2002.

Dan il-kuntrast jixħet dubju fuq, u għal liema grad, il-bqija tas-7,226 li fis-servej ta' l-NSO qalu li għandhom diżabilita' jew problemi ta' saħħa mentali jistgħu jitqiesu bħala persuni b'diżabilita' fis-sens ta' dan ir-Rapport. In-numru reali ta' persuni b'diżabilita' fl-impjieg kien, probabilment, ferm anqas.

Id-*data* dwar l-impjieg ma għandhiex tibqa' tingħata bħala totali u hekk bil-mod il-mod ikollna stampa aktar ċara tan-numru reali ta' persuni b'diżabilita' fl-impjieg. Hu fatt, imma, li hemm, xahar wara xahar, numru ta' mijiet jirreġistraw mar-Reġistru tal-Persuni b'Dizabilita' Qiegħda ta' l-ETC (322 fi tmiem l-2004).

Il-GĦ jaqbel mal-ġenituri ta' studenti b'diżabilita' li l-proċess ta' edukazzjoni inklużiva u speċjali ma għandux iwassal għal deżert fl-impjiegi. Mhux biżżejjed li nenfasizzaw li persuni b'diżabilita' għandhom ikunu rikonoxxuti għall-potenzjal pożittiv tagħhom, aktar milli jiġu rifjutati, spiss minħabba preġudizzji għomja.

Hemm bżonn li jkun hemm għarfien fost min iħaddem li, hi x'inhi d-differenza fil-mod kif aħna magħmula, aħna lkoll flimkien nagħmlu l-qawsalla ta' l-umanita'. Jekk ma ninkludux lil kull wieħed minna, il-qawsalla ma tkunx kompluta.

Il-Grupp jemmen li għandu jkun hemm infurzar aktar iebes ta' dawk il-provedimenti li jagħtu l-opportunita' lill-istudenti u persuni oħra b'diżabilita' li jidħlu fil-post tax-xogħol u li jagħtu l-kontribut tagħhom permezz ta' impjieg bi qligħ.

Min iħaddem għandu jkunu inkoraġġut li jimxi fuq l-eżempju ta' dak fosthom li warrbu l-preġudizzji u t-tnikkir bla bżonn, biex jagħrfu li meta tipprovdi opportunitajiet lill-persuni b'diżabilita', dan mhux biss hu moralment korrett, imma wkoll jagħti aktar valur lill-post tax-xogħol u lill-operat ekonomiku tagħhom.

## 9.1 Is-Settur Pubbliku Jagħti l-Eżempju

Il-GĦ kkonsidra wkoll li s-settur pubbliku għandu jagħti l-eżempju f'din id-direzzjoni.

Il-Grupp innota li s-Serizz Pubbliku diġa' għandu *policy* pożittiva rigward l-impjieg ta' persuni b'diżablita'.
Il-Grupp ingħata l-parir li, skond din il-*policy*, jekk persuna b'diżabilita' reġistrata ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-eliġibilita' għall-applikazzjonijiet, imma, madankollu, kapaċi taqdi l-essenzjal tad-dmirijiet marbuta ma' dak il-post/pożizzjoni, dik il-persuna tista' titlob konsiderazzjoni speċjali meta tapplika.

Il-Grupp ingħata wkoll il-parir li teżisti proċedura fil-Kodiċi Maniġerjali tas-Servizz Pubblik, li trid tiġi segwita f'dawn il-każijiet.

Il-GĦ hu ta' l-opinjoni li, meta tikkonsidra l-kobor tas-Servizz Pubbliku, hu jista' jissodisfa b'mod aktar attiv il-provediment ta' opportunitajiet ta' impjieg lill-persuni b'diżabilita'.

Madwar 1,000 persuna joħorġu mis-Servizz kull sena, minħabba rtirar, riżenji, *boarding out* għal raġunijiet mediċi, tkeċċija jew mewt. Il-Grupp jissuġġerixxi li numru minn dawn l-impjiegi jistgħu, fl-ewwel post, jiġu offruti lil persuni b'diżabilita' reġistrati ma' l-ETC u li jkollhom ir-rekwiżiti bażiċi li jimlew dawn il-postijiet.

Jekk ikun hemm bżonn, ir-regolamenti dwar ir-reklutaġġ fis-Servizz Pubbliku jistgħu jiġu riveduti biex jippermettu din il-possibilita'.

## 9.2 Il-Konklużjoni

Is-suġġeriment ta' hawn fuq, biex nagħmlu l-opportunitajiet ta' xogħol fis-settur pubbliku aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita', irid jidher fil-kuntest sħiħ.

Is-suġġeriment bl-ebda mod ma hu maħsub li jnaqqas mill-fatt li l-ogħla prijorita' li tgħodd għall-provediment - li tissodisfa il-BEI - għandu jibqa' l-apprezzament sħiħ u l-iżvilupp ta' kwalitajiet pożittivi u l-potenzjal ta' kull persuna.

Dan is-suġġeriment lanqas ma għandu jiżvija l-attenzjoni mill-fatt li għandu jkun hemm approwċ dinamiku u konsistenti biex jintużaw u jinbnew dawn il-kwalitajiet, u biex il-potenzjal jiġi realizzat permezz ta' ħidma li konsistentement iżżid il-valur u tgħin lill-indidividwu jilħaq l-ogħla grad ta' ħiliet biex ikun jiddependu minnu nnifsu.

Il-GĦ fuq l-edukazzjoni inklużiva u speċjali jafferma li b'dan il-mod biss jista' jkun li t-talbiet ġusti u li ma jistgħux jiġi rrifjutati ta' individwi b'diżabilita' biex ikunu jiddependu minnhom infushom u jkollhom id-dinjita' umana jiġu sodisfatti.